IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.6.2018
COM(2018) 480 final

2017/0352 (COD)

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-twaqqif ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE (il-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni) u li jemenda r-[Regolament (UE) 2018/XX [ir-Regolament Eurodac]], ir-Regolament (UE) 2018/XX [ir-Regolament dwar SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi], ir-Regolament (UE) 2018/XX [ir-Regolament dwar l-ECRIS-TCN] u r-Regolament (UE) 2018/XX [ir-Regolament eu-LISA]

MT MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Din il-proposta sservi biex temenda l-proposta tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2017[1] għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni). Din il-proposta, permezz tal-Kapitolu VIIIa, għandha l-għan li temenda l-proposta oriġinali sakemm din tippreżenta biss l-emendi ulterjuri meħtieġa għal strumenti legali oħra li huma meħtieġa skont il-proposta dwar l-interoperabbiltà. Dawn l-emendi kienu identifikati bħala neċessarji fil-proposta oriġinali, iżda, minħabba n-negozjati li għaddejjin bejn il-koleġiżlaturi dwar xi wħud mis-sistemi kkonċernati, ma kienx possibbli li l-emendi meħtieġa jiġu inklużi fil-proposta oriġinali. L-emendi proposti jirrikjedu li d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva bħala konsegwenza tiġi aġġornata.

• Sfond tal-proposta

Fl-aħħar tliet snin, l-UE esperjenzat żieda fil-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri fl-UE, u theddida kontinwa li qed tevolvi għas-sigurtà interna kif muri minn sensiela ta' attakki terroristiċi. Iċ-ċittadini tal-UE jistennew li l-kontrolli fil-fruntieri esterni fuq il-persuni, u l-verifiki fi ħdan iż-żona Schengen, ikunu effettivi, għall-ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni u biex dawn jikkontribwixxu għas-sigurtà interna. Dawn l-isfidi xeħtu enfasi akbar fuq il-ħtieġa urġenti li jingħaqdu u jissaħħu b'mod komprensiv l-għodod ta' informazzjoni tal-UE għall-ġestjoni tal-fruntieri, għall-migrazzjoni u għas-sigurtà.

Il-ġestjoni tal-informazzjoni fl-UE tista' u trid issir aktar effettiva u effiċjenti, bir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali inkluż, b'mod partikolari, id-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali, biex ikunu protetti aħjar il-fruntieri esterni tal-UE, tittejjeb il-ġestjoni tal-migrazzjoni u tissaħħaħ is-sigurtà interna għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha. Diġà hemm numru ta' sistemi ta' informazzjoni fil-livell tal-UE, u qed jiġu żviluppati aktar sistemi, biex il-gwardji tal-fruntiera, l-uffiċjali tal-immigrazzjoni u l-uffiċjali ta' infurzar tal-liġi jiġu pprovduti b'informazzjoni rilevanti dwar il-persuni. Biex dan l-appoġġ ikun effettiv, l-informazzjoni pprovduta mis-sistemi ta' informazzjoni trid tkun kompluta, preċiża u affidabbli. Madankollu, hemm nuqqasijiet strutturali fl-arkitettura tal-UE tal-ġestjoni tal-informazzjoni. L-awtoritajiet nazzjonali jaffaċċjaw xenarju kumpless ta' sistemi ta' informazzjoni ġestiti b'mod differenti minn xulxin. Barra minn hekk, l-arkitettura tal-ġestjoni tad-*data* għall-fruntieri u għas-sigurtà hi frammentata, peress li l-informazzjoni tinħażen b'mod separat f'sistemi mhux konnessi. Dan joħloq lakuni. Konsegwentemnet, **id-diversi sistemi ta' informazzjoni fil-livell tal-UE bħalissa mhumiex interoperabbli** — jiġifieri, mhumiex kapaċi jiskambjaw *data* u jaqsmu informazzjoni biex l-awtoritajiet u l-uffiċjali kompetenti jkollhom l-informazzjoni li jeħtieġu, meta u fejn jeħtiġuha. L-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni fil-livell tal-UE tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jiġu eliminati l-lakuni kurrenti li bihom il-persuni, inklużi dawk li possibilment ikunu involuti f'attivitajiet terroristiċi, ikunu jistgħu jiġu rreġistrati f'bażijiet ta' *data* mhux konnessi bi psewdonimi differenti.

[1] **COM(2017) 794 final tat-12 ta' Diċembru 2017.**

F'April 2016, il-Kummissjoni ppreżentat **il-Komunikazzjoni *Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà***[2] biex tindirizza għadd ta' nuqqasijiet strutturali relatati mas-sistemi ta' informazzjoni[3]. L-għan tal-Komunikazzjoni ta' April 2016 kien li titnieda diskussjoni dwar kif is-sistemi ta' informazzjoni fl-Unjoni Ewropea jistgħu jtejbu l-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni u s-sigurtà interna. **Il-Kunsill**, min-naħa tiegħu, irrikonoxxa b'mod simili l-ħtieġa urġenti għal azzjoni f'dan il-qasam. F'Ġunju 2016, approva **pjan direzzjonali għat-tisħiħ tal-iskambju ta' informazzjoni u għall-ġestjoni tal-informazzjoni** inklużi soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni[4]. L-iskop tal-pjan direzzjonali kien li jappoġġa l-investigazzjonijiet operazzjonali u li jipprovdi minnufih lill-prattikanti li jeħtiġuha l-aktar — bħal uffiċjali tal-pulizija, gwardji tal-fruntiera, prosekuturi pubbliċi, uffiċjali tal-immigrazzjoni u oħrajn — informazzjoni komprensiva, rilevanti u ta' kwalità għolja biex jikkooperaw u jaġixxu b'mod effettiv. **Il-Parlament Ewropew** ukoll talab azzjoni urġenti f'dan il-qasam. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu ta' Lulju 2016[5] dwar il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2017, il-Parlament Ewropew sejjaħ għal "*proposti għat-titjib u l-iżvilupp tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti, tindirizza l-lakuni ta' informazzjoni u timxi lejn l-interoperabbiltà, kif ukoll proposti għall-kondiviżjoni obbligatorja ta' informazzjoni fil-livell tal-UE, flimkien ma' salvagwardji neċessarji għall-ħarsien tal-informazzjoni*". Id-diskors tal-President Juncker dwar l-Istat tal-Unjoni f'Settembru 2016[6] u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2016[7] enfasizzaw l-importanza li jingħelbu n-nuqqasijiet attwali fil-ġestjoni tad-*data* u li tittejjeb l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti.

F'Ġunju 2016, bħala segwitu għall-Komunikazzjoni ta' April 2016, il-Kummissjoni waqqfet **grupp ta' esperti ta' livell għoli dwar is-sistemi ta' informazzjoni u l-interoperabbiltà**[8] biex dan jindirizza l-isfidi legali, tekniċi u operazzjonali tat-tisħiħ tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi ċentrali tal-UE għall-fruntieri u għas-sigurtà, inklużi n-neċessità, il-fattibbiltà teknika, il-proporzjonalità u l-implikazzjonijiet għall-protezzjoni tad-*data* ta' dawn. Ir-**rapport finali** tal-grupp ta' esperti ta' livell għoli ġie ppubblikat f'Mejju 2017[9]. Dan stabbilixxa medda ta' rakkomandazzjonijiet biex jissaħħu u jiġu żviluppati s-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u l-interoperabbiltà tagħhom. L-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u l-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu lkoll ħadu sehem b'mod attiv fil-ħidma tal-grupp ta' esperti. Dawn ilkoll issottomettew dikjarazzjonijiet ta' sostenn, filwaqt li għarfu li biex isir progress hemm bżonn li jiġu indirizzati kwistjonijiet usa' dwar id-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni tad-*data*. Ir-rappreżentanti tas-Segretarjat tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għal-Libertajiet Ċivili, il-

2 COM(2016) 205 tas-6 ta' April 2016.

3 (1) Funzjonalitajiet subottimali f'uħud mis-sistemi ta' informazzjoni eżistenti; (2) lakuni ta' informazzjoni fl-arkitettura tal-UE fil-ġestjoni tad-*data*; (3) xenarju kumpless ta' sistemi ta' informazzjoni ġestiti b'mod differenti minn xulxin; u (4) arkitettura frammentata tal-ġestjoni tad-*data* għall-fruntieri u għas-sigurtà fejn l-informazzjoni tinħażen b'mod separat f'sistemi mhux konnessi, filwaqt li twassal għal lakuni.

4 Il-Pjan Direzzjonali tas-6 ta' Ġunju 2016 għat-titjib tal-iskambju tal-informazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni inklużi soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni — 9368/1/16 REV 1.

5 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2016 dwar il-prijoritajiet strateġiċi għall-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2017 (2016/2773(RSP)).

6 Stat tal-Unjoni 2016 (14.9.2016), https://ec.europa.eu/commission/priorities/state-union-speeches/state-union-2016_mt.

7 Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (15.12.2016), http://www.consilium.europa.eu/en/meetings/european-council/2016/12/20161215-euco-conclusions-final_pdf/.

8 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2016 li tistabbilixxi l-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-interoperabbiltà — 2016/C 257/03.

9 http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetailDoc&id=32600&no=1.

Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill attendew bħala osservaturi. Il-grupp ta' esperti ta' livell għoli kkonkluda li **l-ħidma favur soluzzjonijiet prattiċi għall-interoperabbiltà hi neċessarja u teknikament fattibbli** u li, fil-prinċipju, hu possibbli li dawn jiksbu kemm titjib operazzjonali filwaqt li jkunu konformi mar-rekwiżiti relatati mal-protezzjoni tad-*data*.

Filwaqt li bniet fuq ir-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' esperti, fis-*Seba' rapport ta' progress lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina*[10], **il-Kummissjoni stabbilixxiet approċċ ġdid għall-ġestjoni tad-*data*** għall-ġestjoni tal-fruntieri, tas-sigurtà u tal-migrazzjoni fejn is-sistemi ta' informazzjoni ċċentralizzati kollha tal-UE għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni jkunu interoperabbli filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali. Il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tkompli taħdem biex jinħoloq portal Ewropew tat-tfittxija li kapaċi jsib informazzjoni fl-istess ħin mis-sistemi rilevanti kollha tal-UE fl-oqsma tal-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni, possibbilment b'regoli aktar issimplifikati għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi, u biex għal dawn is-sistemi jiġu żviluppati servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (possibilment b'funzjonalità ta' indikatur hit[11]) u repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità. Hi ħabbret l-intenzjoni tagħha li tippreżenta, mill-aktar fis possibbli, proposta leġiżlattiva dwar l-interoperabbiltà.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2017[12] saħqu dwar il-ħtieġa li tittieħed azzjoni. Filwaqt li bena fuq il-konklużjonijiet ta' Ġunju 2017[13] tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex din tħejji, mill-aktar fis possibbli, abbozz ta' leġiżlazzjoni li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-grupp ta' esperti ta' livell għoli. Din l-inizjattiva twieġeb ukoll għas-sejħa tal-Kunsill għal qafas komprensiv għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi għad-diversi bażijiet tad-*data* fil-qasam tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni, bl-għan li jinkisbu simplifikazzjoni, konsistenza, effettività u attenzjoni akbar għall-ħtiġijiet operazzjonali[14]. Sabiex jissaħħu l-isforzi biex l-Unjoni Ewropea ssir soċjetà aktar sikura, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, il-Kummissjoni, fil-kuntest tal-Programm ta' Ħidma tal-2018[15] tagħha, ħabbret proposta dwar l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni biex tiġi ppreżentata sa tmiem l-2017.

- **Għanijiet tal-proposta**

L-għanijiet ġenerali ta' din l-inizjattiva jirriżultaw mill-għanijiet ibbażati fuq it-Trattati ta' titjib tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni ta' Schengen u ta' kontribuzzjoni għas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea. Dawn jirriżultaw ukoll mid-deċiżjonijiet relatati mal-politika tal-Kummissjoni u mill-Konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill (Ewropew). Dawn l-għanijiet huma elaborati b'mod ulterjuri fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni u fil-komunikazzjonijiet

---

10 COM(2017) 261 final.

11 Kunċett ġdid ta' privatezza fid-disinn li jirrestrinġi l-aċċess għad-*data* kollha billi jillimitaha għal sempliċi notifika ta' "hit/no-hit", filwaqt li tiġi indikata l-preżenza (jew in-nuqqas ta' preżenza) ta' *data*.

12 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, it-22-23 ta' Ġunju 2017.

13 L-eżiti tat-3546 laqgħa tal-Kunsill dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tat-8 u tad-9 ta' Ġunju 2017, 10136/17.

14 Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-Kunsill (Coreper), hekk kif ta l-mandat lill-Presidenza tal-Kunsill biex tibda negozjati interistituzzjonali dwar Sistema ta' Dħul/Ħruġ tal-UE fit-2 ta' Marzu 2017, qabel dwar l-abbozz tad-dikjarazzjoni tal-Kunsill li jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi qafas komprensiv għal aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-bażijiet ta' *data* varji fil-qasam tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni, bl-għan li jkun hemm simplifikazzjoni, konsistenza, effettività u attenzjoni akbar għall-ħtiġijiet operazzjonali tagħhom (Rapport Sommarju 7177/17, 21.3.2017).

15 COM(2017) 650 final.

sussegwenti, inklużi l-Komunikazzjoni dwar l-ippreservar u t-tisħiħ ta' Schengen[16], l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà[17] u r-rapporti ta' ħidma u ta' progress tal-Kummissjoni biex titwitta t-triq lejn Unjoni ta' Sigurtà[18] effettiva u ġenwina.

Filwaqt li jibnu b'mod partikolari fuq il-Komunikazzjoni ta' April 2016 u fuq is-sejbiet tal-grupp ta' esperti ta' livell għoli, l-għanijiet ta' din il-proposta huma marbuta mill-qrib ma' dawk imsemmija hawn fuq.

L-għanijiet speċifiċi tal-inizjattiva huma li:

(1) tiżgura li l-utenti finali, b'mod partikolari l-gwardji tal-fruntiera, l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, l-uffiċjali tal-immigrazzjoni u l-awtoritajiet ġudizzjarji jkollhom **aċċess veloċi, mingħajr intoppi, sistematiku u kkontrollat** għall-informazzjoni li jeħtieġu biex iwettqu l-kompiti tagħhom;

(2) tipprovdi soluzzjoni **għad-detezzjoni ta' identitajiet multipli** marbuta mal-istess sett ta' *data* bijometrika, bl-iskop doppju biex tiġi żgurata l-identifikazzjoni korretta ta' persuni *bona fide* u biex **tiġi miġġielda l-frodi tal-identità**;

(3) tiffaċilita **l-kontrolli tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi**, fit-territorju ta' Stat Membru, mill-awtoritajiet tal-pulizija; kif ukoll

(4) tiffaċilita u **tissimplifika l-aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi** għal sistemi ta' informazzjoni mhux ta' infurzar tal-liġi fil-livell tal-UE, fejn dan ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, għall-investigazzjoni, għad-detezzjoni jew għall-prosekuzzjoni ta' kriminalità serja u ta' terroriżmu.

Minbarra dawn l-għanijiet operazzjonali primarji, din il-proposta se tikkontribwixxi wkoll biex:

- tiffaċilita l-**implimentazzjoni** teknika u operazzjonali **mill-Istati Membri** tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti u dawk ġodda fil-ġejjieni;
- issaħħaħ u tissimplifika l-**kundizzjonijiet relatati mas-sigurtà tad-*data* u mal-protezzjoni tad-*data*** li jirregolaw is-sistemi rispettivi; kif ukoll
- ittejjeb u tarmonizza r-rekwiżiti relatati mal-**kwalità tad-*data*** tas-sistemi rispettivi.

Fl-aħħar nett, din il-proposta tinkludi dispożizzjonijiet għall-istabbiliment u għall-governanza tal-Format Universali ta' Messaġġ (UMF, Universal Message Format) bħala standard tal-UE għall-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni, u għat-twaqqif ta' repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistiki.

- **Kamp ta' applikazzjoni tal-proposta**

Flimkien mal-proposta assoċjata tagħha ppreżentata fl-istess jum, din il-proposta dwar l-interoperabbiltà tiffoka fuq is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni li huma operati fil-livell ċentrali, li tlieta minnhom diġà huma

[16] COM(2017)570 final.
[17] COM(2015)185 final.
[18] COM(2016)230 final.

eżistenti, waħda daqt se tibda tiġi żviluppata, u tnejn oħra fl-istadju ta' proposti li qed jiġu diskussi bejn il-koleġiżlaturi. Kull sistema għandha l-għanijiet, l-iskopijiet, il-bażijiet ġuridiċi, ir-regoli, il-gruppi ta' utenti u l-kuntest istituzzjonali tagħha.

It-tliet sistemi ta' informazzjoni ċċentralizzati eżistenti s'issa huma:

- is-**Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS, Schengen Information System)** bi spettru wiesa' ta' twissijiet dwar il-persuni (rifjuti ta' dħul jew ta' soġġorn, mandat ta' arrest Ewropew, persuni neqsin, assistenza għall-proċedura ġudizzjarja, kontrolli diskreti u speċifiċi) u l-oġġetti (inklużi identità jew dokumenti tal-ivvjaġġar mitlufin, misruqin u invalidati)[19];
- is-sistema **Eurodac** b'*data* dattiloskopika tal-applikanti għall-ażil u ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qasmu l-fruntieri esterni b'mod mhux awtorizzat jew li qed joqogħdu fi Stat Membru b'mod illegali; kif ukoll
- is-**Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS, Visa Information System)** b'*data* dwar viżi għal żmien qasir.

Minbarra dawn is-sistemi eżistenti, fl-2016-2017 il-Kummissjoni pproponiet tliet sistemi ta' informazzjoni ċċentralizzati ġodda tal-UE:

- is-**Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES, Entry/Exit system)**, li għaliha għadha kif ġiet miftiehma l-bażi ġuridika, li se tieħu post is-sistema kurrenti ta' ttimbrar manwali tal-passaporti u se tirreġistra b'mod elettroniku l-isem, it-tip ta' dokument tal-ivvjaġġar, il-bijometrija u d-data u l-post tad-dħul u tal-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jżuru ż-żona Schengen għal żmien qasir;
- is-**Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS, European Travel Information and Authorisation System)** li ġiet proposta u li, ladarba tiġi adottata, tkun sistema primarjament awtomatizzata li tkun tiġbor u tivverifika l-informazzjoni sottomessa minn ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mill-viża qabel ma jivvjaġġaw lejn iż-żona Schengen; kif ukoll
- is-**Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (sistema ECRIS-TCN, European Criminal Record Information System for third-country nationals)** li ġiet proposta u li tkun sistema elettronika għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kundanni preċedenti kontra ċittadini ta' pajjiżi terzi maħruġa minn qrati kriminali fl-UE.

Dawn is-sitt sistemi huma kumplimentari u — bl-eċċezzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) — huma ffukati b'mod esklużiv fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi. Is-sistemi jappoġġaw lill-awtoritajiet nazzjonali fil-ġestjoni tal-fruntieri, tal-migrazzjoni, tal-ipproċessar tal-viżi u tal-ażil, u fil-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu. Din tal-aħħar tapplika b'mod partikolari għas-SIS, li hi l-aktar strument użat spiss illum għall-qsim ta' informazzjoni għall-infurzar tal-liġi.

Minbarra dawn is-sistemi ta' informazzjoni, li huma mmaniġġjati b'mod ċentrali fil-livell tal-UE, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta jinkludi wkoll il-bażi ta' *data* tal-**Interpol** għal Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin (SLTD, Stolen and Lost Travel

[19] L-abbozz tar-Regolamenti ta' Diċembru 2016 tal-Kummissjoni dwar is-SIS jipproponi li din tkompli tiġi estiża biex tinkludi deċiżjonijiet ta' ritorn u kontrolli ta' inkjesti.

Documents), li skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen iseħħ tiftix fiha b'mod sistematiku fil-fruntieri esterni tal-UE, u l-bażi ta' *data* tal-Interpol għad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (TDAWN, Travel Documents Associated with Notices). Din tkopri wkoll id-*data* tal-**Europol**, sa fejn din tkun rilevanti għall-funzjonament tas-sistema proposta tal-ETIAS u biex l-Istati Membri jiġu assistiti meta jfittxu *data* dwar reati serji u terroriżmu.

Sistemi ta' informazzjoni nazzjonali u sistemi ta' informazzjoni deċentralizzati tal-UE jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-inizjativa. Dment li tintwera n-neċessità, sistemi deċentralizzati bħal dawk operati skont il-qafas ta' Prüm[20], id-Direttiva dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri[21] (PNR, Passenger Name Record) u d-Direttiva dwar l-Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri[22] jistgħu jiġu llinkjati fi stadju aktar tard ma' komponent wieħed jew aktar minn fost dawk proposti f'din l-inizjattiva[23].

Biex tirrispetta d-distinzjoni bejn il-kwistjonijiet li jikkostitwixxu żvilupp fl-acquis ta' Schengen rigward il-fruntieri u l-viża, minn naħa, u sistemi oħra li jikkonċernaw l-acquis ta' Schengen dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija jew li mhumiex relatati mal-acquis ta' Schengen, min-naħa l-oħra, din il-proposta tindirizza l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen kif irregolata bħalissa mir-Regolament (KE) Nru 1987/2006, is-Sistema ta' Dħul u Ħruġ u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar.

- **Il-komponenti tekniċi neċessarji biex tinkiseb l-interoperabbiltà**

Biex jinkisbu l-għanijiet ta' din il-proposta, iridu jiġu stabbiliti erba' komponenti tal-interoperabbiltà:

- Portal Ewropew tat-tfittxija — ESP (European Search Portal)
- Servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku — BMS kondiviż (Biometric matching service)
- Repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità — CIR (Common identity repository)
- Detettur ta' identitajiet multipli — MID (Multiple-identity detector)

Kull wieħed minn dawn il-komponenti hu deskritt f'dettall fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja din il-proposta.

L-erba' komponenti li flimkien iwasslu għas-soluzzjoni li ġejja għall-interoperabbiltà:

[20] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32008D0615&from=EN.
[21] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32016L0681&from=EN.
[22] Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu ta' trasportaturi li jikkomunikaw *data* dwar il-passiġġieri.
[23] B'mod simili fir-rigward tas-sistemi doganali, il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2017, stieden lill-Kummissjoni tagħmel studju tal-fattibbiltà biex tkompli tesplora l-aspetti tekniċi, operazzjonali u legali tal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' sigurtà u ta' ġestjoni tal-fruntieri mas-sistemi doganali, u tippreżenta s-sejbiet tagħha għal diskussjoni mill-Kunsill sa tmiem l-2018.



L-għanijiet u l-funzjonament ta' dawn l-erba' komponenti jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

(1) Il-**portal Ewropew tat-tfittxija (ESP)** hu l-komponent li jkun jippermetti t-tfittix simultanju f'diversi sistemi (SIS Ċentrali, Eurodac, VIS, l-EES futura, u s-sistemi proposti tal-ETIAS u tal-ECRIS-TCN, kif ukoll is-sistemi rilevanti tal-Interpol u d-*data* tal-Europol) billi tintuża *data* tal-identità (kemm bijografika kif ukoll bijometrika). Dan ikun jiżgura li l-utenti tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE jkollhom aċċess veloċi, mingħajr intoppi, effiċjenti, sistematiku u kkontrollat għall-informazzjoni kollha li jeħtieġu biex iwettqu xogħolhom.

Tfittxija permezz tal-portal Ewropew tat-tfittxija dlonk, f'temp ta' sekondi, tirritorna informazzjoni mid-diversi sistemi li għalihom l-utent ikollu aċċess legali. Skont l-iskop tat-tfittxija, u d-drittijiet tal-aċċess korrispondenti, l-ESP ikun ipprovdut f'konfigurazzjonijiet speċifiċi.

L-ESP ma jipproċessax xi *data* ġdida, u ma jaħżen l-ebda *data*; ikun jaġixxi bħala punt uniku jew "intermedjarju tal-messaġġi" għal diversi sistemi ċentrali u jsib l-informazzjoni neċessarja mingħajr intoppi, u jkun jagħmel dan b'rispett sħiħ tar-rekwiżiti relatati mal-kontroll tal-aċċess u mal-protezzjoni tad-*data* tas-sistemi sottostanti. L-ESP ikun jiffaċilita l-użu korrett u awtorizzat ta' kull waħda mis-sistemi ta' informazzjoni eżistenti tal-UE, u jkun jagħmilha eħfef u orħos biex l-Istati Membri jikkonsultaw u jużaw is-sistemi, f'konformità mal-istrumenti legali li jirregolaw dawn is-sistemi.

(2) Is-**servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS kondiviż)** ikun jippermetti li jsiru tfittxijiet u paraguni tad-*data* bijometrika (marki tas-swaba' u immaġnijiet tal-wiċċ) minn diversi sistemi ċentrali (b'mod partikolari s-SIS, il-Eurodac, il-VIS, l-EES futura u s-sistema proposta tal-ECRIS-TCN). L-ETIAS proposta mhux se jkun fiha *data* bijometrika u, għalhekk, ma tkunx illinkjata mal-BMS kondiviż.

Meta kull sistema ċentrali eżistenti (SIS, Eurodac, VIS) bħalissa jkollha magna tat-tiftix iddedikata u proprjetarja għad-*data*[24] bijometrika, servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku jkun jipprovdi pjattaforma komuni fejn id-*data* titfittex u titqabbel b'mod simultanju. Il-

[24] Dawn il-magni tat-tiftix bijometriku teknikament jissejħu sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' (AFIS, Automated fingerprint identification system) jew sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni bijometrika (ABIS, Automated biometric identification system).

BMS kondiviż ikun jiġġenera benefiċċji sostanzjali f'termini ta' sigurtà, ta' kost, ta' manutenzjoni u ta' tħaddim billi jibbaża fuq komponent teknoloġiku uniku minflok ħamsa differenti. Id-*data* bijometrika (marki tas-swaba' u immaġnijiet tal-wiċċ) jinżammu b'mod esklużiv mis-sistemi sottostanti. Il-BMS kondiviż ikun joħloq u jżomm rappreżentazzjoni matematika tal-kampjuni bijometriċi (mudell) iżda jarmi d-*data* propja, li b'hekk tibqa' maħżuna f'post wieħed, darba biss.

Il-BMS kondiviż ikun għodda importanti li tgħin fid-detezzjoni ta' konnessjonijiet bejn settijiet ta' *data* u identitajiet differenti assunti mill-istess persuna f'sistemi ċentrali differenti. Mingħajr BMS standard, l-ebda wieħed mit-tliet komponenti l-oħra ma jkun jista' jaħdem.

(3) Ir-**repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR)** ikun il-komponent kondiviż għall-ħżin ta' *data* tal-identità bijografika[25] u bijometrika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi rreġistrata fil-Eurodac, fil-VIS, fl-EES futura, fl-ETIAS proposta u fis-sistema proposta tal-ECRIS-TCN. Kull waħda minn dawn il-ħames sistemi ċentrali tirreġistra jew se tirreġistra *data* bijografika dwar persuni speċifiċi għal raġunijiet speċifiċi. Dan ma jinbidilx. Id-*data* tal-identità rilevanti tkun maħżuna fis-CIR iżda tkompli "tappartjeni" għas-sistemi sottostanti rispettivi li jkunu rreġistraw din id-*data*.

Is-CIR ma jkunx fih *data* tas-SIS. L-arkitettura teknika kumplessa tas-SIS li jkun fiha kopji nazzjonali, kopji nazzjonali parzjali u sistemi nazzjonali possibbli ta' tqabbil bijometriku tirrendi s-CIR tassew kumpless tant li jaf ma jibqax teknikament u finanzjarjament fattibbli aktar.

L-għan ewlieni tas-CIR hu li jiffaċilita l-identifikazzjoni bijografika ta' ċittadin ta' pajjiż terz. Huwa joffri veloċità akbar għall-operazzjonijiet, effiċjenza mtejba u ekonomiji ta' skala. L-istabbiliment tas-CIR hu neċessarju biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli tal-identità effettivi fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż fit-territorju ta' Stat Membru. Barra minn hekk, billi jiżdied "l-indikatur hit/no-hit" fis-CIR, ikun possibbli li tiġi vverifikata l-preżenza (jew in-nuqqas ta' eżistenza) ta' *data* fi kwalunkwe waħda mis-sistemi koperti mis-CIR permezz ta' sempliċi notifika ta' hit/no-hit. B'dan il-mod, is-CIR ikun qed jgħin ukoll fis-simplifikazzjoni tal-aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għal sistemi ta' informazzjoni mhux tal-infurzar tal-liġi, filwaqt li jżomm salvagwardja għolja ta' protezzjoni tad-*data* (ara t-taqsima dwar l-approċċ maqsum fuq żewġ stadji għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi, aktar 'l isfel).

Mill-ħames sistemi li għandhom ikunu koperti mis-CIR, l-EES futura, l-ETIAS proposta u s-sistema proposta tal-ECRIS-TCN huma sistemi ġodda li għad iridu jiġu żviluppati. Il-Eurodac attwali ma fihiex *data* bijografika; din l-estensjoni se tiġi żviluppata ladarba tiġi adottata bażi ġuridika ġdida għall-Eurodac. Il-VIS attwali ma fihiex *data* bijografika, iżda l-interazzjonijiet neċessarji bejn il-VIS u l-EES futura se jkunu jeħtieġu aġġornament tal-VIS eżistenti. Għaldaqstant, il-ħolqien tas-CIR iseħħ fil-mument opportun. Huwa bl-ebda mod ma jkun jinvolvi duplikazzjoni tad-*data* eżistenti. Teknikament, is-CIR jiġi żviluppat fuq il-bażi tal-pjattaforma tal-EES/ETIAS.

[25] Id-*data* bijografika li tista' tinstab fuq id-dokument tal-ivvjaġġar tinkludi; il-kunjom, l-isem, is-sess, id-data tat-twelid, in-numru tad-dokument tal-ivvjaġġar. Ma tinkludix indirizzi, ismijiet preċedenti, *data* bijometrika, eċċ.

(4) Id-**detettur ta' identitajiet multipli (MID)** ikun jikkontrolla jekk id-*data* tal-identità mfittxija teżistix f'aktar minn waħda mis-sistemi mqabbda miegħu. L-MID ikopri s-sistemi li jaħżnu *data* tal-identità fis-CIR (il-Eurodac, il-VIS, l-EES futura, l-ETIAS proposta u s-sistema proposta tal-ECRIS-TCN) kif ukoll is-SIS. L-MID ikun jippermetti d-detezzjoni ta' diversi identitajiet marbuta mal-istess sett ta' *data* bijometrika, bl-iskop doppju biex tiġi żgurata l-identifikazzjoni korretta ta' persuni *bona fide* u biex tiġi miġġielda l-frodi tal-identità.

L-MID ikun jippermetti li jiġi stabbilit meta ismijiet differenti jkunu jappartjenu għall-istess identità. Din hija innovazzjoni neċessarja biex jiġi indirizzat b'mod effettiv l-użu frodulenti tal-identitajiet, li hu ksur serju ta' sigurtà. L-MID ikun juri biss dawk ir-rekords tal-identità bijografika li jkollhom link f'sistemi ċentrali differenti. Dawn il-links jiġu identifikati billi jintuża s-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku fuq il-bażi tad-*data* bijometrika u jkunu jeħtieġu konferma jew ċaħda mill-awtorità li tkun irreġistrat id-*data* fis-sistema ta' informazzjoni li wasslet għall-ħolqien tal-link. Biex tassisti lill-utenti awtorizzati tal-MID f'dan il-kompitu, is-sistema jkollha bżonn timmarka l-links identifikati f'erba' kategoriji:

- Link safra - identitajiet bijografiċi li potenzjalment ivarjaw dwar l-istess persuna
- Link bajda - konferma li l-identitajiet bijografiċi differenti jappartjenu għall-istess persuna *bona fide*
- Link ħadra - konferma li persuni *bona fide* differenti nzertaw jaqsmu l-istess identità bijografika
- Link ħamra - suspett li identitajiet bijografiċi differenti jintużaw b'mod illegali mill-istess persuna.

Din il-proposta tiddeskrivi l-proċeduri li jkunu implimentati biex jittrattaw dawn il-kategoriji differenti. L-identità tal-persuni *bona fide* affettwati jenħtieġ li tiġi ċċarata mill-aktar fis possibbli, billi l-link safra tinbidel f'link ħadra jew bajda kkonfermata, biex jiġi żgurat li jiġu evitati inkonvenjenżi żejda. Meta, min-naħa l-oħra, il-valutazzjoni twassal għall-konferma ta' link ħamra, jew tibdil minn link safra għal ħamra, ikollha tittieħed azzjoni xierqa.

• L-approċċ maqsum fuq żewġ stadji għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi kif previst mir-repożitorju tal-identitajiet komuni

L-infurzar tal-liġi hu ddefinit bħala għan sekondarju jew anċillari tal-Eurodac, tal-VIS, tal-EES futura u tal-ETIAS proposta. Għalhekk, il-possibbiltà li tiġi aċċessata *data* maħżuna f'dawn is-sistemi għall-fini tal-infurzar tal-liġi hi ristretta. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jikkonsultaw direttament lil dawn is-sistemi ta' informazzjoni mhux tal-infurzar tal-liġi għall-fini ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' detezzjoni jew ta' prosekuzzjoni ta' terroriżmu u ta' reati kriminali serji oħra. Barra minn hekk, is-sistemi rispettivi huma rregolati minn kundizzjonijiet u minn salvagwardji differenti tal-aċċess u wħud minn dawk ir-regoli attwali jistgħu jxekklu l-veloċità tal-użu leġittimu tas-sistemi minn dawn l-awtoritajiet. B'mod aktar ġenerali, il-prinċipju ta' tfittxija preċedenti jillimita l-possibbiltà li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jikkonsultaw sistemi għal skopijiet iġġustifikati ta' infurzar tal-liġi u, b'hekk, jista' jwassal għal opportunitajiet mitlufa biex tiġi żvelata informazzjoni neċessarja.

Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' April 2016, il-Kummissjoni għarfet il-ħtieġa li jiġu ottimizzati l-għodod eżistenti għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, filwaqt li jiġu rrispettati r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data*. Din in-neċessità ġiet ikkonfermata u mtennija mill-Istati Membri u mill-aġenziji rilevanti fil-qafas tal-grupp ta' esperti ta' livell għoli.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, billi toħloq is-CIR bl-hekk imsejjaħ "indikatur hit/ no-hit", din il-proposta tintroduċi l-possibbiltà li l-EES, il-VIS, l-ETIAS u l-Eurodac jiġu aċċessati bl-użu ta' **approċċ ta' konsultazzjoni tad-*data* maqsum fuq żewġ stadji**. Dan l-approċċ maqsum fuq żewġ stadji ma jkunx ibiddel il-fatt li l-infurzar tal-liġi hu għan strettament anċillari ta' dawn is-sistemi u li, għalhekk, irid isegwi r-regoli stretti għall-aċċess.

Fl-ewwel stadju, uffiċċjal tal-infurzar tal-liġi jniedi tfittxija fuq persuna speċifika billi juża d-*data* dwar l-identità, id-dokument tal-ivvjaġġar jew id-*data* bijometrika tal-persuna biex jivverifika jekk l-informazzjoni dwar il-persuna mfittxija hix maħżuna fis-CIR. Meta t-tali *data* tkun preżenti, l-uffiċjal jirċievi **tweġiba li tindika liema sistema/i ta' informazzjoni tal-UE fiha/fihom id-*data*** dwar din il-persuna (l-**indikatur hit/ no-hit**). L-uffiċjal ma jkollux aċċess propju għal xi *data* f'xi waħda mis-sistemi sottostanti.

Fit-tieni stadju, l-uffiċjal jista' jitlob aċċess b'mod individwali għal kull sistema li tkun ġiet indikata bħala waħda li fiha d-*data,* biex jikseb il-fajl sħiħ dwar il-persuna mfittxija, **f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri eżistenti stabbiliti minn kull sistema kkonċernata**. F'dan it-tieni stadju, l-aċċess jibqa' soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel minn awtorità maħtura u jibqa' jeħtieġ l-ID u lloggjar tal-utent speċifiku.

Dan l-approċċ il-ġdid ikun iġib miegħu wkoll valur miżjud għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi bis-saħħa tal-**eżistenza ta' links potenzjali** fl-MID. L-MID ikun jgħin lis-CIR jidentifika l-links eżistenti, li jagħmlu it-tfittxija saħansitra aktar preċiża. L-MID ikun jista' jindika jekk il-persuna hix **magħrufa b'identitajiet differenti** f'sistemi ta' informazzjoni differenti.

L-approċċ ta' konsultazzjoni tad-*data* maqsum fuq żewġ stadji hu partikolarment siewi f'każijiet li fihom il-persuna suspettata, l-awtur jew il-vittma ssuspettata ta' reat terroristiku jew ta' reat kriminali serju ieħor **ma jkunux magħrufa**. Tabilħaqq, f'dawn il-każijiet, is-CIR fi tfittxija waħda, jippermetti li tiġi identifikata s-sistema ta' informazzjoni li tkun taf il-persuna. B'dan il-mod, il-kundizzjonijiet eżistenti ta' tfittxijiet preċedenti f'bażijiet ta' *data* nazzjonali u ta' tfittxija preċedenti fis-sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' ta' Stati Membri oħra skont id-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI ("il-kontroll ta' Prüm") ma jibqgħux meħtieġa.

L-approċċ ta' konsultazzjoni l-ġdid maqsum fuq żewġ stadji **jidħol biss fis-seħħ ladarba l-komponenti neċessarji tal-interoperabbiltà jkunu qed joperaw bis-sħiħ**.

- **Elementi addizzjonali ta' din il-proposta sabiex jiġu appoġġati l-komponenti tal-interoperabbiltà**

(1) Minbarra l-komponenti msemmija hawn fuq, dan l-abbozz tar-Regolament jinkludi wkoll il-proposta biex jiġi stabbilit **repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistika (CRRS, Central repository for reporting and statistics)**. Dan ir-repożitorju hu neċessarju biex ikunu jistgħu jinħolqu u jiġu kondiviżi r-rapporti b'*data* statistika (anonima) għall-finijiet ta' politika, għall-finijiet operazzjonali u għall-finijiet ta' kwalità tad-*data*. Il-prattika attwali tal-ġbir ta' *data* statistika biss dwar is-sistemi ta'

informazzjoni individwali hi detrimentali għas-sigurtà tad-*data* u għall-eżekuzzjoni, u ma tippermettix il-korrelazzjoni tad-*data* bejn is-sistemi.

Is-CRRS ikun jipprovdi repożitorju separat iddedikat għal statistiki anonimi estratti mis-SIS, mill-VIS, mill-Eurodac, mill-EES futura, mill-ETIAS proposta, mis-sistema proposta tal-ECRIS-TCN, mir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità, mid-detettur ta' identitajiet multipli u mis-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku. Ir-repożitorju jkun jipprovdi l-possibbiltà ta' kondiviżjoni sigura tar-rapporti (kif irregolat mill-istrumenti legali rispettivi) mal-Istati Membri, mal-Kummissjoni (inkluż il-Eurostat) u mal-aġenziji tal-UE.

L-iżvilupp ta' repożitorju ċentrali wieħed minflok ta' repożitorji separati għal kull sistema jkun iwassal għal anqas spejjeż u għal anqas sforzi għall-istabbiliment, għall-operazzjonijiet u għall-manutenzjoni tiegħu. Ikun iġib miegħu wkoll livell ogħla ta' sigurtà tad-*data* peress li d-*data* tinħażen u l-kontroll tal-aċċess jiġi mmaniġġjat f'repożitorju wieħed.

(2) Dan l-abbozz tar-Regolament jipproponi wkoll li jiġi stabbilit il-**Format Universali ta' Messaġġ (UMF)** bħala l-istandard li jkun jintuża fil-livell tal-UE biex jiġu orkestrati interazzjonijiet bejn diversi sistemi b'mod interoperabbli, inklużi s-sistemi żviluppati u mmaniġġjati mill-eu-LISA. L-użu tal-istandard mill-Europol u mill-Interpol ikun imħeġġeġ ukoll.

L-istandard tal-UMF jintroduċi lingwa teknika komuni u unifikata biex jiġu deskritti u jintrabtu elementi ta' *data*, b'mod partikolari l-elementi relatati ma' persuni u ma' dokumenti (tal-ivvjaġġar). L-użu tal-UMF meta jiġu żviluppati sistemi ta' informazzjoni ġodda jiggarantixxi integrazzjoni u interoperabbiltà eħfef ma' sistemi oħra, b'mod partikolari għal Stati Membri li jeħtieġu li jibnu interfaċċi biex jikkomunikaw ma' dawn is-sistemi l-ġodda. F'dan ir-rigward, l-użu obbligatorju tal-UMF meta jiġu żviluppati sistemi ġodda jista' jiġi kkunsidrat bħala prekundizzjoni neċessarja għall-introduzzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà proposti f'dan ir-Regolament.

Biex tiġi żgurata t-tnedija kompluta madwar l-UE tal-istandard tal-UMF, hi proposta struttura ta' governanza xierqa. Il-Kummissjoni tkun responsabbli għall-istabbiliment u għall-iżvilupp tal-istandard tal-UMF, fil-qafas ta' proċedura ta' eżami mal-Istati Membri. L-istati assoċjati ma' Schengen, l-aġenziji tal-UE u l-korpi internazzjonali li jieħdu sehem fil-proġetti tal-UMF (bħall-eu-LISA, l-Europol u l-Interpol) se jkunu involuti wkoll. L-istruttura proposta ta' governanza hi vitali għall-UMF biex jiġi estiż u espandut l-istandard filwaqt li jiġu ggarantiti utilizzabbiltà u applikabbiltà massimi.

(3) Barra minn hekk, dan l-abbozz tar-Regolament jintroduċi l-kunċetti ta' **mekkaniżmi awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*<u>data</u>*** u ta' indikaturi komuni tal-kwalità, u l-ħtieġa li l-Istati Membri jiżguraw l-ogħla livell ta' kwalità tad-*data* meta jalimentaw u jużaw is-sistemi. Jekk id-*data* ma tkunx tal-ogħla kwalità, jista' jkun hemm konsegwenzi mhux biss għax ma jiġux identifikati l-persuni mfittxija, iżda anki għax jiġu affettwati d-drittijiet fundamentali ta' nies innoċenti. Biex jingħelbu l-problemi li jistgħu jirriżultaw mit-tidħil ta' *data* minn operaturi umani, regoli dwar il-validazzjoni awtomatika jistgħu jipprevjenu milli l-operaturi jagħmlu żbalji. L-għan ikun l-identifikazzjoni awtomatika ta' *data* apparentement skorretta jew inkonsistenti biex l-Istat Membru ta' oriġini jkun jista' jivverifika d-*data* u jieħu kwalunkwe azzjoni korrettiva meħtieġa. Dan ikun

issupplimentat minn rapporti regolari dwar il-kwalità tad-*data* li għandha tiġi prodotta mill-eu-LISA.

- **Konsegwenzi għal strumenti legali oħra**

Flimkien mal-proposta relatata miegħu, dan l-abbozz ta’ Regolament jintroduċi innovazzjonijiet li se jkunu jeħtieġu emendi ta’ strumenti legali oħra:

- Ir-Regolament (UE) Nru 2016/399 (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen)
- Ir-Regolament (UE) Nru 2017/2226 (ir-Regolament dwar l-EES)
- Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 (ir-Regolament dwar il-VIS)
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE (id-Deċiżjoni dwar il-VIS)
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI (id-Deċiżjoni dwar il-VIS/l-aċċess għall-infurzar tal-liġi)
- [ir-Regolament dwar l-ETIAS]
- [ir-Regolament Eurodac]
- [ir-Regolament dwar is-SIS]
- [ir-Regolament dwar l-ECRIS-TCN, inklużi d-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-Regolament (UE) 2016/1624 (ir-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta)]
- [ir-Regolament dwar l-eu-LISA]

Din il-proposta attwali u l-proposta relatata magħha jinkludu dispożizzjonijiet dettaljati għat-tibdiliet neċessarji fl-istrumenti legali ~~li bħalissa huma testi stabbli kif adottati mill-koleġiżlaturi: il-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen, ir-Regolament dwar l-EES, ir-Regolament dwar il-VIS, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE~~.

~~L-istrumenti elenkati l-oħra (ir-Regolamenti dwar l-ETIAS, il-Eurodac, is-SIS, l-ECRIS-TCN, l-eu-LISA) bħalissa qed jiġu nnegozjati fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill. Għaldaqstant, għal dawn l-istrumenti mhuwiex possibbli li jiġu stabbiliti l-emendi neċessarji f’dan l-istadju. Il-Kummissjoni se tippreżenta t-tali emendi għal kull wieħed minn dawn l-istrumenti fi żmien ġimagħtejn minn meta jintlaħaq ftehim politiku dwar l-abbozz rispettiv tar-Regolament.~~

F’dawk il-każijiet fejn l-istrumenti kienu għadhom ma ġewx adottati formalment mill-koleġiżlaturi, il-bidliet meħtieġa qed jiġu proposti jew għat-testi li għalihom ġie approvat ftehim politiku mill-COREPER u mill-Kumitat LIBE (dan huwa l-każ għal ETIAS), jew għat-test li dwaru ntlaħaq ftehim politiku fit-trilogi (is-SIS u l-eu-LISA).

Rigward iż-żewġ każijiet fejn in-negozjati għadhom għaddejjin, il-bidliet meħtieġa qed jiġu proposti għat-test kif inhu tal-31 ta’ Mejju 2018 għal ECRIS-TCN.

Madankollu, iż-żewġ proposti emendatorji dwar l-interoperabbiltà ma jinkludux l-emendi li jirrigwardaw l-Eurodac, il-bażi tad-*data* tal-UE dwar l-ażil u l-migrazzjoni irregolari, minħabba li d-diskussjonijiet għadhom ma ġewx konklużi dwar il-proposta leġiżlattiva[26] ta’ Mejju 2016 sabiex l-Eurodac tissaħħaħ. L-arkitettura attwali tas-sistema Eurodac eżistenti mhix teknikament adattata biex issir parti mis-sistemi ta’ informazzjoni ta’ interoperabbiltà peress li taħżen biss *data* bijometrika u numru ta’

[26] **COM(2016) 272 final (4.5.2016).**

referenza, iżda l-ebda *data* personali oħra (pereż. l-isem/l-ismijiet, l-età, id-data tat-twelid) li tippermetti l-identifikazzjoni ta' identitajiet multipli relatati mal-istess sett ta' *data* bijometrika. Il-proposta leġiżlattiva ta' Mejju 2016 għandha l-għan li testendi l-iskop tal-Eurodac biex jiġu identifikati ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali u dawk li jkunu daħlu fl-UE b'mod irregolari. B'mod partikolari, hija tipprovdi ħażna ta' *data* personali bħalma huma l-isem/l-ismijiet, l-età, id-data tat-twelid, in-nazzjonalità, u d-dokumenti tal-identità. Din id-*data* ta' identifikazzjoni hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-Eurodac tkun tista' tikkontribwixxi għall-għanijiet ta' interoperabbiltà u tiffunzjona fil-qafas tekniku tagħha.

Din il-ħtieġa tenfasizza l-ħtieġa biex il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim b'mod urġenti dwar il-proposta leġiżlattiva. Sakemm jintlaħaq qbil dwar il-proposta leġiżlattiva sabiex l-EURODAC tissaħħaħ, id-*data* ta' ċittadini minn pajjiżi terzi b'soġġorn illegali u ta' dawk li jkunu daħlu fl-UE b'mod irregolari ma tistax tkun parti mill-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE. Ladarba l-koleġiżlaturi jilħqu ftehim dwar il-proposta leġiżlattiva biex l-Eurodac tissaħħaħ, jew ikunu għamlu biżżejjed progress, il-Kummissjoni se tippreżenta l-emendi relatati fil-proposti dwar l-interoperabbiltà fi żmien ġimagħtejn.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

Din il-proposta taqa' fi ħdan il-qafas ta' proċess usa' li tnieda mill-Komunikazzjoni ta' April 2016 dwar *Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà*, u tal-ħidma sussegwenti tal-grupp ta' esperti ta' livell għoli dwar is-sistemi ta' informazzjoni u l-interoperabbiltà. L-objettiv hu li jintlaħqu tliet għanijiet:

(a) it-tisħiħ u massimizzazzjoni tal-benefiċċji tas-**sistemi ta' informazzjoni eżistenti**;

(b) l-indirizzar tal-lakuni fl-informazzjoni billi jiġu stabbiliti sistemi ta' informazzjoni ġodda;

(c) it-tisħiħ tal-interoperabbiltà bejn dawn is-sistemi.

Dwar l-ewwel għan, f'Diċembru 2016 il-Kummissjoni adottat proposti għat-tisħiħ ulterjuri tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) eżistenti[27]. Dwar il-Eurodac, wara l-proposta tal-Kummissjoni ta' Mejju 2016[28], in-negozjati dwar il-bażi ġuridika riveduta tħaffew. Qed titħejja wkoll bażi ġuridika ġdida għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), u din se tiġi sottomessa fit-tieni trimestru tal-2018.

Rigward it-tieni għan, in-negozjati dwar il-proposta ta' April 2016 tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)[29] ġew konklużi kmieni f'Lulju 2017, meta l-koleġiżlaturi laħqu ftehim politiku, ikkonfermat mill-Parlament Ewropew f'Ottubru 2017 u formalment adottat mill-Kunsill f'Novembru 2017. Il-bażi ġuridika se tidħol fis-seħħ f'Diċembru 2017. In-negozjati dwar il-proposta ta' Novembru 2016 għall-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)[30] bdew u huma mistennija jiġu ffinalizzati fix-xhur li ġejjin. F'Ġunju 2017, il-Kummissjoni pproponiet bażi ġuridika għall-indirizzar ta' lakuna oħra fl-informazzjoni: is-Sistema Ewropea ta'

[27] COM(2016) 883 final.
[28] COM(2016) 272 final.
[29] COM(2016) 194 final.
[30] COM(2016) 731 final.

Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (is-sistema ECRIS-TCN)[31]. Mill-ġdid, il-koleġiżlaturi indikaw li kellhom l-għan li jadottaw din il-bażi ġuridika kmieni.

Din il-proposta kurrenti tindirizza t-tielet għan identifikat fil-Komunikazzjoni ta' April 2016.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni fil-qasam tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni**

Din il-proposta, flimkien mal-proposta relatata magħha, tirrispetta u hi konformi mal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni u mal-komunikazzjonijiet sussegwenti, inkluża l-Komunikazzjoni dwar l-ippreservar u t-tisħiħ ta' Schengen[32], kif ukoll mal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà[33] u mar-rapporti dwar il-ħidma u l-progress tal-Kummissjoni għal Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina[34]. Hi konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari dawn li ġejjin:

- Is-sigurtà interna: l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà tiddikjara li standards komuni għoljin ta' ġestjoni tal-fruntieri huma essenzjali biex jiġu evitati l-kriminalità transnazzjonali u t-terroriżmu. Din il-proposta tikkontribwixxi wkoll għall-kisba ta' livell għoli ta' sigurtà interna billi toffri l-mezzi għall-awtoritajiet biex ikollhom aċċess veloċi, mingħajr intoppi, sistematiku u kkontrollat għall-informazzjoni li jeħtieġu.
- Ażil: il-proposta tinkludi l-Eurodac bħala waħda mis-sistemi ċentrali tal-UE li għandha tiġi koperta mill-interoperabbiltà.
- Il-ġestjoni tal-fruntieri esterni u s-sigurtà: din il-proposta ssaħħaħ is-sistemi SIS u VIS, li jikkontribwixxu għall-kontroll effiċjenti tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, kif ukoll l-EES futura u l-ETIAS proposta u s-sistema ECRIS-TCN proposta.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ewlenija se tkun l-artikoli li ġejjin tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea: l-Artikolu 16(2), l-Artikolu 74, l-Artikolu 77(2)(a), (b), (d) u (e).

Skont l-Artikolu 16(2), l-Unjoni għandha s-setgħa li tadotta miżuri relatati mal-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-aġenziji tal-Unjoni u mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u r-regoli relatati mal-moviment liberu ta' din id-*data*. Skont l-Artikolu 74, il-Kunsill jista' jadotta miżuri biex jiżgura l-kooperazzjoni amministrattiva bejn id-dipartimenti tal-Istati Membri fil-qasam tal-ġustizzja, tal-libertà u tas-sigurtà. Skont l-Artikolu 77(2)(a), (b), (d) u (e) rispettivament, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jadottaw miżuri li jikkonċernaw il-politika komuni dwar il-viżi u permessi oħra ta' residenza għal żmien qasir, il-kontrolli li għalihom huma soġġetti l-persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni, kull miżura neċessarja għall-istabbiliment gradwali ta' sistema integrata ta' ġestjoni għall-fruntieri esterni u n-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq il-persuni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri esterni.

[31] COM(2017) 344 final.
[32] COM(2017)570 final.
[33] COM(2015)185 final.
[34] COM(2016)230 final.

- **Sussidjarjetà**

Il-libertà ta' moviment fi ħdan l-UE tirrikjedi li l-fruntieri esterni tal-Unjoni jkunu ġestiti b'mod effettiv biex tiġi żgurata s-sigurtà. Għaldaqstant, l-Istati Membri qablu li jindirizzaw dawn l-isfidi b'mod kollettiv, speċjalment billi jaqsmu l-informazzjoni permezz ta' sistemi ċċentralizzati tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni. Dan hu kkonfermat mid-diversi konklużjonijiet li ġew adottati kemm mill-Kunsill Ewropew kif ukoll mill-Kunsill, speċjalment mill-2015 'l hawn.

L-assenza ta' kontrolli fil-fruntieri interni teħtieġ ġestjoni soda tal-fruntieri esterni ta' Schengen, fejn kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat ma' Schengen irid jikkontrolla l-fruntiera esterna f'isem l-istati l-oħra ta' Schengen. Konsegwentement, ebda Stat Membru waħdu mhu kapaċi jkampa waħdu mal-migrazzjoni irregolari u mal-kriminalità transnazzjonali. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jistgħu jivvjaġġaw liberament fiha. F'żona mingħajr fruntieri interni, l-azzjoni kontra l-immigrazzjoni irregolari u l-kriminalità internazzjonali u t-terroriżmu, inkluż permezz tad-detezzjoni ta' frodi tal-identità, jenħtieġ li titwettaq b'mod komuni, u tista' tirnexxi biss jekk tiġi indirizzata fil-livell tal-UE.

Hemm sistemi ta' informazzjoni komuni importanti fil-livell tal-UE li huma implimentati jew fil-proċess li jiġu implimentati. Interoperabbiltà msaħħa fost dawn is-sistemi ta' informazzjoni bilfors li tinvolvi azzjoni fil-livell tal-UE. Fil-qalba tal-proposta hemm l-effiċjenza mtejba u l-użu ta' sistemi ċċentralizzati ġestiti mill-eu-LISA. Fid-dawl tal-iskala, tal-effetti u tal-impatt tal-azzjonijiet previsti, l-għanijiet fundamentali jistgħu jinkisbu b'mod effiċjenti u sistematiku fil-livell tal-UE biss.

- **Proporzjonalità**

Kif spjegat fid-dettall sħiħ fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja dan ir-Regolament propost, l-għażliet ta' politika meħuda f'din il-proposta huma meqjusa proporzjonati. Dawn ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet miftiehma.

Il-**portal Ewropew tat-tfittxija (ESP)** hu għodda neċessarja biex jissaħħaħ l-użu awtorizzat tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti u futuri tal-UE. L-impatt tal-ESP f'termini ta' pproċessar tad-*data* hu limitat ħafna. Ma jaħżen l-ebda *data*, ħlief informazzjoni dwar id-diversi profili tal-utenti tal-ESP, u d-*data* u s-sistemi ta' informazzjoni li għalihom ikollhom aċċess, filwaqt li jżomm traċċa tal-użu tagħhom permezz ta' logs. Ir-rwol tal-ESP bħala intermedjarju tal-messaġġi, abilitant u faċilitatur, hu proporzjonat, neċessarju u limitat f'termini tat-tfittxijiet u tad-drittijiet ta' aċċess skont il-mandati tal-bażijiet ġuridiċi li jindirizzaw is-sistemi ta' informazzjoni u r-Regolament propost dwar l-interoperabbiltà.

Is-**servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS kondiviż)** hu neċessarju għall-funzjonament tal-ESP, tar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità u tad-detettur ta' identitajiet multipli u jiffaċilita l-użu u l-manutenzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni rilevanti eżistenti u futuri tal-UE. Il-funzjonalità ta' dan tippermetti li jsiru tfittxijiet fuq *data* bijometrika minn diversi sorsi b'mod effiċjenti, sistematiku u mingħajr xkiel. Id-*data* bijometrika tinħażen u tinżamm mis-sistemi sottostanti. Il-BMS kondiviż joħloq mudelli iżda ma jżommx l-immaġnijiet reali. B'hekk, id-*data* tinħażen f'post wieħed, darba biss.

Ir-**repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR)** hu neċessarju biex jintlaħaq l-iskop ta' identifikazzjoni korretta ta' ċittadin ta' pajjiż terz, pereżempju matul kontroll tal-identità fiż-żona Schengen. Is-CIR jappoġġa wkoll il-funzjonament tad-detettur ta' identitajiet

multipli u, għaldaqstant, hu komponent neċessarju biex jinkiseb l-iskop doppju ta' faċilitazzjoni tal-kontrolli tal-identità għal vjaġġatur *bona fide* u biex tiġi miġġielda l-frodi tal-identità. L-aċċess għas-CIR għal dan l-għan hu limitat għal dawk l-utenti li jeħtieġu din l-informazzjoni biex iwettqu l-kompiti tagħhom (li jesiġi li dawn il-verifiki jsiru skop anċillari ġdid tal-Eurodac, tal-VIS, tal-EES futura, tal-ETIAS proposta u tas-sistema tal-ECRIS-TCN proposta). Il-proċessi tad-*data* huma strettament limitati għal dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan, u se jiġu stabbiliti salvagwardji adegwati biex jiġi żgurat li d-drittijiet ta' aċċess jiġu rrispettati u li d-*data* maħżuna fis-CIR tkun il-minima neċessarja. Biex tiġi żgurata l-minimizzazzjoni tad-*data* u biex tiġi evitata duplikazzjoni mhux iġġustifikata tad-*data*, is-CIR iżomm id-*data* bijografika meħtieġa ta' kull waħda mis-sistemi sottostanti tiegħu — maħżuna, miżjuda, immodifikata u mħassra f'konformità mal-bażi ġuridika rispettiva tagħhom — mingħajr ma jikkupjaha. It-termini taż-żamma tad-*data* huma allinjati għal kollox mad-dispożizzjonijiet dwar iż-żamma tad-*data* tas-sistemi ta' informazzjoni sottostanti li jipprovdu d-*data* tal-identità.

Id-**detettur ta' identitajiet multipli (MID)** hu neċessarju biex tiġi pprovduta soluzzjoni għad-detezzjoni ta' diversi identitajiet bl-iskop doppju ta' ffaċilitar tal-kontrolli tal-identità għall-vjaġġatur *bona fide* u biex tiġi miġġielda l-frodi tal-identità. L-MID se jkun fih il-links bejn l-individwi preżenti f'aktar minn sistema ta' informazzjoni ċentrali waħda, strettament limitat għad-*data* meħtieġa biex jiġi vverifikat li persuna tkun irreġistrata b'mod legali jew illegali taħt identitajiet bijografiċi differenti f'sistemi differenti iżda anki biex jiġi ċċarat li żewġ persuni li jkollhom *data* bijografika simili jaf ma jkunux l-istess persuna. L-ipproċessar ta' *data* permezz tal-MID u tal-BMS kondiviż biex jiġu llinkjati fajls individwali bejn sistemi individwali jinżamm għal minimu assolut. L-MID se jinkludi salvagwardji kontra diskriminazzjoni jew deċiżjonijiet mhux favorevoli potenzjali għal persuni b'diversi identitajiet legali.

- **Għażla tal-istrument**

Huwa propost Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-leġiżlazzjoni proposta tindirizza b'mod dirett l-operat tas-sistemi ta' informazzjoni ċentrali tal-UE għall-fruntieri u għas-sigurtà, li lkoll ġew stabbiliti, jew huma proposti biex jiġu stabbiliti, skont ir-Regolamenti. B'mod simili, l-eu-LISA, li se tkun responsabbli għad-disinn u għall-iżvilupp, u fi żmien debitu għall-ġestjoni teknika tal-komponenti, hi stabbilita skont Regolament ukoll. Għalhekk, Regolament hu l-għażla xierqa bħala strument.

3. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni pubblika**

Fit-tħejjija ta' din il-proposta, f'Lulju 2017 il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika biex tiġbor il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar is-suġġett tal-interoperabbiltà. Il-konsultazzjoni rċeviet 18-il tweġiba mingħand diversi partijiet ikkonċernati, inklużi gvernijiet tal-Istati Membri, organizzazzjonijiet tas-settur privat, organizzazzjonijiet oħra bħal NGOs u gruppi ta' riflessjoni, kif ukoll ċittadini privati[35]. B'mod ġenerali, it-tweġibiet kienu fil-parti l-kbira favur il-prinċipji sottostanti ta' din il-proposta dwar l-interoperabbiltà. Il-maġġoranza assoluta tar-rispondenti qablu li l-kwistjonijiet li identifikat il-konsultazzjoni kienu tajbin, u li l-għanijiet li l-pakkett dwar l-interoperabbiltà jfittex li jilħaq huma tajbin. B'mod partikolari, ir-rispondenti qiesu li l-għażliet spjegati fid-dokument ta' diskussjoni jkunu:

[35] Aktar dettalji qed jiġu pprovduti fir-rapport ta' sinteżi mehmuż mal-valutazzjoni tal-impatt.

- ta' għajnuna għall-persunal fuq il-post biex jaċċessa l-informazzjoni li jeħtieġ;
- jevitaw id-duplikazzjoni tad-*data*, inaqqsu t-trikkib u jixħtu dawl fuq id-diskrepanzi fid-*data*;
- jidentifikaw lin-nies b'mod aktar affidabbli — inklużi nies b'diversi identitajiet — u jnaqqsu l-frodi tal-identità.

Maġġoranza ċara tar-rispondenti sostniet lil kull waħda mill-għażliet proposti u qieset li huma neċessarji biex jintlaħqu l-għanijiet ta' din l-inizjattiva, filwaqt li saħqet fit-tweġibiet tagħha fuq il-ħtieġa ta' miżuri ta' protezzjoni tad-*data* b'saħħithom u ċari, b'mod partikolari b'rabta mal-aċċess għall-informazzjoni maħżuna fis-sistemi u ż-żamma ta' *data*, u l-ħtieġa ta' *data* aġġornata u ta' kwalità għolja fis-sistemi u fil-miżuri biex din tiġi żgurata.

Fit-tħejjija ta' din il-proposta ttieħdu inkonsiderazzjoni l-punti mqajma kollha.

- **Stħarriġ tal-Ewrobarometru**

F'Ġunju 2017, sar stħarriġ tal-Ewrobarometru Speċjali[36] li wera li l-istrateġija tal-UE ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni fil-livell tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu kellha appoġġ pubbliku qawwi: kważi r-rispondenti kollha (92 %) jaqblu li l-awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jaqsmu informazzjoni mal-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra biex jiġġieldu aħjar il-kriminalità u t-terroriżmu.

Maġġoranza ċara (69 %) tar-rispondenti esprimew il-fehma li l-pulizija u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra tal-infurzar tal-liġi jenħtieġ li jikkondividu l-informazzjoni ma' pajjiżi oħra tal-UE fuq bażi sistematika. Fl-Istati Membri kollha, maġġoranza tar-rispondenti taħseb li jenħtieġ li l-informazzjoni tiġi kondiviża f'kull każ.

- **Grupp ta' esperti ta' livell għoli dwar is-sistemi ta' informazzjoni u l-interoperabbiltà**

Kif diġà ġie indikat fl-introduzzjoni, din il-proposta kurrenti tibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-**grupp ta' esperti ta' livell għoli dwar is-sistemi ta' informazzjoni u l-interoperabbiltà**[37]. Dan il-grupp twaqqaf f'Ġunju 2016 bl-għan li jindirizza l-isfidi legali, tekniċi u operazzjonali tal-għażliet disponibbli biex jikseb l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ċentrali tal-UE għall-fruntieri u għas-sigurtà. Il-grupp ħa perspettiva ġenerali u komprensiva dwar l-arkitettura ta' ġestjoni tad-*data* għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-infurzar tal-liġi, filwaqt li kkunsidra wkoll ir-rwoli, ir-responsabbiltajiet u s-sistemi rilevanti għall-awtoritajiet doganali.

Il-grupp kien magħmul minn esperti mill-Istati Membri tal-UE u mill-pajjiżi assoċjati ta' Schengen, u mill-aġenziji tal-UE, l-eu-LISA, il-Europol, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali. Il-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* wkoll ipparteċipaw bħala membri sħaħ tal-grupp ta' esperti. Barra minn hekk, rappreżentanti tas-segretarjat tal-Kumitat tal-Parlament

[36] Ir-*Report on Europeans' attitudes towards security (Ir-Rapport dwar l-attitudni tal-Ewropej rigward is-sigurtà)* janalizza r-riżultati tal-istħarriġ tal-opinjoni pubblika tal-Ewrobarometru Speċjali (464b) rigward l-għarfien, l-esperjenzi u l-perċezzjonijiet ġenerali dwar is-sigurtà fost iċ-ċittadini. Dan l-istħarriġ twettaq min-netwerk TNS Political & Social fit-28 Stat Membru bejn it-13 u s-26 ta' Ġunju 2017. Ġew intervistati xi 28 093 ċittadin tal-UE minn kategoriji soċjali u demografiċi differenti.

[37] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2016 li tistabbilixxi l-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-interoperabbiltà — 2016/C 257/03.

Ewropew għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill attendew bħala osservaturi.

Ir-**rapport finali tal-grupp ta' esperti ta' livell għoli** ġie ppubblikat f'Mejju 2017[38]. Dan saħaq fuq il-ħtieġa li tittieħed azzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet strutturali identifikati fil-Komunikazzjoni ta' April 2016. Dan stabbilixxa firxa ta' rakkomandazzjonijiet biex jissaħħu u jiġu żviluppati s-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u l-interoperabbiltà. Huwa kkonkluda li **l-ħidma għall-portal Ewropew tat-tfittxija, għas-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku u għar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità bħala soluzzjonijiet għall-interoperabbiltà hija neċessarja u teknikament fattibbli**, u li fil-prinċipju dawn jistgħu kemm jiksbu titjib operazzjonali kif ukoll ikunu stabbiliti f'konformità mar-rekwiżiti relatati mal-protezzjoni tad-*data*. Il-grupp irrakkomanda wkoll li tiġi kkunsidrata l-għażla addizzjonali ta' approċċ maqsum fuq żewġ stadji lejn l-aċċess għall-infurzar tal-liġi, fuq il-bażi tal-funzjonalità tal-indikaturi hit/ no-hit .

Dan l-abbozz tar-Regolament iwieġeb ukoll għar-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' esperti ta' livell għoli dwar il-kwalità tad-*data*, il-Format Universali ta' Messaġġ (UMF) u l-istabbiliment ta' maħżen virtwali tad-*data* (hawn ippreżentat bħala r-repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistika (CRRS)).

Ir-raba' komponent tal-interoperabbiltà propost f'dan l-abbozz tar-Regolament (id-detettur ta' identitajiet multipli) ma kienx identifikat mill-grupp ta' esperti ta' livell għoli, iżda tqajjem matul l-analiżi teknika addizzjonali u l-valutazzjoni tal-proporzjonalità mwettqa mill-Kummissjoni.

- **Studji tekniċi**

Ġew ikkummissjonati tliet studji biex tiġi appoġġata t-tħejjija tal-proposta. Ikkuntrattata mill-Kummissjoni, Unisys ipprovdiet rapport dwar studju tal-fattibbiltà għall-portal Ewropew tat-tfittxija. L-eu-LISA kkummissjonat rapport tekniku mingħand Gartner (flimkien ma' Unisys) biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tas-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku. PWC ipprovdiet rapport tekniku dwar repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità lill-Kummissjoni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hi sostnuta minn valutazzjoni tal-impatt kif ippreżentata fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal SWD(2017) 473 li jakkumpanjaha.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju rrieżamina l-abbozz tal-valutazzjoni tal-impatt matul il-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2017 u pprovda l-opinjoni tiegħu (pożittiva b'riżervi) fit-8 ta' Diċembru filwaqt li indika li l-valutazzjoni tal-impatt tiġi aġġustata biex jiġu integrati r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord dwar aspetti speċifiċi. Dawn kienu primarjament relatati ma' miżuri addizzjonali skont l-għażla ppreferita li jissimplifikaw id-drittijiet eżistenti ta' aċċess għad-*data* għall-utenti finali fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, u mal-wiri tas-salvagwardji assoċjati għall-protezzjoni tad-*data* u għad-drittijiet fundamentali. It-tieni kunsiderazzjoni ewlenija kienet li tiġi ċċarata l-integrazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen skont l-għażla 2, inklużi l-effettività u l-ispejjeż biex jiġi ffaċilitat it-tqabbil ta' din mal-għażla ppreferuta 3. Il-Kummissjoni aġġornat il-valutazzjoni tal-impatt tagħha biex twieġeb għal dawn il-kunsiderazzjonijiet ewlenin u biex tindirizza numru ta' kummenti oħra magħmula mill-Bord.

[38] http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetailDoc&id=32600&no=1.

Il-valutazzjoni tal-impatt evalwat jekk u kif kull wieħed mill-għanijiet identifikati jista' jinkiseb billi jintużaw wieħed jew aktar minn fost il-komponenti tekniċi identifikati mill-grupp ta' esperti ta' livell għoli u permezz tal-analiżi sussegwenti. Fejn kien hemm bżonn, din ħarset ukoll lejn is-subgħażliet neċessarji biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, filwaqt li jiġi rrispettat il-qafas tal-protezzjoni tad-*data*. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li:

- Biex jintlaħaq l-għan ta' forniment lill-utenti awtorizzati ta' aċċess veloċi, mingħajr xkiel, sistematiku u kkontrollat għas-sistemi ta' informazzjoni rilevanti, jenħtieġ li jinħoloq portal Ewropew tat-tfittxija (ESP), mibni fuq servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS kondiviż) biex jindirizza l-bażijiet tad-*data* kollha.
- Biex jintlaħaq l-għan ta' ffaċilitar tal-kontrolli tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, fit-territorju ta' Stat Membru, minn uffiċjali awtorizzati, jenħtieġ li jinħoloq repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR), li jkun fih is-sett minimu ta' *data* tal-identifikazzjoni, u mibni fuq l-istess BMS kondiviż.
- Biex jintlaħaq l-għan ta' detezzjoni ta' identitajiet multipli illinkjati mal-istess sett ta' *data* bijometrika, bl-iskop doppju ta' ffaċilitar tal-kontrolli tal-identità għal vjaġġaturi *bona fide* u biex tiġi miġġielda l-frodi tal-identità, jenħtieġ li jinbena detettur ta' identitajiet multipli (MID), li jkun fih links bejn diversi identitajiet fost is-sistemi kollha.
- Biex jintlaħaq l-għan ta' ffaċilitar u ta' simplifikazzjoni tal-aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għal sistemi ta' informazzjoni mhux tal-infurzar tal-liġi, għall-fini ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' detezzjoni jew ta' prosekuzzjoni ta' reati serji u ta' terroriżmu, jenħtieġ li fis-CIR tiġi inkluża funzjonalità ta' "indikatur hit/no-hit".

Peress li jridu jintlaħqu l-għanijiet kollha, **is-soluzzjoni kompluta hi t-taħlita ta' ESP, CIR (bl-indikaturi hit/no-hit) u MID, ilkoll imsejsa fuq il-BMS kondiviż**.

L-impatt pożittiv il-kbir se jkun it-titjib tal-ġestjoni tal-fruntieri u sigurtà interna akbar fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Il-komponenti l-ġodda se jissimplifikaw u jħaffu l-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali għall-informazzjoni neċessarja u l-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Dawn se jippermettu biex l-awtoritajiet jagħmlu links inkroċjati ma' informazzjoni neċessarja diġà eżistenti fuq l-individwi matul il-verifiki fil-fruntieri, għal applikazzjonijiet għal viża u għall-ażil, u għax-xogħol tal-pulizija. B'hekk se jingħata aċċess għal informazzjoni li tista' ssostni t-teħid ta' deċiżjonijiet affidabbli, kemm jekk b'rabta mal-investigazzjonijiet dwar reati serji u terroriżmu kif ukoll jekk b'rabta ma' deċiżjonijiet fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-ażil. Filwaqt li ma jaffettwawx b'mod dirett liċ-ċittadini tal-UE (il-miżuri proposti huma primarjament iffukati fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi li d-*data* tagħhom tiġi rreġistrata f'sistema ta' informazzjoni ċċentralizzata tal-UE), il-proposti huma mistennija jiġġeneraw żieda fil-fiduċja pubblika billi jiżguraw li d-disinn u l-użu tagħhom iżidu s-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE.

L-impatti finanzjarji u ekonomiċi immedjati tal-proposta se jkunu limitati għad-disinn, għall-iżvilupp u għall-operat tal-faċilitajiet il-ġodda. L-ispejjeż se jiġġarrbu mill-baġit tal-UE u mill-awtoritajiet tal-Istati Membri li joperaw is-sistemi. L-impatt fuq it-turiżmu se jkun pożittiv peress li l-miżuri proposti se jtejbu s-sigurtà tal-Unjoni Ewropea filwaqt li fl-istess ħin jenħtieġ li jkunu ta' benefiċċju wkoll għal kontroll fil-fruntieri aktar veloċi. B'mod simili, l-impatt fuq l-ajruporti, il-portijiet marittimi u t-trasportaturi hu mistenni li jkun pożittiv, b'mod partikolari minħabba l-verifiki mħaffa tal-kontrolli fil-fruntiera.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-valutazzjoni tal-impatt ħarset b'mod partikolari lejn l-impatti tal-miżuri proposti fuq id-drittijiet fundamentali u, b'mod partikolari, fuq id-dritt għall-protezzjoni tad-*data*.

F'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li hi vinkolanti fuq l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE meta jimplimentaw id-dritt tal-UE (l-Artikolu 51(1) tal-Karta), l-opportunitajiet offruti mill-interoperabbiltà bħala miżura għat-tisħiħ tas-sigurtà u tal-protezzjoni tal-fruntiera esterna jridu jiġu bbilanċjati mal-obbligu li jiġi żgurat li l-interferenzi mad-drittijiet fundamentali li jistgħu jidderivaw mill-ambjent il-ġdid ta' interoperabbiltà jkunu limitati għal dak li hu strettament neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet ta' interess ġenerali mfittxijin, soġġetti għall-prinċipju tal-proporzjonalità (l-Artikolu 52(1) tal-Karta).

Is-soluzzjonijiet proposti dwar l-interoperabbiltà huma komponenti kumplimentari għas-sistemi eżistenti. B'hekk, dawn ma jbiddlux il-bilanċ diġà żgurat minn kull waħda mis-sistemi ċentrali eżistenti fir-rigward tal-impatt pożittiv ta' dawn fuq id-drittijiet fundamentali.

Minkejja dan, l-interoperabbiltà għandha l-potenzjal li jkollha impatt addizzjonali indirett fuq għadd ta' drittijiet fundamentali. Tabilħaqq, l-identifikazzjoni korretta ta' persuna għandha impatt pożittiv fuq id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata, u b'mod partikolari d-dritt għall-identità tal-persuna (l-Artikolu 7 tal-Karta), peress li din tista' tikkontribwixxi biex tiġi evitata konfużjoni relatata mal-identità. Min-naħa l-oħra, it-twettiq ta' kontrolli bbażati fuq *data* bijometrika jista' jitqies bħala wieħed li jxekkel id-dritt ta' persuna għad-dinjità tagħha (b'mod partikolari meta titqies bħala umiljanti) (l-Artikolu 1). Minkejja dan, fi stħarriġ[39] mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, ir-rispondenti saritilhom mistoqsija speċifika dwar jekk kinux jemmnu li l-għoti tal-bijometrija tagħhom fil-kuntest ta' kontroll fil-fruntieri jistax ikun umiljanti. Il-maġġoranza tar-rispondenti ma ħassitx li jkun.

Il-komponenti proposti tal-interoperabbiltà joffru l-opportunità li jiġu adottati miżuri preventivi għat-tisħiħ tas-sigurtà. B'hekk, dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja tal-persuni (l-Artikolu 2 tal-Karta), li timplika obbligu pożittiv ukoll fuq l-awtoritajiet biex jieħdu miżuri operazzjonali preventivi biex jipproteġu lil individwu li ħajtu tkun f'riskju, jekk ikunu jafu jew suppost li kienu jafu bl-eżistenza ta' riskju immedjat[40], kif ukoll għall-ħidma favur il-projbizzjoni tal-iskjavitù u tax-xogħol furzat (l-Artikolu 5). Permezz ta' identifikazzjoni affidabbli, aktar aċċessibbli u aktar faċli, l-interoperabbiltà tista' tappoġġa d-detezzjoni ta' tfal neqsin jew ta' tfal soġġetti għat-traffikar tal-bnedmin, u tiffaċilita risponsi veloċi u mmirati.

Identifikazzjoni affidabbli, aktar aċċessibbli u aktar faċli tista' tikkontribwixxi wkoll għall-iżgurar li d-dritt għall-ażil (l-Artikolu 18 tal-Karta) u l-obbligu ta' refoulement (l-Artikolu 19 tal-Karta) jiġu żgurati b'mod effettiv. Fil-fatt, l-interoperabbiltà tista' tipprevjeni sitwazzjonijiet li fihom l-applikanti għall-ażil jiġu arrestati b'mod illegali, miżmuma u jkunu soġġetti għal tkeċċija għalxejn. Barra minn hekk, permezz tal-interoperabbiltà, il-frodi tal-identità jiġi identifikat aktar faċilment. Din tnaqqas ukoll il-ħtieġa tal-kondiviżjoni ta' *data* u ta' informazzjoni dwar l-applikanti għall-ażil ma' pajjiżi terzi (b'mod partikolari mal-pajjiż

[39] *FRA survey in the framework of the eu-LISA pilot on smart borders — travellers' views on and experiences of smart borders*, Rapport mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali: http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/smart-borders/docs/smart_borders_pilot_-_technical_report_annexes_en.pdf.

[40] Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Osman vs Ir-Renju Unit, Nru 87/1997/871/1083, it-28 ta' Ottubru 1998, il-para. 116.

ta' oriġini) biex tiġi stabbilita l-identità tal-persuna u jinkisbu d-dokumenti tal-ivvjaġġar, li potenzjalment jistgħu ipoġġu lill-persuna kkonċernata f'periklu.

- **Protezzjoni ta' *data* personali**

Fid-dawl ta' *data* personali involuta, l-interoperabbiltà se jkollha impatt b'mod partikolari fuq id-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali. Dan id-dritt hu stabbilit mill-Artikolu 8 tal-Karta u mill-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Kif enfasizzat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE[41], id-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali mhuwiex dritt assolut, iżda jrid jiġi kkunsidrat f'relazzjoni mal-funzjoni tiegħu fis-soċjetà[42]. Il-protezzjoni tad-*data* hi marbuta mill-qrib mar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja kif protett mill-Artikolu 7 tal-Karta.

Skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*[43], il-moviment liberu tad-*data* fi ħdan l-UE m'għandux ikun ristrett għal raġunijiet ta' protezzjoni ta' *data*. Madankollu, trid tiġi ssodisfata sensiela ta' prinċipji. Tabilħaqq, biex tkun legali, kull limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali protetti mill-Karta trid tkun konformi mal-kriterji li ġejjin, stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tagħha:

- trid tkun prevista bil-liġi;
- trid tirrispetta l-essenza tad-drittijiet;
- trid tissodisfa ġenwinament l-għanijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu mħarsa d-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor;
- trid tkun neċessarja; kif ukoll
- trid tkun proporzjonata.

Din il-proposta kurrenti tinkorpora dawn ir-regoli kollha dwar il-protezzjoni tad-*data*, kif stabbilit f'dettall sħiħ fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja dan ir-Regolament propost. Il-proposta hi bbażata fuq il-prinċipji ta' protezzjoni tad-*data* fid-disinn u b'mod prestabbilit. Tinkludi d-dispożizzjonijiet xierqa kollha li jillimitaw l-ipproċessar ta' *data* għal dak li hu neċessarju għall-iskop speċifiku u li jagħtu aċċess għad-*data* biss lil dawk l-entitajiet li "għandhom bżonn li jkunu jafu". Il-perjodi ta' żamma tad-*data* (fejn rilevanti) huma xierqa u limitati. L-aċċess għad-*data* hu rriżervat b'mod esklużiv għal persunal awtorizzat kif xieraq tal-awtoritajiet tal-Istati Membri jew tal-korpi tal-UE li huma kompetenti għall-finijiet speċifiċi ta' kull sistema ta' informazzjoni u limitat sa fejn id-*data* tkun meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-kompiti f'konformità ma' dawn l-iskopijiet.

---

[41] Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, sentenza tad-9.11.2010, Kawżi Magħquda C-92/09 u C-93/09 Volker und Markus Schecke u Eifert [2010] Ġabra I-0000.

[42] Bi qbil mal-Artikolu 52(1) tal-Karta, jistgħu jiġu imposti limitazzjonijiet fuq l-eżerċizzju tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* sakemm il-limitazzjonijiet ikunu previsti mil-liġi, jirrispettaw l-essenza ta' dak id-dritt u l-libertajiet u, bla preġudizzju għall-prinċipju tal-proporzjonalità, ikunu meħtieġa u ġenwinament jilħqu l-għanijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni Ewropea jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

[43] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-implikazzjonijiet baġitarji huma inklużi fid-dikjarazzjoni finanzjarja mehmuża **li tissostitwixxi dik annessa mal-proposta preċedenti**. Din tkopri l-perjodu li jifdal tal-qafas finanzjarju pluriennali attwali (sal-2020) u s-seba' snin tal-perjodu ta' wara (2021-2027). **Il-baġit propost għas-snin mill-2021 sal-2027 huwa** ~~kopert minn~~ **kompatibbli mal-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss tat-2 ta' Mejju 2018**. ~~Il-baġit propost għas-snin 2021 u lil hinn hu inkluż għal finijiet ta' wiri u ma jippreġudikax il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.~~

L-implimentazzjoni ta' din il-proposta se teħtieġ allokazzjonijiet baġitarji għal:

(1) L-**iżvilupp** u l-integrazzjoni mill-eu-LISA tal-erba' komponenti tal-interoperabbiltà, u r-repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistika, u l-**manutenzjoni u l-operazzjonijiet** sussegwenti tagħhom.

(2) Il-**migrazzjoni tad-*data*** għas-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS kondiviż) u għar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR). Fil-każ tal-BMS kondiviż, il-mudelli bijometriċi tad-*data* korrispondenti mit-tliet sistemi li bħalissa jużaw il-bijometrija (SIS, VIS u Eurodac) iridu jinħolqu mill-ġdid fuq il-BMS kondiviż. Fil-każ tas-CIR, l-elementi tad-*data* personali mill-VIS iridu jiġu ttrasferiti fis-CIR, u l-links possibbli misjuba bejn l-identitajiet fis-SIS, fil-VIS u fil-Eurodac iridu jiġu vvalidati. Dan l-aħħar proċess, b'mod partikolari, jirrekjedi ħafna riżorsi.

(3) L-aġġornament mill-eu-LISA tal-**interfaċċa uniformi nazzjonali** (NUI, National Uniform Interface) diġà inkluża fir-Regolament dwar l-EES biex issir komponent ġeneriku li jippermetti l-iskambju ta' messaġġi bejn l-Istati Membri u s-sistema/i ċentrali.

(4) L-**integrazzjoni tas-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri** mal-NUI li se tgħaddi l-messaġġi skambjati mas-CIR / mad-detettur ta' identitajiet multipli permezz tal-portal Ewropew tat-tfittxija.

(5) It-**taħriġ** dwar l-użu tal-komponenti tal-interoperabbiltà mill-utenti finali, inkluż permezz tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL).

Il-komponenti tal-interoperabbiltà huma mibnija u mantnuti bħala programm. Filwaqt li l-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) u d-detettur ta' identitajiet multipli huma komponenti ġodda għalkollox, flimkien mar-repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistiki (CRRS), il-BMS kondiviż u s-CIR huma komponenti kondiviżi li jikkombinaw id-*data* eżistenti miżmuma (jew li se tinżamm) fis-sistemi eżistenti jew ġodda mal-istimi baġitarji eżistenti tagħhom.

L-**ESP** se jimplimenta interfaċċi magħrufa eżistenti għas-SIS, għall-VIS u għall-Eurodac u fi żmien debitu se jiġi estiż għal sistemi ġodda.

L-ESP se jintuża mill-Istati Membri u mill-aġenziji li jużaw interfaċċa bbażata fuq Format Universali ta' Messaġġ (UMF). Din l-interfaċċa l-ġdida se teħtieġ żviluppi, adattamenti, integrazzjonijiet u ttestjar mill-Istati Membri, mill-eu-LISA, mill-Europol u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. L-ESP ikun juża l-kunċetti tal-interfaċċa uniformi nazzjonali (NUI) introdotti għall-EES, li jbaxxu l-isforzi ta' integrazzjoni.

L-ESP se jiġġenera spejjeż addizzjonali għall-Europol biex jagħmel l-interfaċċa QUEST disponibbli għall-użu b'*data* b'livell bażiku ta' protezzjoni (BPL).

Il-bażi tal-*BMS kondiviż* se tiġi stabbilita *de facto* bil-ħolqien tal-EES il-ġdida peress li din tikkontribwixxi bil-bosta l-akbar volum ta' *data* bijometrika ġdida. Il-baġit meħtieġ ġie rriżervat permezz tal-istrument legali tal-EES. Iż-żieda ta' *data* bijometrika ulterjuri mill-VIS, mis-SIS u mill-Eurodac fil-BMS kondiviż tikkostitwixxi kost addizzjonali primarjament marbut mal-migrazzjoni tad-*data* eżistenti. Din hija stmata li tiswa EUR 10 miljun għat-tliet sistemi kollha f'daqqa. Iż-żieda ta' *data* bijometrika ġdida għas-sistema ECRIS-TCN proposta tikkostitwixxi kost addizzjonali limitat li jista' jiġi kopert mill-fondi rriżervati taħt l-istrument legali propost ECRIS-TCN biex tiġi stabbilita sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' ta' ECRIS-TCN.

Ir-**repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità** se jiġi stabbilit bil-ħolqien tal-EES futura u jiġi estiż ulterjorment meta tiġi żviluppata l-ETIAS proposta. Il-ħżin u l-magni tat-tiftix għal din id-*data* ġew inklużi fil-baġit irriżervat għall-EES futura u għall-istrumenti legali proposti tal-ETIAS. Iż-żieda ta' *data* bijografika ġdida mill-Eurodac kif ukoll mis-sistema ECRIS-TCN proposta tikkostitwixxi żieda minima fil-kost li diġà ġiet irriżervata taħt il-Eurodac u l-istrumenti legali proposti tal-ECRIS-TCN.

Il-baġit totali meħtieġ tul disa' snin (2019-2027) jammonta għal EUR ~~424.7~~ **461,0** miljun, u jkopri l-partiti li ġejjin:

(6) Baġit ta' EUR ~~225~~ **261,3** miljun għall-eu-LISA li jkopru l-ispiża totali għall-iżvilupp tal-programm li jforni l-ħames komponenti tal-interoperabbiltà (EUR 68,3 miljun), il-kost tal-manutenzjoni mill-mument li fih il-komponenti jiġu pprovduti sal-2027 (EUR 56,1 miljun), baġit speċifiku ta' EUR 25,0 miljun għall-migrazzjoni tad-*data* mis-sistemi eżistenti għall-BMS kondiviż u l-ispejjeż addizzjonali għall-aġġornament tal-NUI, għan-netwerk, għat-taħriġ u għal-laqgħat. Baġit speċifiku ta' EUR 18,7 miljun ikopri l-kost tal-aġġornament u tal-operar tal-ECRIS-TCN f'modalità ta' disponibbiltà kbira mill-2022. **Baġit speċifiku ta' EUR 36,3 miljun jkopri l-kost biex in-netwerk u s-SIS ċentrali jiġu aġġornati (Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen) għal żieda stmata ta' tiftix li x'aktarx li sseħħ bħala riżultat ta' interoperabbiltà.**

(7) Baġit ta' EUR 136,3 miljun għall-Istati Membri biex dawn ikopru t-tibdiliet fis-sistemi nazzjonali tagħhom bl-għan li jużaw il-komponenti tal-interoperabbiltà, l-NUI fornita mill-eu-LISA u baġit għat-taħriġ tal-komunità sostanzjali ta' utenti finali.

(8) Baġit ta' EUR 48,9 miljun għall-Europol biex ikopri l-aġġornament tas-sistemi tal-IT tal-Europol għall-volum ta' messaġġi li għandhom jiġu mmaniġġjati u l-livelli akbar ta' prestazzjoni. Il-komponenti tal-interoperabbiltà se jintużaw mill-ETIAS biex tiġi kkonsultata d-*data* tal-Europol.

(9) Baġit ta' EUR 4,8 miljun għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta biex jiġi ospitat tim ta' speċjalisti li matul sena se jivvalida l-links bejn l-identitajiet fil-mument li fih jiġi attivat id-detettur ta' identitajiet multipli.

(10) Baġit ta' EUR 2,0 miljun għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) biex jiġu koperti t-tħejjija u l-għoti tat-taħriġ lill-persunal operazzjonali.

(11) Provvediment ta' EUR 7,7 miljun għad-DĠ HOME biex tiġi koperta ż-żieda limitata fl-ispejjeż tal-persunal u dawk relatati miegħu matul il-perjodu ta' żvilupp tal-komponenti differenti, peress li l-Kummissjoni se jkollha twettaq ukoll kompiti addizzjonali matul dak il-perjodu u terfa' r-responsabbiltà tal-kumitat li jaħdem fuq

il-Format Universali ta' Messaġġ.

Ir-Regolament tal-Fruntieri tal-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF, Internal Security Fund) hu l-istrument finanzjarju **tal-QFP 2014-2020**fejn ġie inkluż il-baġit għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva għall-interoperabbiltà. Fl-Artikolu 5(b) huwa previst li EUR 791 miljun għandhom jiġu implimentati permezz ta' programm għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq il-bażi ta' sistemi tal-IT eżistenti u/jew ġodda, b'appoġġ tal-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni soġġetti għall-adozzjoni tal-atti leġiżlattivi rilevanti tal-Unjoni u bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15(5). Minn dawn is-EUR 791 miljun, EUR 480,2 miljun huma riżervati għall-iżvilupp tal-EES, EUR 210 miljun għall-ETIAS u EUR 67,9 miljun għar-reviżjoni tas-SIS. Il-bqija (EUR 32,9 miljun) għandhom jiġu riallokati permezz tal-mekkaniżmi tal-ISF-B. Il-proposta kurrenti teħtieġ EUR 32,1 miljun għall-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti (2019/20) li, għaldaqstant, jaqblu mal-baġit li jifdal.

5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

L-eu-LISA hi responsabbli għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja. B'hekk, diġà hi inkarigata bl-operat u bit-titjib tekniku u operazzjonali tas-sistemi eżistenti, u diġà hu previst l-iżvilupp tas-sistemi futuri. Skont dan ir-Regolament propost, hi se tiddefinixxi d-disinn tal-arkitettura fiżika tal-komponenti tal-interoperabbiltà, tiżviluppahom u timplimentahom, u finalment tospitahom. Il-komponenti rispettivi se jiġu implimentati b'mod inkrimentali, flimkien mal-iżvilupp tas-sistemi sottostanti.

Il-Kummissjoni se tiżgura li jkun hemm fis-seħħ sistemi għall-monitoraġġ tal-iżvilupp u tal-funzjonament tal-erba' komponenti (il-portal Ewropew tat-tfittxija, is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku, ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità, id-detettur ta' identitajiet multipli) u r-repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistiki, u tevalwahom fl-isfond tal-għanijiet tal-politika ewlenin. Erba' snin wara li l-funzjonalitajiet ikunu ġew implimentati u jkun ilhom joperaw, u kull erba' snin wara dawn, jenħtieġ li l-eu-LISA tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport dwar il-funzjonament tekniku tal-komponenti tal-interoperabbiltà. Barra minn hekk, ħames snin wara li l-funzjonalitajiet ikunu ġew implimentati u jkunu ilhom joperaw, u kull erba' snin wara dawn, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproduċi evalwazzjoni ġenerali tal-komponenti , inkluż dwar l-impatt dirett jew indirett tal-komponenti u tal-implimentazzjoni prattika tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali. Jenħtieġ li din teżamina r-riżultati fl-isfond tal-għanijiet u tivvaluta l-validità ssoktata tal-motivazzjoni sottostanti u ta' kull implikazzjoni għall-għażliet futuri. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapporti ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kapitolu I jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali għal dan ir-Regolament. Dan jispejga: il-prinċipji sottostanti għar-Regolament; il-komponenti stabbiliti fih; l-għanijiet li l-interoperabbiltà għandha l-għan li tindirizza; il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament; id-definizzjonijiet tat-termini użati f'dan ir-Regolament; u l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni rigward l-ipproċessar ta' *data* skont dan ir-Regolament.

Il-Kapitolu II jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP). Dan il-kapitolu jipprevedi l-istabbiliment tal-ESP u tal-arkitettura teknika tiegħu, li għandha tiġi żviluppata mill-eu-LISA. Dan jispeċifika l-iskop tal-ESP u jidentifika dawk li jistgħu jużaw l-ESP u kif għandhom jużawh f'konformità mad-drittijiet eżistenti dwar l-aċċess għal kull waħda mis-sistemi ċentrali. Hemm dispożizzjoni biex l-eu-LISA toħloq profili tal-utenti għal kull kategorija ta' utent. Dan il-kapitolu jistabbilixxi kif l-ESP jfittex f'sistemi ċentrali u jipprevedi l-kontenut u l-format tat-tweġibiet lill-utenti. Il-Kapitolu II jipprevedi wkoll li l-eu-LISA iżżomm logs tal-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar, u jipprevedi proċedura ta' rkupru f'każ li l-ESP ma jkunx jista' jaċċessa waħda jew aktar mis-sistemi ċentrali.

Il-Kapitolu III jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għas-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS kondiviż). Dan il-kapitolu jipprovdi għall-istabbiliment tal-BMS kondiviż u tal-arkitettura teknika tiegħu, li għandha tiġi żviluppata mill-eu-LISA. Dan jispeċifika l-iskop tal-BMS kondiviż u jistabbilixxi x'*data* jaħżen. Jispjega l-link bejn il-BMS kondiviż u l-komponenti l-oħra. Il-Kapitolu III jipprevedi wkoll li l-BMS kondiviż mhux se jkompli jaħżen *data* ladarba d-*data* ma tibqax fis-sistema ċentrali rispettiva u jipprevedi li l-eu-LISA se żżomm logs tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar.

Il-Kapitolu IV jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR). Dan il-kapitolu jipprevedi l-istabbiliment tas-CIR u tal-arkitettura teknika tiegħu, li għandha tiġi żviluppata mill-eu-LISA. Jistabbilixxi l-iskop tas-CIR u jiċċara liema *data* se tinħażen, u kif, inklużi dispożizzjonijiet għall-iżgurar tal-kwalità tad-*data* maħżuna. Dan il-kapitolu jipprevedi li s-CIR se joħloq fajls individwali fuq il-bażi tad-*data* miżmuma fis-sistemi ċentrali, u li l-fajls individwali jiġu aġġornati f'konformità mat-tibdiliet fis-sistemi ċentrali individwali. Il-Kapitolu IV jispeċifika wkoll kif is-CIR se jopera b'rabta mad-detettur ta' identitajiet multipli. Dan il-kapitolu jidentifika lil dawk li jista' jkollhom aċċess għas-CIR u kif dawn jistgħu jaċċessaw id-*data* f'konformità mad-drittijiet tal-aċċess, u dispożizzjonijiet aktar speċifiċi skont jekk l-aċċess ikunx għall-finijiet ta' identifikazzjoni jew, bħala l-ewwel pass tal-approċċ maqsum fuq żewġ stadji, għall-aċċessar tal-EES, tal-VIS, tal-ETIAS u tal-Eurodac permezz tas-CIR għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi. Il-Kapitolu IV jipprevedi wkoll li l-eu-LISA żżomm logs tal-operazzjonijiet ta' proċessar kollha li jikkonċernaw is-CIR.

Il-Kapitolu V jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għad-detettur ta' identitajiet multipli (MID). Dan il-kapitolu jipprevedi l-istabbiliment tal-MID u tal-arkitettura teknika tiegħu, li għandha tiġi żviluppata mill-eu-LISA. Jispjega l-għan tal-MID u jirregola l-użu tal-MID f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess għal kull waħda mis-sistemi ċentrali. Il-Kapitolu V jistabbilixxi meta u kif l-MID se jniedi tfittxijiet biex isib identitajiet multipli, u kif ir-riżultati jiġu forniti u jingħataw segwitu, inkluż meta jkun hemm bżonn permezz ta' verifika manwali. Il-Kapitolu V jistabbilixxi klassifikazzjoni tat-tipi ta' link li jistgħu jirriżultaw mit-tfittxija skont jekk ir-riżultat jurix *data* dwar identità waħda, identitajiet multipli jew identità kondiviża. Dan il-kapitolu jipprevedi li l-MID se jaħżen *data* llinkjata fis-sistemi ċentrali filwaqt li d-*data* tibqa' f'żewġ sistemi ċentrali individwali jew aktar. Il-Kapitolu V jipprevedi wkoll li l-eu-LISA se żżomm logs tal-operazzjonijiet ta' proċessar kollha li jikkonċernaw l-MID.

Il-Kapitolu VI jistabbilixxi l-miżuri li jappoġġaw l-interoperabbiltà. Jipprevedi t-titjib tal-kwalità tad-*data,* filwaqt li jistabbilixxi l-Format Universali ta' Messaġġ bħala l-istandard komuni għall-iskambju ta' informazzjoni b'appoġġ tal-interoperabbiltà, u joħloq repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistiki.

Il-Kapitolu VII hu relatat mal-protezzjoni tad-*data*. Dan il-kapitolu jagħmel dispożizzjonijiet li jiżguraw li d-*data* pproċessata skont dan ir-Regolament tiġi pproċessata skont il-liġi u kif xieraq, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 45/2001. Jispjega min se jkun

il-proċessur tad-*data* għal kull waħda mill-miżuri tal-interoperabbiltà proposti f'dan ir-Regolament, jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa mill-eu-LISA u mill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jiżguraw is-sigurtà tal-ipproċessar ta' *data*, il-kunfidenzjalità tad-*data*, l-immaniġġjar xieraq tal-inċidenti tas-sigurtà u l-monitoraġġ xieraq tal-konformità mal-miżuri f'dan ir-Regolament. Il-kapitolu fih ukoll dispożizzjonijiet rigward id-drittijiet ta' suġġetti tad-*data*, inkluż id-dritt li jiġu informati li *data* li tirrigwardahom inħażnet u ġiet proċessata skont dan ir-Regolament, u d-dritt ta' aċċess, ta' korrezzjoni u ta' tħassir ta' *data* personali li nħażnet u ġiet proċessata skont dan ir-Regolament. Dan il-kapitolu jistabbilixxi wkoll il-prinċipju li d-*data* ppproċessata skont dan ir-Regolament ma tistax tiġi ttrasferita jew titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' xi pajjiż terz, organizzazzjoni internazzjonali jew parti privata, bl-eċċezzjoni tal-Interpol għal xi skopijiet speċifiċi, u d-*data* riċevuta mingħand l-Europol permezz tal-portal Ewropew tat-tfittxija fejn ikunu japplikaw ir-regoli tar-Regolament 2016/794 dwar l-ipproċessar sussegwenti ta' *data*. Fl-aħħar nett, il-kapitolu jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet relatati mas-superviżjoni u mal-awditjar b'rabta mal-protezzjoni tad-*data*.

Il-Kapitolu VIII jistabbilixxi r-responsabbiltajiet tal-eu-LISA qabel u wara d-dħul fis-seħħ tal-miżuri f'din il-proposta, u għall-Istati Membri, għall-Europol u għall-unità ċentrali tal-ETIAS.

Il-Kapitolu VIIIa jikkonċerna l-emendi fi strumenti oħra tal-Unjoni. Dan il-kapitolu jintroduċi t-tibdiliet fi strumenti legali oħra li huma neċessarji għall-implimentazzjoni sħiħa ta' din il-proposta dwar l-interoperabbiltà. Din il-proposta tinkludi dispożizzjonijiet dettaljati għat-tibdiliet neċessarji fl-abbozz tal-istrumenti legali li bħalissa huma testi stabbli kif miftiehem b'mod proviżorju mill-koleġiżlaturi: [Ir-Regolament Eurodac], ir-Regolament propost dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi, ir-Regolament dwar is-sistema ECRIS-TCN, u dwar eu-LISA.

Il-Kapitolu IX jistabbilixxi dettalji relatati ma': l-obbligi statistiċi u ta' rappurtar relatati mad-*data* ppproċessata skont dan ir-Regolament; il-miżuri ta' tranżizzjoni li se jkunu meħtieġa; l-arranġamenti relatati mal-ispejjeż li jirriżultaw minn dan ir-Regolament; ir-rekwiżiti relatati man-notifiki; il-proċess għall-bidu tal-operazzjonijiet tal-miżuri proposti f'dan ir-Regolament; l-arranġamenti ta' governanza inkluża l-formazzjoni ta' kumitat u ta' grupp konsultattiv, ir-responsabbiltà tal-eu-LISA b'rabta mat-taħriġ, u manwal prattiku li jappoġġa l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà; il-proċeduri relatati mal-monitoraġġ u mal-evalwazzjoni tal-miżuri proposti f'dan ir-Regolament; u dispożizzjoni għad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2017/0352 (COD)

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-twaqqif ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE (il-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni) u li jemenda r-[Regolament (UE) 2018/XX [ir-Regolament Eurodac]], ir-Regolament (UE) 2018/XX [ir-Regolament dwar SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi], ir-Regolament (UE) 2018/XX [ir-Regolament dwar l-ECRIS-TCN] u r-Regolament (UE) 2018/XX [ir-Regolament eu-LISA]

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2), l-Artikolu 74, l-Artikolu 78(2)(e), l-Artikolu 79(2)(c), l-Artikolu 82(1)(d), l-Artikolu 85(1), l-Artikolu 87(2)(a) u l-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,[44]

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,[45]

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-6 ta' April 2016 intitolata *Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà*[46], il-Kummissjoni saħqet fuq il-ħtieġa li tittejjeb l-arkitettura tal-ġestjoni tad-*data* tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-fruntieri u għas-sigurtà. Il-Kummissjoni nediet proċess favur il-kisba tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni, bl-għan li tindirizza n-nuqqasijiet strutturali relatati ma' dawn is-sistemi li jxekklu l-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali u biex jiġi żgurat li l-gwardji tal-fruntiera, l-awtoritajiet doganali, l-uffiċjali tal-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji jkollhom l-informazzjoni neċessarja għad-dispożizzjoni tagħhom.

(2) Il-Kunsill, fil-Pjan Direzzjonali tiegħu għal titjib fl-iskambju tal-informazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni inklużi soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tas-6 ta' Ġunju 2016[47], identifika diversi sfidi legali, tekniċi u operazzjonali fl-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u sejjaħ għas-sejbien ta' soluzzjonijiet.

---

44 ĠU C , , p. .

45

46 COM(2016)205, 6.4.2016.

47 Il-Pjan Direzzjonali tas-6 ta' Ġunju 2016 għal titjib fl-iskambju tal-informazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni inklużi soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni — 9368/1/16 REV 1.

(3) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2016 dwar il-prijoritajiet strateġiċi għall-Programm ta' Ħidma 2017[48] tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew sejjaħ għal proposti għat-titjib u għall-iżvilupp tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti tal-UE, għall-indirizzar tal-lakuni fl-informazzjoni u għall-mixja lejn l-interoperabbiltà ta' dawn, kif ukoll għal proposti għall-kondiviżjoni obbligatorja ta' informazzjoni fil-livell tal-UE, flimkien mas-salvagwardji neċessarji għall-protezzjoni tad-*data*.

(4) Il-Kunsill Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016[49] sejjaħ biex jibqgħu jinkisbu riżultati b'rabta mal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni u tal-bażijiet tad-*data* tal-UE.

(5) Fir-rapport finali tiegħu tal-11 ta' Mejju 2017[50], il-grupp ta' esperti ta' livell għoli dwar is-sistemi ta' informazzjoni u l-interoperabbiltà kkonkluda li l-ħidma favur soluzzjonijiet prattiċi għall-interoperabbiltà hija neċessarja u teknikament fattibbli u li, fil-prinċipju, hu possibbli li dawn jiksbu kemm titjib operazzjonali filwaqt li fl-istess ħin ikunu konformi mar-rekwiżiti relatati mal-protezzjoni tad-*data*.

(6) Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-16 ta' Mejju 2017 intitolata *Is-Seba' rapport ta' progress lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina*[51], il-Kummissjoni stabbilixxiet, f'konformità mal-Komunikazzjoni tagħha tas-6 ta' April 2016 u kif ikkonfermat mis-sejbiet u mir-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' esperti ta' livell għoli dwar is-sistemi ta' informazzjoni u l-interoperabbiltà, approċċ ġdid għall-ġestjoni tad-*data* għall-fruntieri, għas-sigurtà u għall-migrazzjoni fejn is-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-UE għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni jkunu interoperabbli b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali.

(7) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2017[52] dwar id-direzzjoni li għandha tittieħed biex jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni u tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tfittex is-soluzzjonijiet għall-interoperabbiltà kif propost mill-grupp ta' esperti ta' livell għoli.

(8) Il-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2017[53] saħaq fuq il-ħtieġa li tittejjeb l-interoperabbiltà bejn il-bażijiet tad-*data* u stieden lill-Kummissjoni biex tħejji, mill-aktar fis possibbli, abbozz ta' leġiżlazzjoni li tippromulga l-proposti magħmula mill-grupp ta' esperti ta' livell għoli dwar is-sistemi ta' informazzjoni u l-interoperabbiltà.

(9) Bl-għan li titjieb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni, biex isir kontribut għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u biex isir kontribut għal livell għoli ta' sigurtà fi ħdan l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-Unjoni, inkluża ż-żamma tas-sigurtà pubblika u tal-ordni pubbliku u tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà fit-territorji tal-Istati Membri, jenħtieġ li tiġi stabbilita l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, jiġifieri s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), [is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)], il-Eurodac, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u s-[Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS-TCN)] biex dawn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u d-*data* tagħhom jissupplimentaw lil xulxin. Biex jinkiseb dan, jenħtieġ li jiġu

48 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2016 dwar il-prijoritajiet strateġiċi għall-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2017 (2016/2773(RSP).
49 http://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2016/12/15/euco-conclusions-final/.
50 http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetailDoc&id=32600&no=1.
51 COM(2017) 261 final, 16.5.2017.
52 http://www.consilium.europa.eu/media/22186/st10136en17-vf.pdf.
53 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, it-22-23 ta' Ġunju 2017.

stabbiliti portal Ewropew tat-tfittxija (ESP), servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS kondiviż), repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) u detettur ta' identitajiet multipli (MID) bħala komponenti tal-interoperabbiltà.

(10) Jenħtieġ li l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE tippermetti li dawn sistemi jissupplimentaw lil xulxin biex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni korretta tan-nies, isir kontribut għall-ġlieda kontra l-frodi tal-identità, jitjiebu u jiġu armonizzati r-rekwiżiti relatati mal-kwalità tad-*data* tas-sistemi ta' informazzjoni rispettivi tal-UE, tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni teknika u operazzjonali mill-Istati Membri tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti u futuri tal-UE, jissaħħu u jiġu ssimplifikati s-salvagwardji tas-sigurtà tad-*data* u tal-protezzjoni tad-*data* li jirregolaw is-sistemi ta' informazzjoni rispettivi tal-UE, jiġi ssimplifikat l-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-EES, għall-VIS, għall-[ETIAS] u għall-Eurodac, u jiġu appoġġati l-iskopijiet tal-EES, tal-VIS, tal-[ETIAS], tal-Eurodac, tas-SIS u tas-[sistema ECRIS-TCN].

(11) Jenħtieġ li l-komponenti tal-interoperabbiltà jkopru l-EES, il-VIS, l-[ETIAS], il-Eurodac, is-SIS u s-[sistema ECRIS-TCN]. Jenħtieġ li dawn ikopru wkoll id-*data* tal-Europol b'tali mod li din tkun tista' titfittex b'mod simultanju b'dawn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE.

(12) Jenħtieġ li l-komponenti tal-interoperabbiltà jikkonċernaw lil persuni li fir-rigward tagħhom tista' tiġi pproċessata *data* personali fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u mill-Europol, jiġifieri ċittadini ta' pajjiżi terzi li d-*data* personali tagħhom tiġi pproċessata fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u mill-Europol, u lil ċittadini tal-UE li d-*data* personali tagħhom tiġi pproċessata fis-SIS u mill-Europol.

(13) Jenħtieġ li l-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) jiġi stabbilit biex jiffaċilita teknikament il-ħila tal-awtoritajiet tal-Istati Membri u tal-korpi tal-UE biex ikollhom aċċess veloċi, mingħajr xkiel, effiċjenti, sistematiku u kkontrollat għas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, għad-*data* tal-Europol u għall-bażijiet tad-*data* tal-Interpol li huma meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom, f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom, u biex jiġu appoġġati l-għanijiet tal-EES, tal-VIS, tal-[ETIAS], tal-Eurodac, tas-SIS, tas-[sistema ECRIS-TCN] u tad-*data* tal-Europol. Filwaqt li jippermetti li ssir tfittxija simultanja tas-sistemi ta' informazzjoni rilevanti kollha tal-UE b'mod parallel, kif ukoll tad-*data* tal-Europol u tal-bażijiet tad-*data* tal-Interpol, jenħtieġ li l-ESP jaġixxi bħala punt uniku ta' servizz jew ta' "intermedjarju tal-messaġġi" biex jitfittxu diversi sistemi ċentrali u tinstab l-informazzjoni neċessarja mingħajr dewmien u bir-rispett sħiħ tar-rekwiżiti dwar il-kontroll tal-aċċess u tal-protezzjoni tad-*data* tas-sistemi sottostanti.

(14) Jenħtieġ li dawk l-utenti finali tal-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP, European search portal) li jkollhom id-dritt li jaċċessaw *data* tal-Europol skont ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54] ikunu jistgħu jfittxu d-*data* tal-Europol b'mod simultanju bis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE li jkollhom aċċess għalihom. Kull ipproċessar ulterjuri ta' *data* wara tfittxija bħal din jenħtieġ li jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794, inklużi restrizzjonijiet dwar l-aċċess jew l-użu impost mill-fornitur tad-*data*.

(15) Jenħtieġ li l-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) jiġi żviluppat u kkonfigurat b'tali mod li ma jippermettix l-użu ta' attributi ta' *data* għat-tfittxija li ma jkunux relatati ma'

[54] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

persuni jew ma' dokumenti tal-ivvjaġġar jew li ma jkunux preżenti f'sistema ta' informazzjoni tal-UE, fid-*data* tal-Europol jew fil-bażi ta' *data* tal-Interpol.

(16) Biex jiġi żgurat użu veloċi u sistematiku tas-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-UE, jenħtieġ li l-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) jintuża biex isiru tfittxijiet fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità, fl-EES, fil-VIS, fl-[ETIAS], fil-Eurodac u fis-[sistema ECRIS-TCN]. Madankollu, jenħtieġ li l-konnessjoni nazzjonali għas-sistemi ta' informazzjoni differenti tal-UE tibqa' biex tipprovdi rikors tekniku. Jenħtieġ li l-ESP jintuża wkoll mill-korpi tal-Unjoni biex dawn ifittxu fis-SIS Ċentrali f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom u biex iwettqu l-kompiti tagħhom. Jenħtieġ li l-ESP ikun mezz addizzjonali biex isiru tfittxijiet fis-SIS Ċentrali, fid-*data* tal-Europol u fis-sistemi tal-Interpol, filwaqt li jiġu kkomplimentati l-interfaċċi ddedikati eżistenti.

(17) *Data* bijometrika, bħal marki tas-swaba' u immaġnijiet tal-wiċċ, huma uniċi u, għalhekk ferm aktar affidabbli minn *data* alfanumerika għall-identifikazzjoni ta' persuna. Jenħtieġ li s-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (il-BMS kondiviż) ikun għodda teknika biex tissaħħaħ u tiġi ffaċilitata l-ħidma tas-sistemi ta' informazzjoni rilevanti tal-UE u tal-komponenti tal-interoperabbiltà l-oħra. Jenħtieġ li l-iskop prinċipali tal-BMS kondiviż ikun li jiffaċilita l-identifikazzjoni ta' individwu li jista' jkun irreġistrat f'bażijiet tad-*data* differenti, billi jqabbel id-*data* bijometrika tiegħu f'sistemi differenti u billi jibbaża fuq komponent teknoloġiku uniku wieħed minflok ħamsa differenti f'kull waħda mis-sistemi sottostanti. Jenħtieġ li l-BMS kondiviż jikkontribwixxi għas-sigurtà, kif ukoll għall-benefiċċji finanzjarji, tal-manutenzjoni u dawk operazzjonali billi jibbaża fuq komponent teknoloġiku uniku wieħed minflok ħafna differenti f'kull waħda mis-sistemi sottostanti. Is-sistemi awtomatizzati kollha għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba', inklużi dawk użati bħalissa għall-Eurodac, għall-VIS u għas-SIS, jużaw mudelli bijometriċi msawra minn *data* miksuba minn estrazzjoni tal-karatteristiċi ta' kampjuni bijometriċi propji. Jenħtieġ li l-BMS kondiviż jiġbor fi grupp u jaħżen dawn il-mudelli bijometriċi kollha f'post uniku wieħed, biex b'hekk jiffaċilita t-tqabbil bejn is-sistemi billi tintuża *data* bijometrika u jippermetti l-ekonomiji ta' skala fl-iżvilupp u fil-manutenzjoni tas-sistemi ċentrali tal-UE.

(18) Id-*data* bijometrika tikkostitwixxi *data* personali sensittiva. Jenħtieġ li dan ir-regolament jistabbilixxi l-bażi u s-salvagwardji għall-ipproċessar ta' din id-*data* għall-fini ta' identifikazzjoni tal-persuni kkonċernati biss.

(19) Is-sistemi stabbiliti permezz tar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55], tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[56], tar-[Regolament dwar l-ETIAS] għall-ġestjoni tal-fruntieri tal-Unjoni, is-sistema stabbilita mir-[Regolament Eurodac] biex jiġu identifikati l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali u għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, u s-sistema stabbilita permezz tar-[Regolament dwar is-sistema ECRIS-TCN] jeħtieġu li, biex

---

55 Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata *data* dwar id-dħul u l-ħruġ u *data* dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ir-Regolament dwar l-EES) (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20–82).

56 Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema ta' l-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (ir-Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

ikunu effettivi, jibbażaw fuq l-identifikazzjoni preċiża ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li d-*data* personali tagħhom tkun maħżuna fihom.

(20) Jenħtieġ li, għalhekk, ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) jiffaċilita u jassisti fl-identifikazzjoni korretta tal-persuni rreġistrati fl-EES, fil-VIS, fl-[ETIAS], fil-Eurodac u fis-[sistema ECRIS-TCN].

(21) Id-*data* personali maħżuna f'dawn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE tista' tkun relatata mal-istess persuni iżda taħt identitajiet differenti jew mhux kompluti. L-Istati Membri jħaddmu mezzi effiċjenti biex jidentifikaw liċ-ċittadini tagħhom jew lir-residenti permanenti rreġistrati fit-territorju tagħhom, iżda dan mhuwiex minnu għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-UE tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni korretta ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li r-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) jaħżen id-*data* personali li tikkonċerna liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi preżenti fis-sistemi li tkun neċessarja biex issir l-identifikazzjoni aktar preċiża ta' dawk l-individwi, u għalhekk jinkludi l-identità, id-dokument tal-ivvjaġġar u d-*data* bijometrika tagħhom, irrispettivament mis-sistema li fiha oriġinarjament inġabret id-*data*. Id-*data* personali strettament neċessarja biex isir kontroll tal-identità jenħtieġ li tinħażen fis-CIR. Id-*data* personali rreġistrata fis-CIR jenħtieġ li tinżamm għal mhux aktar minn dak li jkun strettament neċessarju għall-finijiet tas-sistemi sottostanti u jenħtieġ li titħassar b'mod awtomatiku malli d-*data* titħassar fis-sistemi sottostanti f'konformità mas-separazzjoni loġika tagħhom.

(22) L-operazzjoni l-ġdida ta' proċessar li tikkonsisti fil-ħżin ta' din id-*data* fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) minflok fil-ħżin f'kull waħda mis-sistemi separati hi neċessarja biex tiżdied il-preċiżjoni tal-identifikazzjoni li ssir possibbli bis-saħħa tat-tqabbil u tat-tlaqqigħ awtomatizzat tat-tali *data*. Il-fatt li d-*data* tal-identità u bijometrika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi tinħażen fis-CIR jenħtieġ li ma jxekkilx b'xi mod l-ipproċessar tad-*data* għall-finijiet tar-Regolamenti dwar l-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac jew is-sistema ECRIS-TCN, peress li jenħtieġ li s-CIR ikun komponent kondiviż ġdid ta' dawk is-sistemi sottostanti.

(23) B'rabta ma' dan, il-ħolqien ta' fajl individwali fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) għal kull persuna li tiġi rreġistrata fl-EES, fil-VIS, fl-ETIAS, fil-Eurodac jew fis-sistema ECRIS-TCN hu neċessarju biex jintlaħaq l-iskop ta' identifikazzjoni korretta ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fi ħdan iż-żona Schengen, u biex jiġi appoġġat id-detettur ta' identitajiet multipli għall-iskop doppju ta' ffaċilitar tal-kontrolli tal-identità għal vjaġġaturi *bona fide* u biex tiġi miġġielda l-frodi tal-identità. Jenħtieġ li l-fajl individwali jaħżen f'post wieħed u jagħmel aċċessibbli għall-utenti finali awtorizzati kif xieraq l-identitajiet possibbli kollha llinkjati ma' persuna.

(24) B'hekk, jenħtieġ li r-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) jappoġġa l-funzjonament tad-detettur ta' identitajiet multipli u jiffaċilita u jissimplifika l-aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE li mhumiex stabbiliti b'mod esklużiv għall-finijiet ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' detezzjoni jew ta' prosekuzzjoni ta' reat serju.

(25) Jenħtieġ li r-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) jipprovdi repożitorju kondiviż għad-*data* tal-identità u bijometrika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi rreġistrati fl-EES, fil-VIS, fl-[ETIAS], fil-Eurodac u fis-[sistema ECRIS-TCN], b'tali mod li jservi bħala l-komponent kondiviż bejn dawn is-sistemi għall-ħżin ta' din id-*data*, biex tkun tista' titfittex.

(26) Ir-rekords kollha fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) jenħtieġ li jkunu sseparati loġikament bl-itteggjar awtomatiku ta' kull rekord mas-sistema sottostanti li hi proprjetarja ta' dak ir-rekord. Jenħtieġ li l-kontroll tal-aċċess tas-CIR juża dawn it-tags biex jippermetti l-aċċessibbiltà jew in-nuqqas ta' aċċessibbiltà għar-rekord.

(27) Biex tiġi żgurata l-identifikazzjoni korretta ta' persuna, l-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 2016/680 jenħtieġ li jkunu awtorizzati jfittxu fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) permezz tad-*data* bijometrika ta' dik il-persuna meħuda matul kontroll tal-identità.

(28) Meta d-*data* bijometrika tal-persuna ma tkunx tista' tintuża jew jekk it-tfittxija b'din id-*data* ma tirnexxix, jenħtieġ li t-tfittxija ssir bid-*data* tal-identità ta' dik il-persuna flimkien mad-*data* tad-dokument tal-ivvjaġġar. Meta t-tfittxija tindika li d-*data* dwar dik il-persuna tkun maħżuna fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR), jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkollhom aċċess biex jikkonsultaw id-*data* tal-identità ta' dik il-persuna li tkun maħżuna fis-CIR, bla ma tiġi pprovduta ebda indikazzjoni dwar liema sistema ta' informazzjoni tal-UE tappartjeni d-*data*.

(29) Jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw miżuri leġiżlattivi nazzjonali li jaħtru l-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu kontrolli tal-identità bl-użu tar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) u li jistabbilixxu l-proċeduri, il-kundizzjonijiet u l-kriterji tat-tali kontrolli f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-miżuri leġiżlattivi nazzjonali jipprevedu s-setgħa li tinġabar *data* bijometrika matul kontroll tal-identità ta' persuna preżenti quddiem il-membru ta' dawk l-awtoritajiet.

(30) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jintroduċi wkoll possibbiltà ġdida għal aċċess issimplifikat għad-*data* lil hinn mid-*data* tal-identità preżenti fl-EES, fil-VIS, fl-[ETIAS] jew fil-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi maħtura tal-Istati Membri u mill-Europol. Id-*data*, inkluża *data* oħra apparti d-*data* tal-identità li tinsab f'dawk is-sistemi, tista' tkun neċessarja għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni, għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji f'każ speċifiku.

(31) L-aċċess sħiħ għad-*data* neċessarja li tinsab fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE neċessarji għall-finijiet ta' prevenzjoni, ta' detezzjoni u ta' investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra, lil hinn mid-*data* tal-identità rilevanti koperta fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) miksuba bl-użu tad-*data* bijometrika ta' dik il-persuna meħuda matul kontroll tal-identità, jenħtieġ li jibqa' jiġi rregolat mid-dispożizzjonijiet fl-istrumenti legali rispettivi. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi maħtura u l-Europol ma jkunux jafu minn qabel liema mis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fiha d-*data* tal-persuni li jkunu qed ifittxu dwarhom. Dan jirriżulta f'dewmien u f'ineffiċjenzi fit-twettiq tal-kompiti tagħhom. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-utent finali awtorizzat mill-awtorità maħtura jitħalla jara f'liema mis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE tiġi rreġistrata d-*data* li tikkorrispondi għat-tfittxija introdotta. B'hekk, is-sistema kkonċernata tiġi mmarkata wara l-verifika awtomatizzata tal-preżenza ta' hit fis-sistema (l-hekk imsejħa funzjonalità ta' indikatur hit/ no-hit).

(32) Il-logs tat-tfittxijiet fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità jenħtieġ li jindikaw l-iskop tat-tfittxija. Meta tali tfittxija tkun saret bl-użu tal-approċċ ta'

konsultazzjoni tad-*data* maqsum fuq żewġ stadji, jenħtieġ li l-logs jinkludu referenza għall-fajl nazzjonali tal-investigazzjoni jew tal-każ, u għalhekk jindikaw li t-tali tfittxija tnediet għall-finijiet ta' prevenzjoni, ta' detezzjoni u ta' investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra.

(33) It-tfittxija fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) mill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u mill-Europol biex jinkiseb tip ta' rispons ta' indikatur hit/no-hit li jindika li d-*data* hi rreġistrata fl-EES, fil-VIS, fl-[ETIAS] jew fil-Eurodac teħtieġ l-ipproċessar awtomatizzat ta' *data* personali. Indikatur hit/no-hit ma jkunx jikxef id-*data* personali tal-individwu kkonċernat apparti indikazzjoni li parti mid-*data* tiegħu jew kollha kemm hi tkun maħżuna f'waħda mis-sistemi. Jenħtieġ li l-utent finali awtorizzat ma jieħu l-ebda deċiżjoni avversa għall-individwu kkonċernat esklużivament fuq il-bażi tas-sempliċi okkorrenza ta' indikatur hit/ no-hit. Għaldaqstant, l-aċċess mill-utent finali ta' indikatur hit/no-hit ikollu interferenza limitata ħafna mad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali tal-individwu kkonċernat, filwaqt li jkun neċessarju biex l-awtorità maħtura u l-Europol jitħallew jindirizzaw it-talba tiegħu għal aċċess għad-*data* personali b'mod aktar effettiv direttament għas-sistema li tkun ġiet indikata bħala dik li taħżinha.

(34) L-approċċ ta' konsultazzjoni tad-*data* maqsum fuq żewġ stadji hu partikolarment siewi f'każijiet li fihom il-persuna suspettata, l-awtur jew il-vittma ssuspettata ta' reat terroristiku jew ta' reat kriminali serju ieħor ma jkunux magħrufa. Jenħtieġ li f'dawn il-każijiet ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) jippermetti l-identifikazzjoni tas-sistema ta' informazzjoni li tkun taf il-persuna fi tfittxija waħda. Bil-ħolqien tal-obbligu li jintuża dan l-approċċ il-ġdid ta' aċċess għall-infurzar tal-liġi f'dawn il-każijiet, l-aċċess għad-*data* personali maħżuna fl-EES, fil-VIS, fl-[ETIAS] u fil-Eurodac jenħtieġ li jseħħ mingħajr ir-rekwiżiti ta' tfittxija preċedenti f'bażijiet tad-*data* nazzjonali u t-tnedija ta' tfittxija preċedenti fis-sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' ta' Stati Membri oħra skont id-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI. Il-prinċipju ta' tfittxija preċedenti jillimita b'mod effettiv il-possibbiltà li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jikkonsultaw sistemi għal skopijiet iġġustifikati ta' infurzar tal-liġi u, b'hekk, jista' jwassal għal opportunitajiet mitlufa biex tiġi żvelata informazzjoni neċessarja. Ir-rekwiżiti ta' tfittxija preċedenti fil-bażijiet tad-*data* nazzjonali u t-tnedija ta' tfittxija preċedenti fis-sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' ta' Stati Membri oħra skont id-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI jenħtieġ li jieqfu japplikaw biss ladarba ssir operazzjonali s-salvagwardja alternattiva tal-approċċ maqsum fuq żewġ stadji għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi permezz tas-CIR.

(35) Jenħtieġ li jiġi stabbilit id-detettur ta' identitajiet multipli (MID) biex jappoġġa l-funzjonament tar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità u biex jappoġġa l-għanijiet tal-EES, tal-VIS, tal-[ETIAS], tal-Eurodac, tas-SIS u tas-[sistema ECRIS-TCN]. Biex ikunu effettivi fl-issodisfar tal-għanijiet rispettivi tagħhom, dawn is-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-UE jeħtieġu l-identifikazzjoni preċiża tal-persuni li d-*data* personali tagħhom tkun maħżuna fihom.

(36) Il-possibbiltà li jinkisbu l-għanijiet tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE hi mxekkla mill-inabbiltà li l-awtoritajiet li jużaw dawn is-sistemi jwettqu verifiki affidabbli biżżejjed tal-identitajiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li d-*data* tagħhom tkun maħżuna f'sistemi differenti. Din l-inabbiltà hija ddeterminata mill-fatt li l-ġabra ta' *data* tal-identità maħżuna f'sistema individwali partikolari tista' tkun frodulenti, żbaljata, jew inkompluta, u li bħalissa ma hemm l-ebda possibbiltà ta' detezzjoni ta' *data* tal-identità frodulenti, żbaljata jew inkompluta bħal din permezz ta' tqabbil mad-*data*

maħżuna f'sistema oħra. Biex tiġi rrimedjata din is-sitwazzjoni, hemm bżonn li jkun hemm strument tekniku fil-livell tal-Unjoni li jippermetti l-identifikazzjoni preċiża taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għal dawn l-iskopijiet.

(37) Jenħtieġ li d-detettur ta' identitajiet multipli (MID) joħloq u jaħżen links bejn id-*data* fis-sistemi ta' informazzjoni differenti tal-UE għad-detezzjoni ta' identitajiet multipli, bl-iskop doppju ta' ffaċilitar tal-kontrolli tal-identità għal vjaġġaturi *bona fide* u biex tiġi miġġielda l-frodi tal-identità. Jenħtieġ li l-MID ikun fih biss il-links bejn l-individwi preżenti f'aktar minn sistema ta' informazzjoni waħda tal-UE, strettament limitat għad-*data* neċessarja biex jiġi vverifikat li persuna tkun irreġistrata b'mod legali jew illegali taħt identitajiet bijografiċi differenti f'sistemi differenti, jew biex jiġi ċċarat li żewġ persuni li jkollhom *data* bijografika simili jaf ma jkunux l-istess persuna. L-ipproċessar ta' *data* permezz tal-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) u s-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS kondiviż) biex jiġu llinkjati fajls individwali fost sistemi individwali jenħtieġ li jinżamm għal minimu assolut u, għalhekk, hu limitat għal detezzjoni ta' identitajiet multipli malli tiddaħħal *data* ġdida f'waħda mis-sistemi ta' informazzjoni inklużi fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità u fis-SIS. Jenħtieġ li l-MID jinkludi salvagwardji kontra diskriminazzjoni jew deċiżjonijiet mhux favorevoli potenzjali għal persuni b'diversi identitajiet legali.

(38) Dan ir-Regolament jipprevedi għal operazzjonijiet ġodda ta' proċessar tad-*data* mmirati lejn l-identifikazzjoni tal-persuni kkonċernati b'mod korrett. Dan jikkostitwixxi interferenza mad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Peress li l-implimentazzjoni effettiva tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE tiddependi mill-identifikazzjoni korretta tal-individwi kkonċernati, tali interferenza hi ġġustifikata mill-istess għanijiet li għalhom ġiet stabbilita kull waħda minn dawk is-sistemi, il-ġestjoni effettiva tal-fruntieri tal-Unjoni, is-sigurtà interna tal-Unjoni, l-implimentazzjoni effettiva tal-politiki tal-Unjoni dwar l-ażil u l-viża u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari.

(39) Jenħtieġ li l-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) u s-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS kondiviż) iqabblu d-*data* fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) u fis-SIS dwar il-persuni meta awtorità nazzjonali jew korp tal-UE joħolqu rekords ġodda. Jenħtieġ li t-tali tqabbil ikun awtomatizzat. Jenħtieġ li s-CIR u s-SIS jużaw il-BMS kondiviż għad-detezzjoni ta' links possibbli fuq il-bażi ta' *data* bijometrika. Jenħtieġ li s-CIR u s-SIS jużaw l-ESP għad-detezzjoni ta' links possibbli fuq il-bażi ta' *data* alfanumerika. Jenħtieġ li s-CIR u s-SIS ikunu kapaċi jidentifikaw *data* identika jew simili fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz maħżuna f'diversi sistemi. Meta dan ikun il-każ, jenħtieġ li tiġi stabbilita link li tindika li din tkun l-istess persuna. Jenħtieġ li s-CIR u s-SIS jiġu kkonfigurati b'tali mod li transliterazzjoni ħafifa jew żbalji ortografiċi żgħar jiġu individwati b'tali mod li ma joħolqu ebda xkiel mhux iġġustifikat għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

(40) L-awtorità nazzjonali jew il-korp tal-UE li rreġistraw id-*data* fis-sistema ta' informazzjoni rispettiva tal-UE jenħtieġ li jikkonfermaw jew ibiddlu dawn il-links. Din l-awtorità jenħtieġ li jkollha aċċess għad-*data* maħżuna fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) jew fis-SIS u fid-detettur ta' identitajiet multipli (MID) għall-fini tal-verifika manwali tal-identità.

(41) L-aċċess għad-detettur ta' identitajiet multipli (MID) mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mill-korpi tal-UE li jkollhom aċċess għal tal-anqas sistema ta' informazzjoni waħda tal-UE inkluża fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-

identità (CIR) jew għas-SIS jenħtieġ li jkun limitat għall-hekk imsejħa links ħomor fejn id-*data* llinkjata jkollha l-istess *data* bijometrika iżda *data* tal-identità differenti u l-awtorità responsabbli għall-verifika tal-identitajiet differenti tkun ikkonkludiet li din tirreferi b'mod illegali għall-istess persuna, jew fejn id-*data* llinkjata jkollha *data* tal-identità simili u l-awtorità responsabbli għall-verifika ta' identitajiet differenti tkun ikkonkludiet li din tirreferi b'mod illegali għall-istess persuna. Meta d-*data* tal-identità llinkjata ma tkunx simili, jenħtieġ li tiġi stabbilita link safra u jenħtieġ li ssir verifika manwali biex tiġi kkonfermata l-link jew inkella għandu jitbiddel il-kulur tagħha kif xieraq.

(42) Il-verifika manwali ta' diversi identitajiet jenħtieġ li tiġi żgurata mill-awtorità li toħloq jew taġġorna d-*data* li wasslet għal hit li rriżultat f'link mad-*data* li tkun diġà ġiet maħżuna f'sistema ta' informazzjoni oħra tal-UE. Jenħtieġ li l-awtorità responsabbli għall-verifika ta' identitajiet multipli tivvaluta jekk hemmx identitajiet multipli legali jew illegali. Tali valutazzjoni jenħtieġ li ssir meta possibbli fil-preżenza taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u meta neċessarju billi jintalbu kjarifiki jew informazzjoni addizzjonali. Jenħtieġ li t-tali valutazzjoni ssir mingħajr dewmien, f'konformità mar-rekwiżiti legali għall-preċiżjoni tal-informazzjoni skont id-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali.

(43) Għal-links miksuba b'rabta mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) marbuta mat-twissijiet fir-rigward ta' persuni mfittxija għal arrest għal skopijiet ta' konsenja jew ta' estradizzjoni, dwar persuni neqsin jew vulnerabbli, dwar persuni mfittxija biex jassistu fi proċedura ġudizzjarja, dwar persuni għal kontrolli diskreti jew għal kontrolli speċifiċi jew dwar persuni mfittxija mhux magħrufa, jenħtieġ li l-awtorità responsabbli għall-verifika tal-identitajiet multipli tkun l-Uffiċċju SIRENE tal-Istat Membru li jkun ħoloq it-twissija. Tabilħaqq, dawn il-kategoriji ta' twissijiet tas-SIS huma selettivi u ma għandhomx neċessarjament jiġu kondiviżi mal-awtoritajiet li joħolqu jew jaġġornaw id-*data* f'waħda mis-sistemi ta' informazzjoni l-oħra tal-UE. Il-ħolqien ta' link mad-*data* tas-SIS jenħtieġ li jkun mingħajr ħsara għall-azzjonijiet li għandhom jittieħdu f'konformità mar-[Regolament dwar is-SIS].

(44) Jenħtieġ li l-eu-LISA tistabbilixxi mekkaniżmi awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* u indikaturi komuni tal-kwalità tad-*data*. L-eu-LISA jenħtieġ li tkun responsabbli biex tiżviluppa kapaċità ta' monitoraġġ ċentrali għall-kwalità tad-*data* u biex tipproduċi rapporti regolari ta' analiżi tad-*data* biex ittejjeb il-kontroll tal-implimentazzjoni u tal-applikazzjoni mill-Istati Membri tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE. Jenħtieġ li l-indikaturi komuni tal-kwalità jinkludu l-istandards minimi tal-kwalità għall-ħżin tad-*data* fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE jew fil-komponenti tal-interoperabbiltà. L-iskop ta' tali standards dwar il-kwalità tad-*data* jenħtieġ li jkun li s-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u l-komponenti tal-interoperabbiltà jidentifikaw b'mod awtomatiku s-sottomissjonijiet tad-*data* apparentement skorretti jew inkonsistenti biex l-Istat Membru ta' oriġini jkun jista' jivverifika d-*data* u jwettaq kull azzjoni korrettiva meħtieġa.

(45) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa r-rapporti tal-eu-LISA dwar il-kwalità u li toħroġ rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri fejn xieraq. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu responsabbli biex iħejju pjan ta' azzjoni li jiddeskrivi l-azzjonijiet għar-rimedjar ta' kull nuqqas fil-kwalità tad-*data* u jenħtieġ li dawn jirrapportaw dwar il-progress tiegħu b'mod regolari.

(46) Jenħtieġ li l-Format Universali ta' Messaġġ (UMF, Universal Message Format) jistabbilixxi standard għall-iskambju strutturat u transfruntier ta' informazzjoni bejn is-sistemi ta' informazzjoni, l-awtoritajiet u/jew l-organizzazzjonijiet fil-qasam tal-

Ġustizzja u l-Affarijiet interni. L-UMF jenħtieġ li jiddefinixxi vokabolarju u strutturi loġiċi komuni għal informazzjoni skambjata ta' spiss bl-għan li jiffaċilita l-interoperabbiltà billi jippermetti l-ħolqien u l-qari tal-kontenut tal-iskambju b'mod konsistenti u semantikament ekwivalenti.

(47) Jenħtieġ li jiġi stabbilit repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistika (CRRS) biex tiġi ġġenerata *data* statistika u rappurtar analitiku bejn is-sistemi għall-finijiet operazzjonali, ta' politika u ta' kwalità tad-*data*. L-eu-LISA jenħtieġ li tistabbilixxi, timplimenta u tospita s-CRRS fis-siti tekniċi tagħha li jkun fihom *data* statistika anonima mis-sistemi msemmija aktar 'il fuq, ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità, id-detettur ta' identitajiet multipli u s-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS kondiviż). Id-*data* li tinsab fis-CRRS jenħtieġ li ma tkunx tippermetti li l-individwi jiġu identifikati. Jenħtieġ li l-eu-LISA trendi d-*data* anonima u jenħtieġ li tirreġistra t-tali *data* anonima fis-CRRS. Jenħtieġ li l-proċess biex id-*data* ssir anonima jiġi awtomatizzat u jenħtieġ li ma jingħata ebda aċċess dirett lill-persunal tal-eu-LISA għall-ebda *data* personali maħżuna fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE jew fil-komponenti tal-interoperabbiltà.

(48) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/679 japplika għall-ipproċessar tad-*data* personali skont dan ir-Regolament mill-awtoritajiet nazzjonali, sakemm tali proċessar ma jitwettaqx mill-awtoritajiet maħtura jew mill-punti ta' aċċess ċentrali tal-Istati Membri għall-finijiet ta' prevenzjoni, ta' detezzjoni jew ta' investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra, meta jenħtieġ li tapplika d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(49) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-*data* tar-[Regolament Eurodac], tar-[Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi], tar-[Regolament dwar is-SIS fil-qasam tar-ritorn illegali] u tar-[Regolament dwar is-Sistema ECRIS-TCN] japplikaw għall-ipproċessar ta' *data* personali f'dawn is-sistemi rispettivi.

(50) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] jenħtieġ li japplika għall-ipproċessar ta' *data* personali mill-eu-LISA u minn istituzzjonijiet u minn korpi oħra tal-Unjoni meta jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom skont dan ir-Regolament, mingħajr ħsara għar-Regolament (UE) 2016/794, li jenħtieġ li japplika għall-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol.

(51) Jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali stabbiliti f'konformità mar-[Regolament (UE) 2016/679] jimmonitorjaw il-legalità tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-Istati Membri, filwaqt li jenħtieġ li l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 45/2001 jimmonitorja l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali. Jenħtieġ li l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, u l-awtoritajiet superviżorji jikkooperaw ma' xulxin fil-monitoraġġ tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-komponenti tal-interoperabbiltà.

(52) "(...) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u ta l-opinjoni tiegħu fi ... "

(53) Fir-rigward tal-kunfidenzjalità, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra

---

[57] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li japplikaw għal uffiċjali jew għal impjegati oħra li jkunu qed jaħdmu u huma impjegati b'rabta mas-SIS.

(54) Jenħtieġ li kemm l-Istati Membri kif ukoll l-eu-LISA jżommu pjanijiet ta' sigurtà biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-obbligi ta' sigurtà u jenħtieġ li dawn jikkooperaw ma' xulxin biex jindirizzaw kwistjonijiet relatati mas-sigurtà. L-eu-LISA jenħtieġ li tiżgura li jsir użu kontinwu mill-aħħar żviluppi teknoloġiċi biex tiġi żgurata l-integrità tad-*data* rigward l-iżvilupp, id-disinn u l-ġestjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà.

(55) B'appoġġ għall-finijiet ta' statistiki u ta' rappurtar, hemm bżonn li jingħata aċċess lill-persunal awtorizzat tal-awtoritajiet, tal-istituzzjonijiet u tal-korpi kompetenti identifikati f'dan ir-Regolament biex jikkonsulta ċerta *data* relatata ma' ċerti komponenti tal-interoperabbiltà bla ma tkun tista' ssir identifikazzjoni individwali.

(56) Biex l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi tal-UE jkunu jistgħu jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda dwar l-użu tal-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP), hemm bżonn li jiġi previst perjodu tranżitorju. B'mod simili, biex ikun hemm funzjonament koerenti u ottimali tad-detettur ta' identitajiet multipli (MID), jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri tranżizzjonali għall-bidu tal-operazzjonijiet tiegħu.

(57) L-ispejjeż għall-iżvilupp tal-komponenti tal-interoperabbiltà maħsuba skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali kurrenti huma anqas mill-ammont li fadal fil-baġit allokat għal Fruntieri Intelliġenti fir-Regolament (UE) 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[58]. Għaldaqstant, dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 5(5)(b) tar-Regolament (UE) Nru 515/2014, jenħtieġ li jalloka mill-ġdid l-ammont attwalment attribwit għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IT li jappoġġaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni.

(58) Biex jiġu ssupplimentati ċerti aspetti tekniċi dettaljati ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta'atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-profili għall-utenti tal-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) u tal-kontenut u l-format tat-tweġibiet tal-ESP. Huwa ta' importanza partikolari li waqt il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa anki fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet jsiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[59]. B'mod partikolari biex tkun żgurata l-parteċipazzjoni indaqs waqt it-tħejjija tal-atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(59) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta regoli dettaljati dwar: il-mekkaniżmi, il-proċeduri u l-indikaturi awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data*; l-iżvilupp tal-istandard tal-UMF; il-proċeduri għad-determinazzjoni tal-każijiet ta' similarità tal-identitajiet; it-tħaddim tar-repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistiki; u l-proċedura ta' kooperazzjoni fil-każ ta'

---

[58] Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

[59] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32016Q0512(01)&from=EN.

inċidenti li jaffettwaw is-sigurtà. Jenħtieġ li dawn is-setgħat ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60].

(60) Ir-Regolament 2016/794 jenħtieġ li japplika għal kull proċessar ta' *data* mill-Europol għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

(61) Dan ir-Regolament hu mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE.

(62) Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil ippreżentata fid-Danimarka jew fi kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u l-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin[61], id-Danimarka trid tinnotifika lill-Kummissjoni jekk hix se timplimenta l-kontenut ta' dan ir-Regolament, sa fejn dan ikun jirrigwarda l-Eurodac [u s-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, għall-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) XX/XX li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna apolida (riformulazzjoni)].

(63) Sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardaw is-SIS kif irregolata mid-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, ir-Renju Unit qed jieħu sehem f'dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll Nru 19 dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (il-Protokoll dwar l-*acquis* ta' Schengen) u mal-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis*[62] ta' Schengen. Barra minn hekk, safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardjaw l-Eurodac, [u s-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) XX/XX li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni)] ir-Renju Unit jista' jinnotifika lill-President tal-Kunsill ix-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-TUE u mat-TFUE (il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda). Safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardjaw [is-sistema ECRIS-TCN], f'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u mal-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-TUE u mat-TFUE, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u la huwa marbut bih u lanqas ma huwa soġġett għall-applikazzjoni tiegħu. F'konformità mal-Artikolu 3 u mal-Artikolu 4a(1)

[60] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[61] ĠU L 66, 8.3.2006, p. 38

[62] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.

tal-Protokoll 21, ir-Renju Unit jista' jinnotifika x-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

(64) Sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardaw is-SIS kif irregolata mid-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, l-Irlanda qed tieħu sehem f'dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll Nru 19 dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (il-Protokoll dwar l-*acquis* ta' Schengen) u mal-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba ta' l-Irlanda biex tiehu sehem f'xi disposizzjonijiet tal-*acquis*[63] ta' Schengen. Barra minn hekk, sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardaw il-Eurodac [u s-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, għall-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) XX/XX li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna apolida (riformulazzjoni)] l-Irlanda tista' tinnotifika lill-President tal-Kunsill ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda). Sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardaw is-[sistema ECRIS-TCN], f'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u mal-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-TUE u mat-TFUE, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u la hi marbuta bih u lanqas ma hi soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. F'konformità mal-Artikolu 3 u mal-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll 21, l-Irlanda tista' tinnotifika x-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

(65) Fir-rigward tal-Iżlanda u tan-Norveġja, rigward il-Eurodac [u s-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, għall-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) XX/XX li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna apolida (riformulazzjoni)], dan ir-Regolament jikkostitwixxi miżura ġdida skont it-tifsira tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja.

(66) Fir-rigward tal-Iżvizzera, rigward il-Eurodac [u s-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, għall-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) XX/XX li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta'

[63] ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

pajjiż terz jew minn persuna apolida (riformulazzjoni)], dan ir-Regolament jikkostitwixxi miżura ġdida relatata mal-Eurodac skont it-tifsira tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera.

(67) Fir-rigward tal-Liechtenstein, rigward il-Eurodac [u s-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, għall-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) XX/XX li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna apolida (riformulazzjoni)], dan ir-Regolament jikkostitwixxi miżura ġdida skont it-tifsira tal-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera.

(68) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u għandu jiġi implimentat f'konformità ma' dawn id-drittijiet u l-prinċipji,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I
Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1
Suġġett

1. Dan ir-Regolament, flimkien mar-[Regolament 2018/xx dwar l-interoperabbiltà, il-fruntieri u l-viża] jistabbilixxi qafas għall-iżgurar tal-interoperabbiltà bejn is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), [is-sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)], il-Eurodac, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), u [s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS-TCN)] biex dawn is-sistemi u d-*data* jissupplimentaw lil xulxin.

2. Il-qafas għandu jinkludi l-komponenti tal-interoperabbiltà li ġejjin:

(a) portal Ewropew tat-tfittxija (ESP);

(b) servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS kondiviż);

(c) repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR);

(d) detettur ta' identitajiet multipli (MID).

3. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet dwar ir-rekwiżiti tal-kwalità tad-*data*, dwar Format Universali ta' Messaġġ (UMF), dwar repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistiki (CRRS) u jistabbilixxi r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala

kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA), fir-rigward tad-disinn u tal-operat tal-komponenti tal-interoperabbiltà.

4. Dan ir-Regolament jadatta wkoll il-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi u t-Taħriġ (Europol) għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), għas-[Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS),] u għall-Eurodac għall-finijiet tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom.

Artikolu 2
Għanijiet tal-interoperabbiltà

1. Billi jiżgura l-interoperabbiltà, dan ir-Regolament għandu jkollu l-għanijiet li ġejjin:

(a) li jtejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni;

(b) li jikkontribwixxi għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari;

(c) li jikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà fi ħdan l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-Unjoni inklużi ż-żamma tas-sigurtà pubblika u tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà fit-territorji tal-Istati Membri;

(d) li jtejjeb l-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi; kif ukoll

(e) li jassisti fl-analiżi tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali.

2. L-għanijiet ta' żgurar tal-interoperabbiltà għandhom jintlaħqu billi:

(a) tiġi żgurata l-identifikazzjoni korretta tal-persuni;

(b) jingħata kkontribut għall-ġlieda kontra l-frodi tal-identità;

(c) jittejbu u jiġu armonizzati r-rekwiżiti relatati mal-kwalità tad-*data* tas-sistemi ta' informazzjoni rispettivi tal-UE;

(d) tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni teknika u operazzjonali mill-Istati Membri tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti u futuri tal-UE;

(e) jissaħħu u jiġu ssimplifikati u jiġu allinjati aħjar il-kundizzjonijiet relatati mas-sigurtà tad-*data* u mal-protezzjoni tad-*data* li jirregolaw is-sistemi ta' informazzjoni rispettivi tal-UE;

(f) jiġu ssimplifikati l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-EES, għall-VIS, għall-[ETIAS] u għall-Eurodac;

(g) jingħata appoġġ għall-finijiet tal-EES, tal-VIS, tal-[ETIAS], tal-Eurodac, tas-SIS u tas-[sistema ECRIS-TCN].

Artikolu 3
Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-Eurodac, għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u għas-[Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS_TCN)].

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għad-*data* tal-Europol peress li jippermetti li din titfittex b'mod simultanju mas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE msemmija fil-paragrafu 1 f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

3. Dan ir-Regolament japplika għal persuni li fir-rigward tagħhom tista' tiġi pproċessata *data* personali fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE msemmija fil-paragrafu 1 u fid-*data* tal-Europol imsemmija fil-paragrafu 2.

Artikolu 4
Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "fruntieri esterni" tfisser fruntieri esterni kif definiti fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2016/399;

(2) "verifiki fil-fruntieri" tfisser verifiki fil-fruntiera kif definit fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (UE) 2016/399;

(3) "awtorità tal-fruntiera" tfisser il-gwardja tal-fruntiera assenjat skont il-liġi nazzjonali biex iwettaq verifiki fil-fruntieri;

(4) "awtoritajiet superviżorji" tfisser l-awtorità superviżorja stabbilita f'konformità mal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-awtorità superviżorja stabbilita skont l-Artikolu 41(1) tad-Direttiva (UE) 2016/680;

(5) "verifika" tfisser il-proċess ta' tqabbil ta' settijiet ta' *data* biex tiġi stabbilita l-validità tal-identità mistqarra (verifika "one-to-one");

(6) "identifikazzjoni" tfisser il-proċess biex tiġi ddeterminata l-identità ta' persuna permezz ta' tfittxija f'bażi tad-*data* ma' settijiet multipli ta' *data* (verifika "one-to-many");

(7) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser persuna li mhix ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-Trattat, jew persuna apolida jew persuna li n-nazzjonalità tagħha ma tkunx magħrufa;

(8) "*data* alfanumerika" tfisser *data* rrappreżentata minn ittri, minn ċifri, minn karattri speċjali, minn spazji u minn marki tal-punteġġatura;

(9) "*data* tal-identità" tfisser id-*data* msemmija fl-Artikolu 27(3)(a) sa (h);

(10) "*data* dattiloskopika" tfisser id-data relatata mal-marki tas-swaba' ta' individwu;

(11) "immaġni tal-wiċċ" tfisser immaġnijiet diġitali tal-wiċċ;

(12) "*data* bijometrika" tfisser *data* tal-marki tas-swaba' u/jew tal-immaġni tal-wiċċ;

(13) "mudell bijometriku" tfisser rappreżentazzjoni matematika miksuba b'estrazzjoni tal-karatteristiċi mid-*data* bijometrika limitata għall-karatteristiċi neċessarji biex isiru identifikazzjonijiet u verifiki;

(14) "dokument tal-ivvjaġġar" tfisser passaport jew dokument ieħor ekwivalenti li jintitola lid-detentur li jaqsam il-fruntieri esterni u li fuqu tista' titwaħħal viża;

(15) "*data* tad-dokument tal-ivvjaġġar" tfisser it-tip, in-numru u l-pajjiż tal-ħruġ tad-dokument tal-ivvjaġġar, id-data tal-iskadenza tal-validità tad-dokument tal-ivvjaġġar u l-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż li joħroġ id-dokument tal-ivvjaġġar;

(16) “awtorizzazzjoni tal-ivvjaġġar” tfisser awtorizzazzjoni tal-ivvjaġġar kif definita fl-Artikolu 3 tar-[Regolament dwar l-ETIAS];

(17) “viża għal żmien qasir” tfisser viża kif definita fl-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009;

(18) “sistemi ta’ informazzjoni tal-UE” tfisser is-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-eu-LISA;

(19) “*data* tal-Europol” tfisser *data* personali pprovduta mill-Europol għall-fini msemmi fl-Artikolu 18(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 2016/794;

(20) “bażijiet tad-*data* tal-Interpol” tfisser il-bażi tad-*data* ta’ Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin (SLTD) tal-Interpol u l-bażi tad-*data* ta’ Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma’ Avviżi (Interpol TDAWN) tal-Interpol;

(21) “pariġġ” tfisser l-eżistenza ta’ korrispondenza stabbilita bit-tqabbil ta’ żewġ okkorrenzi jew aktar ta’ *data* personali rreġistrati jew li qed jiġu rreġistrati f’sistema ta’ informazzjoni jew f’bażi tad-*data*;

(22) “hit” tfisser il-konferma ta’ pariġġ wieħed jew ta’ diversi;

(23) “awtorità tal-pulizija” tfisser “awtorità kompetenti” kif definita fl-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 2016/680;

(24) “awtoritajiet maħtura” tfisser l-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226, fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, [fl-Artikolu 43 tar-Regolament dwar l-ETIAS] u [fl-Artikolu 6 tar-Regolament Eurodac];

(25) “reat terroristiku” tfisser reat skont il-liġi nazzjonali li jikkorrispondi jew li hu ekwivalenti għal wieħed mir-reati msemmija fid-Direttiva (UE) 2017/541;

(26) “reat kriminali serju” tfisser reat li jikkorrispondi jew li huwa ekwivalenti għal wieħed mir-reati msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI, jekk dan ikun punibbli skont il-liġi nazzjonali b’sentenza ta’ priġunerija jew b’ordni ta’ detenzjoni għal perjodu massimu ta’ mill-inqas tliet snin;

(27) “EES” tfisser is-Sistema ta’ Dħul/Ħruġ kif imsemmija fir-Regolament (UE) 2017/2226;

(28) “VIS” tfisser is-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viża kif imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 767/2008;

(29) [“ETIAS” tfisser is-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar kif imsemmija fir-Regolament dwar l-ETIAS];

(30) “Eurodac” tfisser il-Eurodac kif imsemmija fir-[Regolament Eurodac];

(31) “SIS” tfisser is-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen kif imsemmija [fir-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-verifiki fil-fruntieri, fir-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u fir-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tar-ritorn illegali];

(32) [“Sistema ECRIS-TCN” tfisser is-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali li fiha informazzjoni dwar ċittadini ta’ pajjiżi terzi u persuni apolidi kif imsemmija fir-Regolament dwar is-Sistema ECRIS-TCN];

(33) “ESP” tfisser il-portal Ewropew tat-tfittxija kif imsemmi fl-Artikolu 6;

(34) "BMS kondiviż" tfisser is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku kif imsemmi fl-Artikolu 15;

(35) "CIR" tfisser ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità kif imsemmi fl-Artikolu 17;

(36) "MID" tfisser id-detettur ta' identitajiet multipli kif imsemmi fl-Artikolu 25;

(37) "CRRS" tfisser ir-repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistiki kif imsemmi fl-Artikolu 39.

Artikolu 5
Nondiskriminazzjoni

L-ipproċessar tad-*data* personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament ma għandu għall-ebda raġuni jirriżulta f'diskriminazzjoni kontra persuni bħas-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Dan għandu jirrispetta bis-sħiħ id-dinjità u l-integrità tal-bniedem. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tfal, lill-anzjani u lill-persuni b'diżabilità.

KAPITOLU II
Il-Portal Ewropew tat-Tfittxija

Artikolu 6
Il-portal Ewropew tat-tfittxija

1. Hemm stabbilit portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) għall-finijiet ta' żgurar li l-awtoritajiet tal-Istati Membri u tal-korpi tal-UE jkollhom aċċess veloċi, mingħajr xkiel, effiċjenti, sistematiku u kkontrollat għas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, għad-*data* tal-Europol u għall-bażijiet tad-*data* tal-Interpol li huma jeħtieġu biex iwettqu l-kompiti tagħhom f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom, u għall-għoti ta' appoġġ għall-għanijiet tal-EES, tal-VIS, tal-[ETIAS], tal-Eurodac, tas-SIS, tas-[sistema ECRIS-TCN] u tad-*data* tal-Europol.

2. L-ESP għandu jkun magħmul minn:

(a) infrastruttura ċentrali, inkluż portal tat-tfittxija li jippermetti t-tfittix simultanju fl-EES, fil-VIS, fl-[ETIAS], fil-Eurodac, fis-SIS, fis-[sistema ECRIS-TCN] kif ukoll fid-*data* tal-Europol u fil-bażijiet tad-*data* tal-Interpol;

(b) kanal ta' komunikazzjoni sigur bejn l-ESP, l-Istati Membri u l-korpi tal-UE li huma intitolati jużaw l-ESP f'konformità mad-dritt tal-Unjoni;

(c) infrastruttura tal-komunikazzjoni sigura bejn l-ESP u l-EES, il-VIS, [l-ETIAS], il-Eurodac, is-SIS Ċentrali, [is-sistema ECRIS-TCN], id-*data* tal-Europol u l-bażijiet tad-*data* tal-Interpol kif ukoll bejn l-ESP u l-infrastrutturi ċentrali tar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) u d-detettur ta' identitajiet multipli.

3. L-eu-LISA għandha tiżviluppa l-ESP u tiżgura l-ġestjoni teknika ta' dan.

Artikolu 7
Użu tal-portal Ewropew tat-tfittxija

1. L-użu tal-ESP għandu jkun irriżervat għall-awtoritajiet tal-Istati Membri u għall-korpi tal-UE li jkollhom aċċess għall-EES, għall-*[ETIAS], għall-VIS, għas-SIS, għall-Eurodac u għas-[sistema ECRIS-TCN], għas-CIR u għad-detettur ta' identitajiet multipli kif ukoll għad-data tal-Europol u għall-bażijiet tad-data tal-Interpol* f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali li jirregola t-tali aċċess.

2. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għadhom jużaw l-ESP biex ifittxu *data* relatata ma' persuni jew mad-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħhom fis-sistemi ċentrali tal-Eurodac u fis-[sistema ECRIS-TCN] f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni u nazzjonali. Dawn għandhom jużaw ukoll l-ESP biex ifittxu fis-CIR f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom skont dan ir-Regolament għall-finijiet imsemmija fl-Artikoli 20, 21 u 22.

3. L-awtoritajiet tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jużaw l-ESP biex ifittxu *data* relatata ma' persuni jew mad-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħhom fis-SIS Ċentrali msemmija fir-[Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-verifiki fil-fruntieri u fir-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi]. L-aċċess għas-SIS Ċentrali permezz tal-ESP għandu jiġi stabbilit permezz tas-sistema nazzjonali (N.SIS) ta' kull Stat Membru f'konformità mal-[Artikolu 4(2) tar-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-verifiki fil-fruntieri u tar-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi].

4. Il-korpi tal-UE għandhom jużaw l-ESP biex ifittxu *data* relatata ma' persuni jew mad-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' dawn fis-SIS Ċentrali.

5. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jużaw l-ESP biex ifittxu *data* relatata ma' persuni jew mad-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħhom fid-*data* tal-Europol f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali.

Artikolu 8
Profili għall-utenti tal-portal Ewropew tat-tfittxija

1. Biex ikun jista' jsir użu mill-ESP, l-eu-LISA għandha toħloq profil għal kull kategorija ta' utent tal-ESP f'konformità mad-dettalji tekniċi u mad-drittijiet ta' aċċess imsemmija fil-paragrafu 2, inkluż f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u nazzjonali:

   (a) l-attributi tad-*data* li għandhom jintużaw għat-tfittxijiet;

   (b) is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, id-*data* tal-Europol u l-bażijiet tad-*data* tal-Interpol li għandhom jiġu kkonsultati u li għandhom jipprovdu tweġiba lill-utent; kif ukoll

   (c) id-*data* pprovduta f'kull tweġiba.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 63 biex tispeċifika d-dettalji tekniċi tal-profili msemmija fil-paragrafu 1 għall-utenti tal-ESP imsemmija fl-Artikolu 7(1) f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom.

Artikolu 9
Tfittxijiet

1. L-utenti tal-ESP għandhom iniedu tfittxija billi jintroduċu d-*data* fl-ESP f'konformità mal-profil tal-utent u mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom. Meta titnieda tfittxija, l-ESP għandu jfittex b'mod simultanju, bid-*data* introdotta mill-utent tal-ESP, fl-EES, *[fl-ETIAS], fil-VIS, fis-SIS, fil-Eurodac, [fis-sistema ECRIS-TCN] u fis-CIR kif ukoll fid-data tal-Europol u fil-bażijiet tad-data tal-Interpol.*

2. L-attributi tad-*data* użati għat-tnedija ta' tfittxija permezz tal-ESP għandhom jikkorrispondu għall-attributi tad-*data* relatati ma' persuni jew ma' dokumenti tal-ivvjaġġar li jistgħu jintużaw biex isiru tfittxijiet fid-diversi sistemi ta' informazzjoni tal-UE, fid-*data* tal-Europol u fil-bażijiet tad-*data* tal-Interpol f'konformità mal-istrumenti legali li jirregolawhom.

3. L-eu-LISA għandha timplimenta dokument ta' kontroll tal-interfaċċa (ICD) ibbażat fuq l-UMF imsemmi fl-Artikolu 38 għall-ESP.

4. L-EES, [l-ETIAS], il-VIS, is-SIS, il-Eurodac, [is-sistema ECRIS-TCN], is-CIR u d-detettur ta' identitajiet multipli, kif ukoll id-*data* tal-Europol *u l-bażijiet tad-data tal-Interpol,* għandhom jipprovdu d-*data* li jkun fihom li tirriżulta mit-tfittxija tal-ESP.

5. Meta jsiru tfittxijiet fil-bażijiet tad-*data* tal-Interpol, id-disinn tal-ESP għandu jiżgura li d-*data* użata mill-utent tal-ESP li jniedi tfittxija ma tinqasamx mas-sidien tad-*data* tal-Interpol.

6. It-tweġiba lill-utent tal-ESP għandha tkun unika u għandu jkun fiha d-*data* kollha li għaliha l-utent ikollu aċċess skont id-dritt tal-Unjoni. Meta jkun hemm bżonn, it-tweġiba pprovduta mill-ESP għandha tindika għal liema sistema ta' informazzjoni jew bażi tad-*data* tappartjeni d-*data*.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 63 biex tispeċifika l-kontenut u l-format tat-tweġibiet tal-ESP.

Artikolu 10
Żamma tal-logs

1. Mingħajr ħsara għall-[Artikolu 39 tar-Regolament Eurodac], l-[Artikoli 12 u 18 tar-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi], l-[Artikolu 29 tar-Regolament dwar l-ECRIS-TCN] u l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2016/794, l-eu-LISA għandha żżomm logs tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar tad-*data* fi ħdan l-ESP. Dawn il-logs għandhom jinkludu, b'mod partikolari, li ġej:

(a) l-awtorità tal-Istat Membru u l-utent individwali tal-ESP, inkluż il-profil tal-ESP użat kif imsemmi fl-Artikolu 8;

(b) id-data u l-ħin tat-tfittxija;

(c) is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u d-*data* tal-Europol imfittxija;

(d) f'konformità mar-regoli nazzjonali jew mar-Regolament (UE) 2016/794 jew, fejn applikabbli, mar-Regolament (UE) 45/2001, il-marka ta' identifikazzjoni tal-persuna li għamlet it-tfittxija.

2. Il-logs jistgħu jintużaw biss għall-monitoraġġ tal-protezzjoni tad-*data*, inkluża l-verifika tal-ammissibbiltà ta' tfittxija u tal-legalità tal-ipproċessar tad-*data*, u għall-iżgurar tas-sigurtà skont l-Artikolu 42. Dawn il-logs għandhom ikunu protetti

permezz ta' miżuri xierqa kontra l-aċċess mhux awtorizzat u għandhom jitħassru sena wara li jinħolqu, dment li ma jkunux meħtieġa għal proċeduri ta' monitoraġġ li jkunu diġà nbdew.

Artikolu 11

Proċeduri ta' riżerva f'każ ta' impossibbiltà teknika li jintuża l-portal Ewropew tat-tfittxija

1. Meta jkun teknikament impossibbli li jintuża l-ESP biex issir tftixxija f'sistema ta' informazzjoni waħda jew aktar tal-UE minn fost dawk imsemmija fl-Artikolu 9(1) jew fis-CIR, minħabba ħsara fl-ESP, l-utenti tal-ESP għandhom jiġu nnotifikati mill-eu-LISA.

2. Meta jkun teknikament impossibbli li jintuża l-ESP biex issir tftixxija f'sistema ta' informazzjoni waħda jew aktar tal-UE minn fost dawk imsemmija fl-Artikolu 9(1) jew fis-CIR, minħabba ħsara fl-infrastruttura nazzjonali fi Stat Membru, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandha tinnotifika lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni.

3. Fiż-żewġ xenarji, u sakemm tiġi indirizzata l-ħsara teknika, l-obbligu msemmi fl-Artikolu 7(2) u (4) ma għandux ikun japplika u l-Istati Membri jistgħu jaċċessaw is-sistemi ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(1) jew is-CIR direttament billi jużaw l-interfaċċi uniformi nazzjonali rispettivi jew l-infrastrutturi tal-komunikazzjoni nazzjonali tagħhom.

KAPITOLU III
Servizz Kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku

Artikolu 12

Servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku

1. Servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS kondiviż) li jaħżen mudelli bijometriċi u li jippermetti li jsiru tfittxijiet b'*data* bijometrika f'diversi sistemi ta' informazzjoni tal-UE hu stabbilit għall-finijiet ta' għoti ta' appoġġ għas-CIR u għad-detettur ta' identitajiet multipli u għall-għanijiet tal-EES, tal-VIS, tal-Eurodac, tas-SIS u tas-[sistema ECRIS-TCN].

2. Il-BMS kondiviż għandu jkun magħmul minn:

   (a) infrastruttura ċentrali, inkluża magna tat-tiftix u l-ħżin tad-*data* msemmija fl-Artikolu 13;

   (b) infrastruttura tal-komunikazzjoni sigura bejn il-BMS kondiviż, is-SIS Ċentrali u s-CIR.

3. L-eu-LISA għandha tiżviluppa l-BMS kondiviż u tiżgura l-ġestjoni teknika ta' dan.

Artikolu 13

Data maħżuna fis-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku

1. Il-BMS kondiviż għandu jaħżen il-mudelli bijometriċi li għandu jikseb mid-*data* bijometrika li ġejja:

   (a) id-*data* msemmija fl-Artikolu 16(1)(d) u fl-Artikolu 17(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/2226;

   (b) id-*data* msemmija fl-Artikolu 9(6) tar-Regolament (KE) 767/2008;

(c) [id-*data* msemmija fl-Artikolu 20(2)(w) u (x) tar-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-verifiki fil-fruntieri;

(d) id-*data* msemmija fl-Artikolu 20(3)(w) u (x) tar-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi;

(e) id-*data* msemmija fl-Artikolu 4(3)(t) u (u) tar-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tar-ritorn illegali];

(f) [id-*data* msemmija fl-Artikolu 13(a) tar-Regolament Eurodac;]

(g) [id-*data* msemmija fl-Artikolu 5(1)(b) u fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament dwar l-ECRIS-TCN.]

2. Il-BMS kondiviż għandu jinkludi f'kull mudell bijometriku referenza għas-sistemi ta' informazzjoni li fihom tkun maħżuna d-*data* bijometrika korrispondenti.

3. Il-mudelli bijometriċi għandhom jiddaħħlu fil-BMS kondiviż biss wara verifika awtomatizzata tal-kwalità tad-*data* bijometrika miżjuda f'waħda mis-sistemi ta' informazzjoni mwettqa mill-BMS kondiviż biex jiġi żgurat l-issodisfar ta' standard minimu tal-kwalità tad-*data*.

4. Il-ħżin tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1 għandu jissodisfa l-istandards tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 37(2).

Artikolu 14

It-tfittix tad-data bijometrika bis-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku

Biex titfittex id-*data* bijometrika maħżuna fi ħdan is-CIR u s-SIS, is-CIR u s-SIS għandhom jużaw il-mudelli bijometriċi maħżuna fil-BMS kondiviż. It-tfittxijiet bid-*data* bijometrika għandhom isiru f'konformità mal-finijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament dwar l-EES, fir-Regolament dwar il-VIS, fir-Regolament Eurodac, fir-[Regolamenti dwar is-SIS] u fir-[Regolament dwar l-ECRIS-TCN].

Artikolu 15

Żamma ta' data fis-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku

Id-*data* msemmija fl-Artikolu 13 għandha tinħażen fil-BMS kondiviż sakemm id-*data* bijometrika tibqa' maħżuna fis-CIR jew fis-SIS.

Artikolu 16

Żamma tal-logs

1. Mingħajr ħsara għall-[Artikolu 39 tar-Regolament Eurodac], l-[Artikoli 12 u 18 tar-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi] u l-[Artikolu 29 tar-Regolament dwar l-ECRIS-TCN], l-eu-LISA għandha żżomm logs tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar tad-*data* fil-BMS kondiviż. Dawn il-logs għandhom jinkludu, b'mod partikolari li ġej:

(a) l-istorja relatata mal-ħolqien u mal-ħżin tal-mudelli bijometriċi;

(b) referenza għas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE mfittxija bil-mudelli bijometriċi maħżuna fil-BMS kondiviż;

(c) id-data u l-ħin tat-tfittxija;

(d) it-tip ta' *data* bijometrika użata għat-tnedija tat-tfittxija;

(e) it-tul tat-tfittxija;

(f) ir-riżultati tat-tfittxija u d-data u l-ħin tar-riżultat;

(g) f'konformità mar-regoli nazzjonali jew mar-Regolament (UE) 2016/794 jew, fejn applikabbli, mar-Regolament (UE) 45/2001, il-marka ta' identifikazzjoni tal-persuna li għamlet it-tfittxija.

2. Il-logs jistgħu jintużaw biss għall-monitoraġġ tal-protezzjoni tad-*data*, inkluża l-verifika tal-ammissibbiltà ta' tfittxija u tal-legalità tal-ipproċessar ta' *data*, u għall-iżgurar tas-sigurtà tad-*data* skont l-Artikolu 42. Dawn il-logs għandhom ikunu protetti permezz ta' miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u għandhom jitħassru sena wara li jinħolqu, sakemm ma jkunux meħtieġa għal proċeduri ta' monitoraġġ li jkunu diġà bdew. Il-logs imsemmija fil-paragrafu 1(a) għandhom jitħassru ladarba titħassar id-*data*.

KAPITOLU IV
Repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità

Artikolu 17
Repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità

1. Qed jiġi stabbilit repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR), li joħloq fajl individwali għal kull persuna li tiġi rreġistrata fl-EES, fil-VIS, fl-[ETIAS], fil-Eurodac jew fis-[sistema ECRIS-TCN] li fih id-*data* msemmija fl-Artikolu 18, għall-fini ta' ffaċilitar u ta' assistenza għall-identifikazzjoni korretta tal-persuni rreġistrati fl-EES, fil-VIS, fl-[ETIAS], fil-Eurodac u fis-[sistema ECRIS-TCN], biex jiġi appoġġat il-funzjonament tad-detettur ta' identitajiet multipli u għall-faċilitazzjoni u l-issimplifikar tal-aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għal sistemi ta' informazzjoni mhux tal-infurzar tal-liġi fil-livell tal-UE, fejn dan ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, għall-investigazzjoni, għad-detezzjoni jew għall-prosekuzzjoni ta' reat serju.

2. Is-CIR għandu jkun magħmul minn:

(a) infrastruttura ċentrali li għandha tieħu post is-sistemi ċentrali tal-EES, tal-VIS, tal-[ETIAS], tal-Eurodac u tas-[sistema ECRIS-TCN] rispettivament biex tinħażen fiha d-*data* msemmija fl-Artikolu 18;

(b) kanal ta' komunikazzjoni sigur bejn is-CIR, l-Istati Membri u l-korpi tal-UE li huma intitolati jużaw il-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) f'konformità mad-dritt tal-Unjoni;

(c) infrastruttura ta' komunikazzjoni sigura bejn is-CIR u l-EES, [l-ETIAS], il-VIS, il-Eurodac u s-[sistema ECRIS-TCN] kif ukoll mal-infrastrutturi ċentrali tal-ESP, tal-BMS kondiviż u tad-detettur ta' identitajiet multipli.

3. L-eu-LISA għandha tiżviluppa s-CIR u tiżgura l-ġestjoni teknika ta' dan.

Artikolu 18

Id-data tar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità

1. Is-CIR għandu jaħżen id-*data* li ġejja – loġikament separata – skont is-sistema ta' informazzjoni li minnha oriġinat id-*data*:

   (a) – (mhux applikabbli);

   (b) – (mhux applikabbli);

   (c) – (mhux applikabbli);

   (d) [id-*data* msemmija fl-Artikolu minn 13(a) sa (e), (g) u (h) tar-[Regolament Eurodac;]

   (e) [id-*data* msemmija fl-Artikolu 5(1)(b) u 5(2) u d-*data* li ġejja tal-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament dwar l-ECRIS-TCN: il-kunjom jew isem il-familja; l-isem/ismijiet (isem/ismijiet mogħti(ja)); is-sess; id-data tat-twelid; il-post u l-pajjiż tat-twelid; in-nazzjonalità jew in-nazzjonalitajiet; il-ġeneru u fejn applikabbli l-ismijiet preċedenti, il-laqmijiet u/jew il-psewdonimu/psewdonimi.]

2. Għal kull sett ta' *data* msemmija fil-paragrafu 1, is-CIR għandu jinkludi referenza għas-sistemi ta' informazzjoni li għalihom tappartjeni d-*data*.

3. Il-ħżin tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1 għandu jissodisfa l-istandards tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 37(2).

Artikolu 19

Iż-żieda, l-emendar u t-tħassir ta' data fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità

1. Meta tiżdied, tiġi emendata jew titħassar *data* fil-Eurodac jew fis-[sistema ECRIS-TCN], id-*data* msemmija fl-Artikolu 18 maħżuna fil-fajl individwali tas-CIR għandha tiġi indirizzata, emendata jew titħassar kif xieraq b'mod awtomatizzat.

2. Meta d-detettur ta' identitajiet multipli joħloq link bajda jew ħamra f'konformità mal-Artikoli 32 u 33 bejn id-*data* ta' żewġ sistemi ta' informazzjoni tal-UE jew aktar li jikkostitwixxu s-CIR, minflok ma joħloq fajl individwali ġdid, is-CIR għandu jżid id-*data* l-ġdida mal-fajl individwali tad-*data* llinkjata.

Artikolu 20

Aċċess għar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità għall-identifikazzjoni

1. Meta l-awtorità tal-pulizija ta' Stat Membru tkun ingħatat it-tali setgħa permezz tal-miżuri leġiżlattivi nazzjonali msemmija fil-paragrafu 2, din tista', esklużivament għall-fini ta' identifikazzjoni ta' persuna, tfittex fis-CIR bid-*data* bijometrika ta' dik il-persuna meħuda matul kontroll tal-identità.

   Meta t-tfittxija tindika li d-*data* dwar il-persuna tkun maħżuna fis-CIR, l-awtorità tal-Istati Membri għandu jkollha aċċess biex tikkonsulta d-*data* msemmija fl-Artikolu 18(1).

   Meta d-*data* bijometrika tal-persuna ma tkunx tista' tintuża jew meta t-tfittxija b'dik id-*data* ma tirnexxix, it-tfittxija għandha ssir bid-*data* tal-identità tal-persuna flimkien mad-*data* tad-dokument tal-ivvjaġġar, jew mad-*data* tal-identità pprovduta minn dik il-persuna.

2. L-Istati Membri li jixtiequ jużaw il-possibbiltà pprovduta f'dan l-Artikolu għandhom jadottaw miżuri leġiżlattivi nazzjonali. It-tali miżuri leġiżlattivi għandhom jispeċifikaw l-iskopijiet preċiżi tal-kontrolli tal-identità fi ħdan l-iskopijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1)(b) u (c). Dawn għandhom jaħtru l-awtoritajiet tal-pulizija kompetenti u jistabbilixxu l-proċeduri, il-kundizzjonijiet u l-kriterji ta' tali kontrolli.

Artikolu 21

Aċċess għar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità għad-detezzjoni ta' identitajiet multipli

1. Meta tfittxija tas-CIR tirriżulta f'link safra f'konformità mal-Artikolu 28(4), l-awtorità responsabbli għall-verifika tal-identitajiet differenti ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 29 għandu jkollha aċċess, esklużivament għall-fini ta' din il-verifika, għad-*data* tal-identità maħżuna fis-CIR li tappartjeni għad-diversi sistemi ta' informazzjoni konnessi ma' link safra.

2. Meta tfittxija tas-CIR tirriżulta f'link ħamra f'konformità mal-Artikolu 32, l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 26(2) għandu jkollhom aċċess, esklużivament għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-frodi tal-identità, għad-*data* tal-identità maħżuna fis-CIR li tappartjeni għad-diversi sistemi ta' informazzjoni konnessi ma' link ħamra.

Artikolu 22

Tfittxija fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità għal finijiet ta' infurzar tal-liġi

1. Għall-finijiet ta' prevenzjoni, ta' detezzjoni u ta' investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra f'każ speċifiku u biex tinkiseb informazzjoni dwar jekk hemmx *data* dwar persuna speċifika preżenti fil-Eurodac, l-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u l-Europol jistgħu jikkonsultaw is-CIR.

2. L-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u l-Europol ma għandhomx ikunu intitolati li jikkonsultaw *data* li tappartjeni għall-[ECRIS-TCN] meta jikkonsultaw is-CIR għall-finijiet elenkati fil-paragrafu 1.

3. Meta, bi tweġiba għal tfittxija s-CIR jindika li hemm *data* dwar dik il-persuna fil-Eurodac, is-CIR għandu jipprovdi lill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u lill-Europol bi tweġiba fil-forma ta' referenza li tindika liema mis-sistemi ta' informazzjoni fiha d-*data* pariġġ imsemmija fl-Artikolu 18(2). Is-CIR għandu jwieġeb b'tali mod li s-sigurtà tad-*data* ma tiġix kompromessa.

4. L-aċċess sħiħ għad-*data* li tinsab fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-finijiet ta' prevenzjoni, ta' detezzjoni u ta' investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra jibqa' soġġett għall-kundizzjonijiet u għall-proċeduri stabbiliti fl-istrumenti leġiżlattivi rispettivi li jirregolaw it-tali aċċess.

Artikolu 23

Żamma ta' data fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità

1. Id-*data* msemmija fl-Artikolu 18(1) u (2) għandha titħassar mis-CIR f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar iż-żamma ta' *data* tar-[Regolament Eurodac] u r-[Regolament dwar l-ECRIS-TCN] rispettivament.

2. Il-fajl individwali għandu jkun maħżun fis-CIR sakemm id-*data* korrispondenti tkun maħżuna f'tal-anqas waħda mis-sistemi ta' informazzjoni li d-*data* tagħha tkun

tinsab fis-CIR. Il-ħolqien ta' link m'għandux jaffettwa l-perjodu ta' żamma ta' kull attribut tad-*data* llinkjata.

Artikolu 24
Żamma tal-logs

1. Mingħajr ħsara għall-[Artikolu 39 tar-Regolament Eurodac] u għall-[Artikolu 29 tal-Regolament dwar l-ECRIS-TCN], l-eu-LISA għandha żżomm logs tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar tad-*data* fi ħdan is-CIR f'konformità mal-paragrafi 2, 3 u 4.

2. Rigward kull aċċess għas-CIR skont l-Artikolu 20, l-eu-LISA għandha żżomm logs tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar tad-*data* fi ħdan is-CIR. Dawn il-logs għandhom jinkludu, b'mod partikolari li ġej:

(a) l-iskop tal-aċċess tal-utent li jfittex permezz tas-CIR;

(b) id-data u l-ħin tat-tfittxija;

(c) it-tip ta' *data* użata għat-tnedija tat-tfittxija;

(d) ir-riżultati tat-tfittxija;

(e) f'konformità mar-regoli nazzjonali jew mar-Regolament (UE) 2016/794 jew, fejn applikabbli, mar-Regolament (UE) 45/2001, il-marka ta' identifikazzjoni tal-persuna li għamlet it-tfittxija.

3. Rigward kull aċċess għas-CIR skont l-Artikolu 21, l-eu-LISA għandha żżomm logs tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar tad-*data* fi ħdan is-CIR. Dawn il-logs għandhom jinkludu, b'mod partikolari li ġej:

(a) l-iskop tal-aċċess tal-utent li jfittex permezz tas-CIR;

(b) id-data u l-ħin tat-tfittxija;

(c) fejn rilevanti, id-*data* użata għat-tnedija tat-tfittxija;

(d) fejn rilevanti, ir-riżultati tat-tfittxija;

(e) f'konformità mar-regoli nazzjonali jew mar-Regolament (UE) 2016/794 jew, fejn applikabbli, mar-Regolament (UE) 45/2001, il-marka ta' identifikazzjoni tal-persuna li għamlet it-tfittxija.

4. Rigward kull aċċess għas-CIR skont l-Artikolu 22, l-eu-LISA għandha żżomm logs tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar tad-*data* fi ħdan is-CIR. Dawn il-logs għandhom jinkludu, b'mod partikolari li ġej:

(a) ir-referenza tal-fajl nazzjonali;

(b) id-data u l-ħin tat-tfittxija;

(c) it-tip ta' *data* użata għat-tnedija tat-tfittxija;

(d) ir-riżultati tat-tfittxija;

(e) l-isem tal-awtorità li tikkonsulta s-CIR;

(f) f'konformità mar-regoli nazzjonali jew mar-Regolament (UE) 2016/794 jew, fejn applikabbli, mar-Regolament (UE) 45/2001, il-marka ta' identifikazzjoni tal-uffiċjal li għamel it-tfittxija u tal-uffiċjal li ordna t-tfittxija.

Il-logs tat-tali aċċess għandhom jiġu vverifikati b'mod regolari mill-awtorità superviżorja kompetenti stabbilita f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew f'konformità mal-Artikolu 41 tad-Direttiva 2016/680, f'intervalli li ma jaqbżux is-sitt xhur, biex jiġi vverifikat jekk il-proċeduri u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22 minn (1) sa (3) ġewx issodisfati.

5. Kull Stat Membru għandu jżomm logs tat-tfittxijiet tal-persunal awtorizzat kif xieraq biex juża s-CIR skont l-Artikoli 20, 21 u 22.

6. Il-logs imsemmija fil-paragrafi 1 u 5 jistgħu jintużaw biss għall-monitoraġġ tal-protezzjoni tad-*data*, inkluża l-verifika tal-ammissibbiltà ta' tfittxija u tal-legalità tal-ipproċessar ta' *data*, u għall-iżgurar tas-sigurtà tad-*data* skont l-Artikolu 42. Dawn għandhom ikunu protetti permezz ta' miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u għandhom jitħassru sena wara li jinħolqu, sakemm ma jkunux meħtieġa għal proċeduri ta' monitoraġġ li jkunu diġà bdew.

7. L-eu-LISA għandha żżomm il-logs relatati mal-istorja tad-*data* maħżuna fil-fajl individwali, għall-finijiet definiti fil-paragrafu 6. Il-logs relatati mal-istorja tad-*data* maħżuna għandhom jitħassru ladarba titħassar id-*data*.

KAPITOLU V
Id-Detettur ta' Identitajiet Multipli

Artikolu 25

Id-detettur ta' identitajiet multipli

1. Detettur ta' identitajiet multipli (MID) li joħloq u jaħżen links bejn id-*data* fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE inklużi fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) u fis-SIS u li, bħala konsegwenza, jidentifika identitajiet multipli, bl-iskop doppju li jiffaċilita l-verifika tal-identità u jiġġieled il-frodi tal-identità, ġie stabbilit biex jappoġġa l-funzjoni tas-CIR u l-għanijiet tal-EES, tal-VIS, tal-ETIAS], tal-Eurodac, tas-SIS u tas-[sistema ECRIS-TCN].

2. L-MID għandu jkun magħmul minn:

   (a) infrastruttura ċentrali, li taħżen links u referenzi għas-sistemi ta' informazzjoni;

   (b) infrastruttura tal-komunikazzjoni sigura li tqabbad l-MID mas-SIS u mal-infrastrutturi ċentrali tal-portal Ewropew tat-tfittxija u tas-CIR.

3. L-eu-LISA għandha tiżviluppa l-MID u tiżgura l-ġestjoni teknika ta' dan.

Artikolu 26

Aċċess għad-detettur ta' identitajiet multipli

1. Għall-finijiet tal-verifika manwali tal-identità msemmija fl-Artikolu 29, l-aċċess għad-*data* msemmija fl-Artikolu 34 maħżuna fl-MID għandu jingħata lil:

   (a) – (mhux applikabbli);

   (b) – (mhux applikabbli);

   (c) – (mhux applikabbli);

   (d) l-awtoritajiet kompetenti biex jivvalutaw talba għal protezzjoni internazzjonali

prevista fir-Regolament Eurodac meta tiġi vvalutata talba ġdida għal protezzjoni internazzjonali;

(e) l-Uffiċċju SIRENE tal-Istat Membru li joħloq [Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi jew Regolament dwar is-SIS fil-qasam tar-ritorn illegali];

(f) [l-awtoritajiet ċentrali tal-Istat Membru tal-kundanna meta tiġi rreġistrata jew aġġornata *data* fis-sistema ECRIS-TCN f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-ECRIS-TCN.]

2. L-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-korpi tal-UE li jkollhom aċċess għal tal-anqas sistema ta' informazzjoni waħda tal-UE inkluża fir-*repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità jew għas-SIS* għandu jkollhom aċċess għad-*data* msemmija fl-Artikolu 34(a) u (b) rigward kull link ħamra kif imsemmi fl-Artikolu 32.

Artikolu 27
Detezzjoni ta' identitajiet multipli

1. Detezzjoni ta' identitajiet multipli fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità u fis-SIS għandha titnieda meta:

(a) – (mhux applikabbli);

(b) – (mhux applikabbli);

(c) – (mhux applikabbli);

(d) [tinħoloq jew tiġi aġġornata applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fil-Eurodac f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament Eurodac];

(e) [tinħoloq jew tiġi aġġornata fis-SIS twissija dwar persuna f'konformità mal-Kapitoli VI, VII, VIII u IX tar-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u mal-Artikolu 3 tar-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tar-ritorn illegali];

(f) [jinħoloq jew jiġi aġġornat rekord tad-*data* fis-sistema ECRIS-TCN f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-ECRIS-TCN.]

2. Meta d-*data* li tinsab fi ħdan sistema ta' informazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 1 ikun fiha *data* bijometrika, ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) u s-SIS Ċentrali għandhom jużaw is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS kondiviż) biex iwettqu d-detezzjoni ta' identitajiet multipli. Il-BMS kondiviż għandu jqabbel il-mudelli bijometriċi miksuba minn kwalunkwe *data* bijometrika ġdida mal-mudelli bijometriċi li diġà jinsabu fil-BMS kondiviż biex jivverifika jekk id-*data* li tappartjeni għall-istess ċittadin ta' pajjiż terz hix diġà maħżuna fis-CIR jew fis-SIS Ċentrali.

3. Minbarra l-proċess imsemmi fil-paragrafu 2, is-CIR u s-SIS Ċentrali għandhom jużaw il-portal Ewropew tat-tfittxija biex ifittxu d-*data* maħżuna fis-CIR u fis-SIS Ċentrali billi jużaw id-*data* li ġejja:

(a) – (mhux applikabbli);

(b) – (mhux applikabbli);

(c) – (mhux applikabbli);

(d) [kunjom(ijiet); l-isem/l-ismijiet; l-isem/l-ismijiet tat-twelid, l-ismijiet użati fl-

antik u l-psewdonimi; id-data tat-twelid, il-post tat-twelid, in-nazzjonalità/nazzjonalitajiet u s-sess kif imsemmija fl-Artikolu 12) tar-Regolament Eurodac];

(e) – (mhux applikabbli);

(f) [kunjom(ijiet); l-isem/ismijiet; l-isem/l-ismijiet tat-twelid, l-ismijiet użati qabel u l-psewdonimi; id-data tat-twelid, il-post tat-twelid, in-nazzjonalità(jiet) u s-sess kif imsemmija fl-Artikolu 20(3) tar-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi;]

(g) [kunjom(ijiet); l-isem/ismijiet; l-isem/l-ismijiet tat-twelid, l-ismijiet użati qabel u l-psewdonimi; id-data tat-twelid, il-post tat-twelid, in-nazzjonalità(jiet) u s-sess kif imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tar-ritorn illegali;]

(h) [il-kunjom (isem tal-familja); l-ewwel isem/ismijiet; id-data tat-twelid, il-post tat-twelid, in-nazzjonalità/nazzjonalitajiet u l-ġeneru kif imsemmija fl-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament dwar l-ECRIS-TCN.]

4. Id-detezzjoni ta' identitajiet multipli għandha titnieda biex titqabbel id-*data* disponibbli f'sistema ta' informazzjoni waħda ma' *data* disponibbli f'sistemi ta' informazzjoni oħra.

Artikolu 28

Riżultati tad-detezzjoni ta' identitajiet multipli

1. Meta t-tfittxijiet imsemmija fl-Artikolu 27(2) u (3) ma jirrapportaw ebda hit, il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(1) għandha tkompli f'konformità mar-Regolamenti rispettivi li jirregolawhom.

2. Meta t-tfittxija stabbilita fl-Artikolu 27(2) u (3) tirrapporta hit waħda jew aktar, ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità u, fejn rilevanti, is-SIS għandha toħloq link bejn id-*data* użata għat-tnedija tat-tfittxija u d-*data* li twassal għall-hit.

Meta jiġu rrapportati diversi hits, għandha tinħoloq link bejn id-*data* kollha li twassal għall-hit. Meta d-data diġà tkun illinkjata, il-link eżistenti għandha tiġi estiża għad-*data* użata għat-tnedija tat-tfittxija.

3. Meta t-tfittxija msemmija fl-Artikolu 27(2) jew (3) tirrapporta hit waħda jew aktar u d-*data* tal-identità tal-fajls illinkjati tkun identika jew simili, għandha tinħoloq link bajda f'konformità mal-Artikolu 33.

4. Meta t-tfittxija msemmija fl-Artikolu 27(2) jew (3) tirrapporta hit waħda jew aktar u d-*data* tal-identità tal-fajls illinkjati ma tkunx tista' titqies bħala simili, għandha tinħoloq link safra f'konformità mal-Artikolu 30 u għandha tkun tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 29.

5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-proċeduri biex tiddetermina l-każijiet li fihom id-*data* tal-identità tkun tista' titqies bħala identika jew simili fl-atti ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 64(2).

6. Il-links għandhom jinħażnu fil-fajl ta' konferma tal-identità msemmi fl-Artikolu 34.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli tekniċi għall-illinkjar tad-*data* minn sistemi ta' informazzjoni differenti permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti

ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 64(2).

Artikolu 29

Verifika manwali ta' identitajiet differenti

1. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 2, l-awtorità responsabbli għall-verifika ta' identitajiet differenti għandha tkun:

(a) – (mhux applikabbli);

(b) – (mhux applikabbli);

(c) – (mhux applikabbli);

(d) l-awtorità li tivvaluta talba għal protezzjoni internazzjonali kif stabbilit fir-Regolament Eurodac għal hits li jkunu seħħew matul il-valutazzjoni tat-tali talba;

(e) l-Uffiċċju SIRENE tal-Istat Membru għal hits li jkunu seħħew matul il-ħolqien ta' twissija tas-SIS f'konformità mar-[Regolamenti dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u dwar is-SIS fil-qasam tar-ritorn illegali];

(f) l-awtoritajiet ċentrali tal-Istat Membru tal-kundanna għal hits li seħħew meta tiġi rreġistrata jew aġġornata *data* fis-sistema ECRIS-TCN f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-ECRIS-TCN].

Id-detettur ta' identitajiet multipli għandu jindika l-awtorità responsabbli għall-verifika ta' identitajiet differenti fil-fajl ta' verifika tal-identità.

2. L-awtorità responsabbli għall-verifika ta' identitajiet differenti fil-fajl ta' konferma tal-identità għandha tkun l-Uffiċċju SIRENE tal-Istat Membru li ħoloq it-twissija fejn tinħoloq link għad-*data* inkluża:

(a) fi twissija fir-rigward ta' persuni mfittxija għal arrest għal finijiet ta' konsenja jew ta' estradizzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 26 tar-[Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi];

(b) fi twissija dwar persuni neqsin jew vulnerabbli kif imsemmi fl-Artikolu 32 tar-[Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi];

(c) fi twissija dwar persuni mfittxija biex jassistu fi proċedura ġudizzjarja kif imsemmi fl-Artikolu 34 tar-[Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi];

(d) [fi twissija dwar ritorn f'konformità mar-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tar-ritorn illegali];

(e) fi twissija dwar persuni għal verifiki diskreti, għal verifiki ta' inkjesta jew għal verifiki speċifiċi kif imsemmi fl-Artikolu 36 tar-[Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi];

(f) fi twissija dwar persuni mfittxija mhux magħrufa għall-identifikazzjoni skont id-dritt nazzjonali u għat-tfittxija b'*data* bijometrika kif imsemmi fl-Artikolu 40 tar-[Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi].

3. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 4, l-awtorità responsabbli għall-verifika ta' identitajiet differenti għandu jkollha aċċess għad-*data* relatata li tinsab fil-fajl rilevanti ta' konferma tal-identità u għad-*data* tal-identità llinkjata fir-repożitorju

komuni ta' informazzjoni dwar l-identità u, fejn rilevanti, fis-SIS, u għandha tivvaluta l-identitajiet differenti u għandha taġġorna l-link f'konformità mal-Artikoli 31, 32 u 33 u żżidha fil-fajl ta' konferma tal-identità mingħajr dewmien.

4. – (mhux applikabbli).

5. Meta tinkiseb aktar minn link waħda, l-awtorità responsabbli għall-verifika ta' identitajiet differenti għandha tivvaluta kull link b'mod separat.

6. Meta d-*data* li tirrapporta hit diġà tkun ġiet illinkjata, l-awtorità responsabbli għall-verifika ta' identitajiet differenti għandha tqis il-links eżistenti meta tivvaluta l-ħolqien ta' links ġodda.

Artikolu 30
Link safra

1. Link bejn id-*data* minn żewġ sistemi ta' informazzjoni jew aktar għadha tiġi kklassifikata bħala safra f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) id-*data* llinkjata jkollha l-istess *data* bijometrika iżda d-*data* tal-identità tkun differenti u ma tkun saret ebda verifika manwali tal-identità differenti;

(b) id-*data* llinkjata jkollha *data* tal-identità differenti u ma tkun saret ebda verifika manwali tal-identità differenti.

2. Meta link tiġi kklassifikata bħala safra f'konformità mal-paragrafu 1, tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29.

Artikolu 31
Link ħadra

1. Link bejn *data* minn żewġ sistemi ta' informazzjoni jew aktar għandha tiġi kklassifikata bħala ħadra meta d-*data* llinkjata ma jkollhiex l-istess *data* bijometrika iżda jkollha *data* tal-identità simili u l-awtorità responsabbli għall-verifika ta' identitajiet differenti tkun ikkonkludiet li din tirreferi għal żewġ persuni differenti.

2. Meta ssir tfittxija fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) jew fis-SIS u meta tkun teżisti link ħadra bejn żewġ sistemi ta' informazzjoni jew aktar li jikkostitwixxu s-CIR jew mas-SIS, id-detettur ta' identitajiet multipli għandu jindika li d-*data* tal-identità tad-*data* llinkjata ma tikkorrispondix għall-istess persuna. Is-sistema ta' informazzjoni li fiha ssir it-tfittxija għandha twieġeb billi tindika biss id-*data* tal-persuna li d-*data* tagħha tkun intużat għat-tfittxija, mingħajr ma titla' hit mad-*data* li tkun soġġetta għal-link ħadra.

Artikolu 32
Link ħamra

1. Link bejn id-*data* minn żewġ sistemi ta' informazzjoni jew aktar għadha tiġi kklassifikata bħala ħamra f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) id-*data* llinkjata jkollha l-istess *data* bijometrika iżda *data* tal-identità differenti u l-awtorità responsabbli għall-verifika tal-identitajiet differenti tkun ikkonkludiet li din tirreferi b'mod illegali għall-istess persuna;

(b) id-*data* llinkjata jkollha *data* tal-identità simili u l-awtorità responsabbli għall-

verifika tal-identitajiet differenti tkun ikkonkludiet li din tirreferi b'mod illegali għall-istess persuna.

2. Meta ssir tfittxija fis-CIR jew fis-SIS u meta tkun teżisti link ħamra bejn żewġ sistemi ta' informazzjoni jew aktar li jikkostitwixxu s-CIR jew mas-SIS, id-detettur ta' identitajiet multipli għandu jwieġeb billi jindika d-*data* msemmija fl-Artikolu 34. Is-segwitu għal link ħamra għandu jsir f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u nazzjonali.

3. Meta tinħoloq link ħamra bejn id-data mill-EES, mill-VIS, [mill-ETIAS], mill-Eurodac jew mis-[Sistema ECRIS-TCN], il-fajl individwali maħżun fis-CIR għandu jiġi aġġornat f'konformità mal-Artikolu 19(1).

4. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet relatati mal-immaniġġjar tat-twissijiet fis-SIS imsemmija fir-[Regolamenti dwar is-SIS fil-qasam tal-verifiki fil-fruntieri, dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u dwar is-SIS fil-qasam tar-ritorn illegali], u mingħajr ħsara għal-limitazzjonijiet neċessarji għall-protezzjoni tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku, għall-prevenzjoni tal-kriminalità u għall-garanzija li ebda investigazzjoni nazzjonali ma tiġi imxekkla, fejn tinħoloq link ħamra, l-awtorità responsabbli għall-verifika ta' identitajiet differenti għandha tinforma lill-persuna dwar il-preżenza ta' identitajiet illegali multipli.

5. Meta tinħoloq link ħamra, l-awtorità responsabbli għall-verifika ta' identitajiet differenti għandha tipprovdi referenza għall-awtoritajiet responsabbli għad-*data* llinkjata.

Artikolu 33
Link bajda

1. Link bejn id-*data* minn żewġ sistemi ta' informazzjoni jew aktar għadha tiġi kklassifikata bħala bajda f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) id-*data* llinkjata jkollha l-istess *data* bijometrika jew l-istess *data* tal-identità jew *data* tal-identità simili;

(b) id-*data* llinkjata jkollha l-istess *data* tal-identità jew *data* tal-identità simili u tal-anqas waħda mis-sistemi ta' informazzjoni ma jkollhiex *data* bijometrika dwar il-persuna;

(c) id-*data* llinkjata jkollha l-istess *data* bijometrika iżda *data* tal-identità differenti u l-awtorità responsabbli għall-verifika tal-identitajiet differenti tkun ikkonkludiet li din tirreferi għall-istess persuna li jkollha *data* tal-identità differenti b'mod legali.

2. Meta ssir tfittxija fis-CIR jew fis-SIS u meta tkun teżisti link bajda bejn sistema ta' informazzjoni waħda jew aktar li jikkostitwixxu s-CIR jew mas-SIS, id-detettur ta' identitajiet multipli għandu jindika li d-*data* tal-identità tad-*data* llinkjata tikkorrispondi għall-istess persuna. Is-sistemi ta' informazzjoni li fihom issir it-tfittxija għandhom iwieġbu billi jindikaw, fejn rilevanti, id-*data* llinkjata kollha dwar il-persuna, u b'hekk itellgħu hit mad-*data* li tkun soġġetta għal-link bajda, jekk l-awtorità li tniedi t-tfittxija jkollha aċċess għad-*data* llinkjata skont id-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali.

3. Meta tinħoloq link bajda bejn id-*data* mill-EES, mill-VIS, [mill-ETIAS], mill-Eurodac jew mis-[sistema ECRIS-TCN], il-fajl individwali maħżun fis-CIR għandu jiġi aġġornat f'konformità mal-Artikolu 19(1).

4. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet relatati mal-immaniġġjar tat-twissijiet fis-SIS imsemmija fir-[Regolamenti dwar is-SIS fil-qasam tal-verifiki fil-fruntieri, dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u dwar is-SIS fil-qasam tar-ritorn illegali], meta tinħoloq link bajda wara verifika manwali ta' identitajiet multipli, l-awtorità responsabbli għall-verifika ta' identitajiet differenti għandha tinforma lill-persuna bil-preżenza ta' diskrepanzi bejn id-*data* personali tagħha bejn is-sistemi u għandha tipprovdi referenza għall-awtoritajiet responsabbli għad-*data* llinkjata.

Artikolu 34
Fajl ta' konferma tal-identità

Il-fajl ta' konferma tal-identità għandu jkun fih id-*data* li ġejja:

(a) il-links, inkluża d-deskrizzjoni ta' dawn fil-forma ta' kuluri, kif imsemmija fl-Artikoli minn 30 sa 33;

(b) referenza għas-sistemi ta' informazzjoni li d-*data* tagħhom hi llinkjata;

(c) numru uniku ta' identifikazzjoni li jippermetti li tinstab id-*data* mis-sistemi ta' informazzjoni tal-fajls illinkjati korrispondenti;

(d) fejn rilevanti, l-awtorità responsabbli għall-verifika ta' identitajiet differenti.

Artikolu 35
Żamma ta' data fid-detettur ta' identitajiet multipli

Il-fajls ta' konferma tal-identità u d-data tagħhom, inklużi l-links, għandhom jinħażnu fid-detettur ta' identitajiet multipli (MID) biss sakemm id-*data* llinkjata tibqa' maħżuna f'żewġ sistemi ta' informazzjoni tal-UE jew aktar.

Artikolu 36
Żamma tal-logs

1. L-eu-LISA għandha żżomm logs tal-operazzjoni kollha ta' proċessar tad-*data* fl-MID. Dawn il-logs għandhom jinkludu, b'mod partikolari li ġej:

(a) l-iskop tal-aċċess tal-utent u d-drittijiet ta' aċċess tiegħu;

(b) id-data u l-ħin tat-tfittxija;

(c) it-tip ta' *data* użata għat-tnedija tat-tfittxija jew tat-tfittxijiet;

(d) ir-referenza għad-*data* llinkjata;

(e) l-istorja tal-fajl ta' konferma tal-identità;

(f) il-marka ta' identifikazzjoni tal-persuna li għamlet it-tfittxija.

2. Kull Stat Membru għandu jżomm logs tal-persunal debitament awtorizzat li juża l-MID.

3. Il-logs jistgħu jintużaw biss għall-monitoraġġ tal-protezzjoni tad-*data*, inkluża l-verifika tal-ammissibbiltà ta' talba u tal-legalità tal-ipproċessar ta' *data*, u għall-iżgurar tas-sigurtà tad-*data* skont l-Artikolu 42. Il-logs għandhom ikunu protetti permezz ta' miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u għandhom jitħassru sena wara li jinħolqu, sakemm ma jkunux meħtieġa għal proċeduri ta' monitoraġġ li jkunu

diġà bdew. Il-logs relatati mal-istorja tal-fajl ta' konferma tal-identità għandhom jitħassru ladarba titħassar id-data fil-fajl ta' konferma tal-identità.

KAPITOLU VI
Il-miżuri li jappoġġaw l-interoperabbiltà

Artikolu 37
Il-kwalità tad-data

1. L-eu-LISA għandha tistabbilixxi mekkaniżmi u proċeduri awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* fuq id-data maħżuna fis-SIS, fil-Eurodac, fis-[sistema ECRIS-TCN], fis-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS kondiviż), fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) u fid-detettur ta' identitajiet multipli (MID).

2. L-eu-LISA għandha tistabbilixxi indikaturi komuni tal-kwalità tad-*data* u l-istandards minimi tal-kwalità biex tinħażen id-*data* fis-SIS, fil-Eurodac, fis-[sistema ECRIS-TCN], fil-BMS kondiviż, fis-CIR u fl-MID.

3. L-eu-LISA għandha tipprovdi rapporti regolari dwar il-mekkaniżmi u l-proċeduri awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* u l-indikaturi komuni tal-kwalità tad-*data* lill-Istati Membri. L-eu-LISA għandha tipprovdi wkoll rapport regolari lill-Kummissjoni li jkopri l-intoppi affaċċjati u l-Istati Membri kkonċernati.

4. Id-dettalji dwar il-mekkaniżmi u l-proċeduri awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* u l-indikaturi komuni tal-kwalità tad-*data* u l-istandards minimi tal-kwalità għall-ħżin tad-*data* fis-SIS, fil-Eurodac, fis-[sistema ECRIS-TCN], fil-BMS kondiviż, fis-CIR u fl-MID b'mod partikolari rigward id-*data* bijometrika, għandhom jiġu stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 64(2).

5. Sena wara li jiġu stabbiliti l-mekkaniżmi u l-proċeduri awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* u l-indikaturi komuni tal-kwalità tad-*data* u kull sena wara dan, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-kwalità tad-*data* u għandha tagħmel kull rakkomandazzjoni neċessarja. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bi pjan ta' azzjoni biex tirrimedja għal kull nuqqas identifikat fir-rapport ta' evalwazzjoni u għandha tirrapporta dwar kull progress fl-isfond ta' dan il-pjan ta' azzjoni sakemm jiġi implimentat bis-sħiħ. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali stabbilita permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007[64].

Artikolu 38
Format Universali ta' Messaġġ

1. B'dan hu stabbilit l-istandard tal-Format Universali ta' Messaġġ (UMF). L-UMF jiddefinixxi standards għal ċerti elementi tal-kontenut tal-iskambju transfruntier ta'

[64] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1).

informazzjoni bejn is-sistemi ta' informazzjoni, l-awtoritajiet u/jew l-organizzazzjonijiet fil-qasam tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet interni

2. L-istandard tal-UMF għandu jintuża fl-iżvilupp tal-[Eurodac], tas-[sistema ECRIS-TCN], tal-portal Ewropew tat-tfittxija, tas-CIR, tal-MID u, jekk xieraq, fl-iżvilupp mill-eu-LISA jew minn kull korp ieħor tal-UE ta' mudelli ġodda ta' skambju ta' informazzjoni u ta' sistemi ta' informazzjoni fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.

3. L-implimentazzjoni tal-istandard tal-UFM jista' jiġi kkunsidrat fis-SIS u f'kull mudell ta' skambju transfruntier ta' informazzjoni u sistemi ta' informazzjoni eżistenti jew ġodda fil-qasam tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni, żviluppati mill-Istati Membri jew mill-pajjiżi assoċjati.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi u tiżviluppa l-istandard tal-UMF imsemmi fil-paragrafu 1. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 64(2).

Artikolu 39

Repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistiki

1. Repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistiki (CRRS) qed jiġi stabbilit għall-finijiet ta' għoti ta' appoġġ għall-għanijiet tal-Eurodac, tas-SIS u tas-[sistema ECRIS-TCN] u biex tiġi ġġenerata *data* statistika bejn is-sistemi u rappurtar analitiku għall-finijiet operazzjonali, ta' politika u ta' kwalità tad-*data*.

2. L-eu-LISA għandha tistabbilixxi, timplimenta u tospita s-CRRS fis-siti tekniċi tagħha li fihom id-*data* msemmija fl-[Artikolu 42(8) tar-Regolament Eurodac], fl-[Artikolu 71 tar-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi] u fl-[Artikolu 30 tar-Regolament dwar l-ECRIS-TCN] isseparati loġikament. Id-*data* li tinsab fis-CRRS m'għandhiex tippermetti li jiġu identifikati l-individwi. L-aċċess għar-repożitorju għandu jingħata b'aċċess sigur permezz tas-servizz tan-netwerk Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet (TESTA) b'kontroll tal-aċċess u bi profili tal-utenti speċifiċi, esklużivament għall-fini ta' rappurtar u ta' statistiki, lill-awtoritajiet imsemmija fl-[Artikolu 42(8) tar-Regolament Eurodac], fl-[Artikolu 71 tar-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi] u fl-[Artikolu 30 tar-Regolament dwar l-ECRIS-TCN].

3. L-eu-LISA għandha trendi d-*data* anonima u għandha tirreġistra t-tali *data* anonima fis-CRRS. Il-proċess biex trendi d-*data* anonima għandu jiġi awtomatizzat.

4. Is-CRRS għandu jkun magħmul minn:

(a) infrastruttura ċentrali, li tikkonsisti f'repożitorju tad-*data* li tippermetti li d-*data* tiġi anonimizzata;

(b) infrastruttura ta' komunikazzjoni sigura biex issir konnessjoni bejn is-CRRS u s-SIS, il-Eurodac u l-[ECRIS-TCN], kif ukoll l-infrastrutturi ċentrali tal-BMS kondiviż, is-CIR u l-MID.

5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-operat tas-CRRS, inklużi salvagwardji speċifiċi għall-ipproċessar ta' *data* personali msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u r-regoli dwar is-sigurtà applikabbli għar-repożitorju permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 64(2).

KAPITOLU VII
Protezzjoni tad-*data*

Artikolu 40
Il-kontrollur tad-data

1. B'rabta mal-ipproċessar ta' *data* fis-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS kondiviż), l-awtoritajiet tal-Istati Membri li huma kontrolluri għall-Eurodac, għas-SIS u għas-[sistema ECRIS-TCN] rispettivament, għandhom jiġu kkunsidrati bħala kontrolluri wkoll f'konformità mal-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 b'rabta mal-mudelli bijometriċi miksuba mid-*data* msemmija fl-Artikolu 13 li huma jdaħħlu fis-sistemi rispettivi u għandu jkollhom ir-responsabbiltà għall-ipproċessar tal-mudelli bijometriċi fil-BMS kondiviż.

2. B'rabta mal-ipproċessar ta' *data* fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR), l-awtoritajiet tal-Istati Membri li huma kontrolluri għall-Eurodac u għas-[sistema ECRIS-TCN] rispettivament, għandhom jiġu kkunsidrati bħala kontrolluri wkoll f'konformità mal-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 b'rabta mad-*data* msemmija fl-Artikolu 18 li huma jdaħħlu fis-sistemi rispettivi u għandu jkollhom ir-responsabbiltà għall-proċessar ta' dik id-*data* personali fis-CIR.

3. B'rabta mal-ipproċessar ta' *data* fid-detettur ta' identitajiet multipli:

   (a) l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandha titqies bħala kontrollur tad-*data* f'konformità mal-Artikolu 2(b) tar-Regolament Nru 45/2001 b'rabta mal-ipproċessar ta' *data* personali fl-Unità Ċentrali tal-ETIAS;

   (b) l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jżidu jew jimmodifikaw id-*data* fil-fajl ta' konferma tal-identità wkoll għandhom jitqiesu li huma kontrolluri f'konformità mal-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandu jkollhom ir-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' *data* personali fid-detettur ta' identitajiet multipli;

Artikolu 41
Il-proċessur tad-data

B'rabta mal-ipproċessar ta' *data* personali fis-CIR, l-eu-LISA għandha titqies bħala l-proċessur tad-*data* f'konformità mal-Artikolu 2(e) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Artikolu 42
Is-sigurtà tal-ipproċessar

1. Kemm l-eu-LISA kif ukoll l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà tal-ipproċessar ta' *data* personali li jseħħ skont l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-eu-LISA, [l-Unità Ċentrali tal-ETIAS] u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw dwar kompiti relatati mas-sigurtà.

2. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, l-eu-LISA għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura s-sigurtà tal-komponenti tal-interoperabbiltà u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni relatata tagħhom.

3. B'mod partikolari, l-eu-LISA għandha tadotta l-miżuri neċessarji, inklużi pjan għas-sigurtà, pjan tal-kontinwità tan-negozju u pjan ta' rkupru minn diżastru, biex:

(a) tipproteġi fiżikament id-*data*, inkluż billi tagħmel pjani ta' kontinġenza għall-protezzjoni ta' infrastruttura kritika;

(b) timpedixxi l-qari, l-ikkupjar, il-modifika jew it-tneħħija mhux awtorizzata tal-mezzi tad-*data*;

(c) timpedixxi li tiddaħħal data b'mod mhux awtorizzat kif ukoll l-ispezzjoni, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzati ta' *data* personali rreġistrata;

(d) timpedixxi l-ipproċessar mhux awtorizzat ta' *data* u kull ikkupjar, modifika jew tħassir mhux awtorizzati ta' data;

(e) tiżgura li persuni awtorizzati biex jaċċessaw il-komponenti tal-interoperabbiltà jkollhom aċċess biss għad-*data* koperta mill-awtorizzazzjoni tal-aċċess tagħhom, permezz ta' identitajiet tal-utenti individwali u permezz ta' modalitajiet ta' aċċess kunfidenzjali biss;

(f) tiżgura li jkun possibbli li jiġi vverifikat u stabbilit lil liema korpi tista' tintbagħat *data* personali bl-użu ta' tagħmir għall-komunikazzjoni tad-*data*;

(g) tiżgura li jkun possibbli li jiġi vverifikat u stabbilit liema *data* tkun ġiet proċessata fil-komponenti tal-interoperabbiltà, meta, minn min u għal liema skop;

(h) timpedixxi l-qari, l-ikkuppjar, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzati ta' *data* personali matul it-trażmissjoni ta' *data* personali lejn jew mill-komponenti tal-interoperabbiltà jew matul it-trasport tal-mezzi tad-*data*, b'mod partikolari permezz ta' tekniki xierqa ta' kriptaġġ;

(i) timonitorja l-effettività tal-miżuri tas-sigurtà msemmija f'dan il-paragrafu u tieħu l-miżuri organizzazzjonali meħtieġa marbuta mal-monitoraġġ intern biex tiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ekwivalenti għal dawk imsemmija fil-paragrafu 3 fir-rigward tas-sigurtà b'rabta mal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet li jkollhom dritt li jaċċessaw kwalunkwe wieħed mill-komponenti tal-interoperabbiltà.

Artikolu 43
Kunfidenzjalità tad-data tas-SIS

1. Kull Stat Membru għandu japplika r-regoli tiegħu ta' segretezza professjonali jew dmirijiet ekwivalenti oħra tal-kunfidenzjalità lill-persuni u lill-korpi kollha li jkunu meħtieġa jaħdmu bid-*data* tas-SIS aċċessata permezz ta' kwalunkwe wieħed mill-komponenti tal-interoperabbiltà f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu. Dan l-obbligu għandu japplika wkoll wara li dawn il-persuni jħallu l-kariga jew l-impjieg jew wara t-tmiem tal-attivitajiet ta' dawn il-korpi.

2. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni, l-eu-LISA għandha tapplika regoli adatti ta' segretezza professjonali jew dmirijiet ekwivalenti oħra tal-kunfidenzjalità ta' standards komparabbli għal dawk stabbiliti fil-paragrafu 1 għall-persunal kollu tagħha li hu meħtieġ jaħdem bid-data tas-SIS. Dan l-obbligu għandu japplika wkoll wara li dawk il-persuni jħallu l-kariga jew l-impjieg tagħhom jew wara t-tmiem tal-attivitajiet tagħhom.

Artikolu 44
Inċidenti marbuta mas-sigurtà

1. Kull avveniment li għandu jew li jista' jkollu impatt fuq is-sigurtà tal-komponenti tal-interoperabbiltà u li jista' jikkawża dannu jew telf ta' *data* maħżuna fihom għandu jitqies li hu inċident marbut mas-sigurtà, b'mod partikolari meta jista' jkun li kien hemm aċċess mhux awtorizzat għad-*data* jew meta d-disponibbiltà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-*data* ġew kompromessi jew setgħu ġew kompromessi.

2. L-inċidenti marbuta mas-sigurtà għandhom jiġu mmaniġġjati biex jiġi żgurat rispons rapidu, effettiv u xieraq.

3. Mingħajr ħsara għan-notifika u għall-komunikazzjoni ta' ksur tad-*data* personali skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2016/680, jew it-tnejn, l-Istati Membri għandhom jagħtu notifika lill-Kummissjoni, lill-eu-LISA u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar inċidenti marbuta mas-sigurtà. Fil-każ ta' inċident marbut mas-sigurtà fir-rigward tal-infrastruttura ċentrali tal-komponenti tal-interoperabbiltà, l-eu-LISA għandha tagħti notifika lill-Kummissjoni u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

4. L-informazzjoni dwar inċident marbut mas-sigurtà li jkollu jew jista' jkollu impatt fuq l-operat tal-komponenti tal-interoperabbiltà jew fuq id-disponibbiltà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-*data* għandha tingħata lill-Istat Membru u tiġi rrapportata f'konformità mal-pjan ta' ġestjoni tal-inċidenti li għandu jiġi pprovdut mill-eu-LISA.

5. L-Istati Membri kkonċernati u l-eu-LISA għandhom jikkooperaw fil-każ ta' inċident marbut mas-sigurtà. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni ta' din il-proċedura ta' kooperazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 64(2).

Artikolu 45
Awtomonitoraġġ

L-Istati Membri u l-korpi rilevanti tal-UE għandhom jiżguraw li kull awtorità intitolata għall-aċċess tal-komponenti tal-interoperabbiltà tieħu l-miżuri meħtieġa biex tissorvelja l-konformità tagħha ma' dan ir-Regolament u tikkoopera, fejn meħtieġ, mal-awtoritajiet superviżorji.

Il-kontrolluri tad-*data* kif imsemmija fl-Artikolu 40 għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jimmonitorjaw il-konformità tal-ipproċessar tad-*data* skont dan ir-Regolament, inkluża verifika spissa tal-logs, u jikkooperaw, fejn ikun hemm bżonn, mal-awtoritajiet superviżorji msemmija fl-Artikoli 49 u 50.

Artikolu 46
Id-dritt għall-informazzjoni

1. Mingħajr ħsara għad-dritt għall-informazzjoni msemmi fl-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (KE) 45/2001 u fl-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (UE) 2016/679, persuni li d-*data* tagħhom hi maħżuna fis-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku, fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità jew fid-detettur ta' identitajiet multipli għandhom jiġu informati mill-awtorità li tiġbor id-*data* tagħhom, fil-ħin li fih tinġabar id-*data* tagħhom, dwar l-ipproċessar ta' *data* personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, inkluż dwar l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-

kontrolluri tad-*data* rispettivi, u dwar il-proċeduri għall-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom ta' aċċess, ta' rettifika u għal tħassir, kif ukoll dwar id-dettalji ta' kuntatt tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u tal-awtorità superviżorja nazzjonali tal-Istat Membru responsabbli għall-ġbir tad-*data*.

2. Persuni li d-*data* tagħhom hi rreġistrata fil-Eurodac jew fis-[sistema ECRIS-TCN] għandhom jiġu informati dwar l-ipproċessar ta' *data* għall-finijiet ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafu 1 meta:

(a) – (mhux applikabbli);

(b) – (mhux applikabbli);

(c) – (mhux applikabbli);

(d) [tinħoloq jew tiġi aġġornata applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fil-Eurodac f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament Eurodac];

(e) [jinħoloq jew jiġi aġġornat rekord tad-*data* fis-sistema ECRIS-TCN f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-ECRIS-TCN.]

Artikolu 47
Dritt ta' aċċess, ta' korrezzjoni u għal tħassir

1. Biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont l-Artikoli 13, 14, 15 u 16 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u l-Artikoli 15, 16, 17 u 18 tar-Regolament (UE) Nru 2016/679, kull persuna għandu jkollha d-dritt li tindirizza hi stess lill-Istat Membru responsabbli għall-verifika manwali ta' identitajiet differenti jew ta' kwalunwke Stat Membru, li għandu jeżamina din it-talba u jwieġeb għaliha.

2. L-Istat Membru responsabbli għall-verifika manwali ta' identitajiet differenti kif imsemmi fl-Artikolu 29 jew l-Istat Membru li lilu tkun saret it-talba għandu jwieġeb għal dawn it-talbiet fi żmien 45 jum minn meta jirċievi t-talba.

3. Jekk talba għal korrezzjoni jew għal tħassir ta' *data* personali ssir lil Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru responsabbli, l-Istat Membru li lilu ssir it-talba għandu jikkuntattja lill-awtoritajiet tal-Istat Membru responsabbli fi żmien sebat ijiem u l-Istat Membru responsabbli għandu jivverifika l-preċiżjoni tad-*data* u l-legalità tal-ipproċessar tad-*data* fi żmien 30 jum mit-tali kuntatt.

4. Meta, wara eżami, jinstab li d-*data* maħżuna fid-detettur ta' identitajiet multipli (MID) ma tkunx fattwalment preċiża jew tkun ġiet irreġistrata b'mod illegali, l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, l-Istat Membru li lilu tkun saret it-talba għandu jikkoreġi jew iħassar dik id-*data*.

5. Meta d-*data* fl-MID tiġi emendata mill-Istat Membru responsabbli matul il-perjodu ta' validità tagħha, l-Istat Membru responsabbli għandu jwettaq l-ipproċessar stabbilit fl-Artikolu 27 u, fejn rilevanti, fl-Artikolu 29 biex jiddetermina jekk id-*data* emendata għandhiex tiġi llinkjata. Meta l-ipproċessar ma jirrapporta ebda hit, l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, l-Istat Membru li lilu tkun saret it-talba għandu jħassar id-*data* mill-fajl ta' konferma tal-identità. Meta l-ipproċessar awtomatizzat jirrapporta hit waħda jew aktar, l-Istat Membru responsabbli għandu joħloq jew jaġġorna l-link rilevanti f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

6. Meta l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, l-Istat Membru li lilu tkun saret it-talba ma jaqbilx li d-*data* maħżuna fl-MID mhijiex fattwalment preċiża jew

tkun ġiet reġistrata b'mod illegali, dak l-Istat Membru għandu jadotta deċiżjoni amministrattiva fejn mingħajr dewmien jispjega bil-miktub lill-persuna kkonċernata r-raġuni għaliex mhux lest li jikkoreġi jew iħassar id-*data* relatata magħha.

7. Din id-deċiżjoni għandha tipprovdi wkoll lill-persuna kkonċernata bl-informazzjoni li tispjega l-possibbiltà li tikkontesta d-deċiżjoni li ttieħdet fir-rigward tat-talba msemmija fil-paragrafu 3 u fejn rilevanti, informazzjoni dwar kif għandha tinġieb azzjoni jew isir ilment quddiem l-awtoritajiet kompetenti jew il-qrati u kull assistenza, inkluża dik mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kompetenti.

8. Kull talba li ssir skont il-paragrafu 3 għandu jkun fiha l-informazzjoni neċessarja biex tiġi identifikata l-persuna kkonċernata. Din l-informazzjoni għandha tintuża esklużivament biex tippermetti l-eżerċizzju tad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 3 u għandha titħassar immedjatament wara.

9. L-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, l-Istat Membru li lilu tkun saret it-talba għandu jżomm rekord fil-forma ta' dokument bil-miktub li saret talba kif imsemmija fil-paragrafu 3 u kif din ġiet indirizzata, u għandu jagħmel dan id-dokument disponibbli għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kompetenti għall-protezzjoni tad-*data* mingħajr dewmien.

Artikolu 48

Komunikazzjoni tad-data personali lil pajjiżi terzi, lil organizzazzjonijiet internazzjonali u lil partijiet privati

Data personali maħżuna fil-komponenti tal-interoperabbiltà jew aċċessata minn dawn m'għandhiex tiġi ttrasferita u m'għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-ebda pajjiż terz, organizzazzjoni internazzjonali jew parti privata.

Artikolu 49

Superviżjoni mill-awtorità superviżorja nazzjonali

1. L-awtorità superviżorja jew l-awtoritajiet maħtura skont l-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom jiżguraw li jsir awditjar tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli skont l-istandards internazzjonali tal-awditjar rilevanti tal-anqas kull erba' snin.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità superviżorja tagħhom jkollha biżżejjed riżorsi biex twettaq il-kompiti mogħtija lilha skont dan ir-Regolament.

Artikolu 50

Superviżjoni mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* għandu jiżgura li jsir awditjar tal-attivitajiet ta' proċessar ta' *data* personali tal-eu-LISA f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-awditjar rilevanti mill-inqas kull erba' snin. Rapport ta' dak l-awditjar għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-eu-LISA, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri. L-eu-LISA għandha tingħata opportunità li tikkummenta qabel jiġu adottati r-rapporti.

Artikolu 51
Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

1. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* għandu jaġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fir-rigward ta' kwistjonijiet speċifiċi li jkunu jeħtieġu l-involviment nazzjonali, b'mod partikolari jekk il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jew awtorità superviżorja nazzjonali jsibu diskrepanzi kbar bejn prattiki tal-Istati Membri jew isibu trasferimenti potenzjalment illegali fl-użu tal-kanali ta' komunikazzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà, jew fil-kuntest ta' mistoqsijiet imqajma minn xi awtorità superviżorja nazzjonali waħda jew aktar dwar l-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Fl-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, is-superviżjoni koordinata għandha tiġi żgurata f'konformità mal-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) XXXX/2018 [ir-Regolament 45/2001 rivedut].

KAPITOLU VIII
Responsabbiltajiet

Artikolu 52
Responsabilitajiet tal-eu-Lisa matul il-fażijiet tat-tfassil u tal-iżvilupp

1. L-eu-LISA għandha tiżgura li l-infrastrutturi ċentrali tal-komponenti tal-interoperabbiltà jiġu operati f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Il-komponenti tal-interoperabbiltà għandhom ikunu ospitati mill-eu-LISA fis-siti tekniċi tagħha u għandhom jipprovdu l-funzjonalitajiet stabbiliti f'dan ir-Regolament f'konformità mal-kundizzjonijiet tas-sigurtà, tad-disponibbiltà, tal-kwalità u tal-veloċità msemmija fl-Artikolu 53(1).

3. L-eu-LISA għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp tal-komponenti tal-interoperabbiltà, għal kull adattament meħtieġ għall-istabbiliment tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi ċentrali tal-EES, tal-VIS, tal-[ETIAS], tas-SIS u tal-Eurodac, u tas-[sistema ECRIS-TCN], u l-portal Ewropew tat-tfittxija, is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku, ir-repożitorju ta' identitajiet komuni u d-detettur ta' identitajiet multipli.

   L-eu-LISA għandha tiddefinixxi d-disinn tal-arkitettura fiżika tal-komponenti tal-interoperabbiltà inklużi l-infrastrutturi tal-komunikazzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom u l-evoluzzjoni tagħhom fir-rigward tal-infrastrututra ċentrali u tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni sigura, li għandu jiġi adottat mill-Bord ta' Ġestjoni, soġġett għal opinjoni favorevoli tal-Kummissjoni. L-eu-LISA għandha timplimenta wkoll kwalunkwe adattament neċessarju għas-SIS, għall-Eurodac jew għas-sistema [ECRIS-TCN] li jirriżulta mill-istabbiliment tal-interoperabbiltà u previst minn dan ir-Regolament.

   L-eu-LISA għandha tiżviluppa u timplimenta l-komponenti tal-interoperabbiltà mill-aktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-miżuri previsti fl-Artikoli 8(2), 9(7), 28(5) u (6), 37(4), 38(4), 39(5) u 44(5).

L-iżvilupp għandu jikkonsisti fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, fl-ittestjar u fil-koordinazzjoni ġenerali tal-proġett.

4. Matul il-fażi tad-disinn u tal-iżvilupp, għandu jitwaqqaf Bord ta' Ġestjoni tal-Programm li jkun magħmul minn10 membri l-aktar. Dan għandu jkun magħmul minn seba' membri maħtura mill-Bord ta' Ġestjoni tal-eu-LISA minn fost il-membri jew il-membri supplenti tagħha, il-President tal-Grupp Konsultattiv dwar l-Interoperabbiltà msemmi fl-Artikolu 65, membru li jirrappreżenta lill-eu-LISA maħtur mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, u membru wieħed maħtur mill-Kummissjoni. Il-membri maħtura mill-Bord ta' Ġestjoni tal-eu-LISA għandhom jiġu eletti biss minn dawk l-Istati Membri li huma marbuta b'mod sħiħ skont id-dritt tal-Unjoni bl-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw l-iżvilupp, it-twaqqif, it-tħaddim u l-użu tas-sistemi kollha tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-eu-LISA u li se jipparteċipaw fil-komponenti tal-interoperabbiltà.

5. Il-Bord ta' Ġestjoni tal-Programm għandu jiltaqa' regolarment u tal-inqas tliet darbiet kull trimestru. Dan għandu jiżgura l-ġestjoni adegwata tal-fażi tad-disinn u tal-iżvilupp tal-komponenti tal-interoperabbiltà.

Il-Bord ta' Ġestjoni tal-Programm għandu jissottometti ta' kull xahar lill-Bord ta' Ġestjoni rapporti bil-miktub dwar il-progress tal-proġett. Il-Bord ta' Ġestjoni tal-Programm ma għandu jkollu l-ebda setgħa li jieħu deċiżjonijiet u lanqas mandat biex jirrappreżenta lill-membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-eu-LISA.

6. Il-Bord ta' Ġestjoni tal-eu-LISA għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Programm li b'mod partikolari għandhom jinkludu regoli dwar:

(a) il-presidenza;

(b) il-postijiet tal-laqgħat;

(c) it-tħejjija tal-laqgħat;

(d) l-ammissjoni ta' esperti għal-laqgħat;

(e) il-pjanijiet ta' komunikazzjoni biex jiġi żgurat l-għoti tal-informazzjoni kollha lill-Membri mhux parteċipanti tal-Bord ta' Ġestjoni.

Il-presidenza għandha tkun f'idejn Stat Membru li jkun marbut b'mod sħiħ bid-dritt tal-Unjoni permezz tal-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistemi kollha tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-eu-LISA.

L-ispejjeż kollha tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza mġarrba mill-membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Programm għandhom jitħallsu mill-Aġenzija u l-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-eu-LISA għandu japplika *mutatis mutandis*. L-eu-LISA għandha tipprovdi segretarjat lill-Bord ta' Ġestjoni tal-Programm.

Il-Grupp Konsultattiv dwar l-Interoperabbiltà msemmi fl-Artikolu 65 għandu jiltaqa' b'mod regolari sakemm jibdew l-operazzjonijiet tal-komponenti tal-interoperabbiltà. Wara kull laqgħa huwa għandu jirrapporta lill-Bord ta' Ġestjoni tal-Programm. Dan għandu jipprovdi l-għarfien espert tekniku b'appoġġ għall-kompiti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Programm u għandu jsegwi l-istat ta' tħejjija tal-Istati Membri.

Artikolu 53
Responsabilitajiet tal-eu-Lisa wara l-bidu tal-operat

1. Wara l-bidu tal-operat ta' kull komponent tal-interoperabbiltà, l-eu-LISA għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni teknika tal-infrastruttura ċentrali u għall-interfaċċi

uniformi nazzjonali. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri, din għandha tiżgura f'kull ħin l-aħjar teknoloġija disponibbli, soġġetta għal analiżi tal-kostbenefiċċji. L-eu-LISA għandha tkun responsabbli wkoll għall-ġestjoni teknika tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikoli 6, 12, 17, 25 u 39.

Il-ġestjoni teknika tal-komponenti tal-interoperabbiltà għandha tikkonsisti fil-kompiti kollha neċessarji biex il-komponenti tal-interoperabbiltà jiffunzjonaw 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari x-xogħol ta' manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi neċessarji biex ikun żgurat li l-komponenti jiffunzjonaw f'livell sodisfaċenti ta' kwalità teknika, b'mod partikulari fir-rigward tal-ħin tar-rispons għall-interrogazzjoni tal-infrastrutturi ċentrali skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

2. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, l-eu-LISA għandha tapplika regoli adatti ta' segretezza professjonali jew dmirijiet oħra ekwivalenti tal-kunfidenzjalità għall-persunal kollu tagħha li hu meħtieġ jaħdem bid-*data* maħżuna fil-komponenti tal-interoperabbiltà. Dan l-obbligu għandu japplika wkoll wara li dan il-persunal ikun ħalla l-uffiċċju jew l-impjieg jew wara t-tmiem tal-attivitajiet tiegħu.

3. L-eu-LISA għandha tiżviluppa u tmantni mekkaniżmi u proċeduri għat-twettiq tal-verifiki tal-kwalità fuq id-*data* maħżuna fis-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku u fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità f'konformità mal-Artikolu 37.

4. L-eu-LISA għandha twettaq ukoll il-kompiti relatati mal-provvista ta' taħriġ dwar l-użu tekniku tal-komponenti tal-interoperabbiltà.

Artikolu 54

Ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri

1. Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għal:

(a) il-konnessjoni mal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) u tar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR);

(b) l-integrazzjoni tas-sistemi u tal-infrastrutturi nazzjonali eżistenti mal-ESP, mas-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku, mas-CIR u mad-detettur ta' identitajiet multipli;

(c) l-organizzazzjoni, il-ġestjoni, it-tħaddim u l-manutenzjoni tal-infrastruttura nazzjonali eżistenti u tal-konnessjoni tagħha mal-komponenti tal-interoperabbiltà;

(d) il-ġestjoni tal-aċċess u l-arranġamenti għall-aċċess għall-persunal debitament awtorizzat, u mill-persunal mogħti s-setgħa debitament, tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-ESP, għas-CIR u għad-detettur ta' identitajiet multipli f'konformità ma' dan ir-Regolament u l-ħolqien u l-aġġornament regolari ta' lista ta' dawk il-membri tal-persunal u l-profili tagħhom;

(e) l-adozzjoni tal-miżuri leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 20(3) biex jiġi aċċessat is-CIR għall-finijiet ta' identifikazzjoni;

(f) il-verifika manwali ta' identitajiet differenti msemmija fl-Artikolu 29;

(g) l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti dwar il-kwalità tad-*data* fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u fil-komponenti tal-interoperabbiltà;

(h) ir-rimedjar ta' kull nuqqas identifikat fir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni rigward il-kwalità tad-*data* msemmija fl-Artikolu 37(5).

2. Kull Stat Membru għandu jgħaqqad mas-CIR lill-awtoritajiet maħtura tiegħu imsemmija fl-Artikolu 4(24).

Artikolu 54a
Responsabbiltajiet tal-Europol

1. L-Europol għandu jiżgura l-ipproċessar tat-tfittxijiet mill-ESP fid-*data* tal-Europol u għandu jadatta kif xieraq l-interfaċċa tiegħu tas-Sistemi ta' Tfittxija tal-Europol (QUEST) għal *data* b'livell bażiku ta' protezzjoni (BPL).

2. L-Europol għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni tal-persunal debitament awtorizzat, u għall-arranġamenti għal dan, meta jiġi biex juża u jaċċessa rispettivament l-ESP u s-CIR f'konformità ma' dan ir-Regolament u għall-ħolqien u għall-aġġornament regolari ta' lista ta' dak il-persunal u tal-profili tiegħu.

Artikolu 55
Responsabbiltajiet tal-Unità Ċentrali tal-ETIAS

L-Unità Nazzjonali tal-ETIAS għandha tkun responsabbli:

(a) il-verifika manwali ta' identitajiet differenti msemmija fl-Artikolu 29;

(b) għat-twettiq ta' detezzjoni ta' identitajiet multipli bejn id-*data* maħżuna fil-VIS, fil-Eurodac u fis-SIS imsemmija fl-Artikolu 59.

KAPITOLU VIII
Emendi għal strumenti oħra tal-Unjoni

**[*Artikolu 55a*
Emendi fir-Regolament (UE) 2018/XX [ir-Regolament Eurodac]]**

Artikolu 55b
Emendi fir-Regolament (UE) 2018/XX [ir-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi]

Ir-Regolament (UE) 2018/XX huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 3(1) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(q) "ESP" tfisser portal Ewropew ta' tfittxija kif definit fl-[Artikolu 6 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà].

(r) "BMS kondiviż" tfisser servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku kif definit fl-[Artikolu 12 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà].

(s) "CIR" tfisser repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità kif imsemmi fl-[Artikolu 17 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà];

(t) "MID" tfisser id-detettur ta' identitajiet multipli kif definit fl-[Artikolu 25 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà]."

2. L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt (d) li ġej

"(d) infrastruttura ta' komunikazzjoni sigura bejn CS-SIS u l-infrastrutturi Ċentrali tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP) skont l-[Artikolu 6 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà], is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS) stabbilit skont l-[Artikolu 12 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà] u d-detettur ta' identitajiet multipli (MID) stabbilit skont l-[Artikolu 25 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà]".

(b) jiżdiedu l-paragrafi 6 u 7 li ġejjin:

"6. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi minn (1) sa (5) ta' dan l-Artikolu, id-*data* tas-SIS dwar persuni u dokumenti tal-identità tista' wkoll tiġi mfittxija permezz tal-ESP."

7. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi minn (1) sa (5) ta' dan l-Artikolu, id-*data* tas-SIS dwar persuni u dokumenti tal-identità tista' wkoll tiġi trażmessa permezz tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni sigura li hemm referenza għaliha fil-paragrafu (1) il-punt (d) ta' dan l-Artikolu. Dawn it-trażmissjonijiet għandhom jiġu limitati sal-punt li tkun meħtieġa d-*data* għall-funzjonalitajiet imsemmija fir-[Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà]."

3. Fl-Artikolu 7, jiżdied il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. L-Uffiċċju SIRENE għandu jiżgura wkoll il-verifika ta' identitajiet differenti skont [l-Artikolu 29 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà]. L-Uffiċċji SIRENE, sa fejn ikun meħtieġ biex iwettqu dan il-kompitu, għandu jkollhom aċċess biex jikkonsulta d-*data* maħżuna fis-CIR għall-finijiet stabbiliti fl-[Artikolu 21 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà]."

4. Fl-Artikolu 8, jitħassar il-paragrafu 4.

5. Fl-Artikolu 12, jiżdied il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull aċċess għad-*data* personali permezz tal-ESP jkun rreġistrat bil-għan li jiġi vverifikat jekk it-tfittxija kinitx skont il-liġi jew le, filwaqt li jiġu monitorjati l-legalità tal-ipproċessar tad-*data*, l-awtomonitoraġġ, l-integrità tad-*data* u s-sigurtà."

6. Fl-Artikolu 43(1), jiżdied il-punt (g) li ġej:

"(g) jiġu vverifikati l-identitajiet differenti u l-ġlieda kontra l-frodi tal-identità skont il-[Kapitolu V tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà]."

7. Fl-Artikolu 71, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Għall-finijiet tal-paragrafi 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 15(5), l-Aġenzija għandha taħżen id-*data* msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 15(5) li ma għandux jippermetti l-identifikazzjoni ta' individwi fir-repożitorju ċentrali għar-rappurtar u l-istatistika msemmija fl-[Artikolu 39 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà].

L-Aġenzija għandha tippermetti lill-Kummissjoni u lill-aġenziji msemmija fil-paragrafu 5 biex jiksbu rapporti u statistiki personalizzati. Fuq talba, l-Aġenzija għandha tagħti aċċess lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, lill-Europol u lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għar-repożitorju ċentrali skont l-[Artikolu 39 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà]."

Artikolu 55c
Emendi fir-Regolament (UE) 2018/XX [ir-Regolament dwar l-ECRIS-TCN]

Ir-Regolament (UE) 2018/XX [ir-Regolament dwar l-ECRIS-TCN] huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, jiżdied il-punt li ġej:

"(c) il-kundizzjonijiet li taħthom is-sistema ECRIS-TCN tikkontribwixxi biex tiġi ffaċilitata u assistita l-identifikazzjoni korretta ta' persuni rreġistrati fis-sistema ECRIS-TCN skont il-kundizzjonijiet u l-għanijiet aħħarija msemmija fl-[Artikolu 20 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà], billi jinħażnu l-identità, id-dokumenti tal-ivvjaġġar u d-*data* bijometrika fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) stabbilit permezz tal-[Artikolu 17 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà]."

2. L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika għall-ipproċessar ta' informazzjoni dwar l-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew suġġetti għal kundanni fi Stati Membri, bil-għan li jiġu identifikati l-Istati Membri fejn ngħataw dawn il-kundanni, kif ukoll sabiex tiġi ffaċilitata u assistita l-identifikazzjoni korretta ta' persuni."

3. L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

4. (a) Il-punti li ġejjin jiżdiedu mal-Artikolu 3:

"(q) "CIR" tfisser ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità kif definit fl-[Artikolu 4(35) tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà];

(r) "*data* tal-ECRIS-TCN" tfisser id-*data* kollha maħżuna fis-Sistema Ċentrali tal-ECRIS-TCN u fis-CIR f'konformità mal-Artikolu 5."

(b) fil-punt (n) il-kliem "Sistema Ċentrali" huma sostitwiti bil-kliem "Sistema ECRIS-TCN Ċentrali u s-CIR".

5. L-Artikolu 4(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) kif imsemmi fl-[Artikolu 17(2)(a) tar-

Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà];"

(b) jiddaħħal il-punt (ab) li ġej:

(ab) Sistema Ċentrali (Sistema ECRIS-TCN Ċentrali);"

(c) jiżdied dan il-punt (e) li ġej:

"(e) infrastruttura ta' komunikazzjoni sigura bejn is-Sistema ECRIS-TCN Ċentrali u l-infrastrutturi ċentrali tal-portal Ewropew tat-tfittxija stabbiliti mill-[Artikolu 6 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà], is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku stabbilit mill-[Artikolu 12 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà], is-CIR stabbilit mill-[Artikolu 17 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà] u d-detettur ta' identitajiet multipli stabbilit mill-[Artikolu 25 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà]."

6. Fl-Artikolu 5, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Is-CIR għandu jkollu d-*data* msemmija fl-Artikolu 5(1)(b) u 5(2) u d-*data* li ġejja tal-Artikolu 5(1)(a): il-kunjom (isem tal-familja); l-isem/l-ismijiet (isem/ismijiet mogħti(ja)); id-data tat-twelid; il-post tat-twelid (belt u pajjiż); in-nazzjonalità jew in-nazzjonalitajiet; il-ġeneru; it-tip u n-numru tad-dokument/i tal-ivvjaġġar tal-persuna, kif ukoll isem l-awtorità tal-ħruġ tiegħu/tagħhom; u fejn applikabbli l-ismijiet preċedenti, il-laqmijiet u/jew il-psewdonimu/psewdonimi. Il-bqija tad-*data* tal-ECRIS-TCN għandha tinħażen fis-Sistema ECRIS-TCN Ċentrali."

7. Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Malli jiskadi l-perjodu ta' żamma msemmi fil-paragrafu 1, l-awtorità ċentrali tal-Istat Membru li jikkundanna għandha tħassar ir-reġistrazzjoni tad-*data*, inkluż kwalunkwe marka tas-swaba' u immaġni tal-wiċċ mingħajr dewmien żejjed mis-Sistema ECRIS-TCN Ċentrali u mis-CIR"

8. Fl-Artikolu 9, fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4, il-kliem "Sistema Ċentrali" huma sostitwiti bil-kliem "is-Sistema ECRIS-TCN Ċentrali u s-CIR".

9. Fl-Artikolu 12(2) il-kliem "Sistema Ċentrali" huma sostitwiti bil-kliem "is-Sistema ECRIS-TCN Ċentrali u s-CIR".

10. Fl-Artikolu 13, fil-paragrafi 2 u 3, il-kliem "Sistema Ċentrali" huma sostitwiti bil-kliem "is-Sistema ECRIS-TCN Ċentrali u s-CIR".

11. Fl-Artikolu 21(2) il-kliem "Sistema Ċentrali" huma sostitwiti bil-kliem "is-Sistema ECRIS-TCN Ċentrali u s-CIR".

12. L-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 jinbidel b'li ġej:

"1. Id-*data* inkluża fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR għandha tkun ipproċessata biss għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-Istat(i) Membru/i li jkollu/jkollhom informazzjoni dwar ir-rekords kriminali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll biex tiffaċilita u tassisti fl-identifikazzjoni korretta ta' persuni rreġistrati fl-ECRIS-TCN."

(b) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. L-aċċess għall-konsultazzjoni tad-*data* tal-ECRIS-TCN maħżuna fis-CIR għandu jiġi rriżervat b'mod esklużiv għall-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali ta' kull Stat Membru u għall-persunal debitament awtorizzat tal-korpi tal-Unjoni li jkunu kompetenti għall-finijiet stabbiliti fl-[Artikolu 20 u fl-Artikolu 21 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà]. Dan l-aċċess għandu jkun limitat sal-punt neċessarju għat-twettiq tal-kompiti ta' dawn l-awtoritajiet nazzjonali u tal-korpi tal-Unjoni f'konformità ma' dawn il-finijiet, u għandu jkun proporzjonat għall-għanijiet li jridu jintlaħqu."

13. L-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-fini tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-eu-LISA għandha taħżen id-*data* msemmija fil-paragrafu 1 fir-repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistiki msemmija fl-[Artikolu 39 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà]."

(b) Il-paragrafu 3 jitħassar.

14. Fl-Artikolu 31(1) il-kliem "Sistema Ċentrali" huma sostitwiti bil-kliem "is-Sistema ECRIS-TCN Ċentrali u s-CIR".

15. Fl-Artikolu 38(2) il-kliem "Sistema Ċentrali" huma sostitwiti bil-kliem "is-Sistema ECRIS-TCN Ċentrali u s-CIR".

Artikolu 55d
Emendi fir-Regolament (UE) 2018/XX [ir-Regolament dwar l-eu-LISA]

Ir-Regolament (UE) 2018/XX (eu-LISA) huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 8 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 8
Il-kwalità tad-data

1. L-eu-LISA għandha tistabbilixxi għas-sistemi kollha taħt ir-responsabbiltà operazzjonali tagħha mekkaniżmi u proċeduri awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* kif ukoll indikaturi komuni tal-kwalità tad-*data* u standards minimi tal-kwalità għall-ħżin tad-*data*, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-istrumenti tas-sistemi u tal-[Artikolu 37 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà].

2. L-eu-LISA għandha tistabbilixxi repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistika skont [l-Artikolu 39 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà]."

2. L-Artikolu 9 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 9
interoperabbiltà

Meta l-interoperabbiltà ta' sistema fuq skala kbira tal-IT tkun ġiet stipulata fi strument leġiżlattiv relevanti, l-Aġenzija għandha tiżviluppa l-azzjonijiet meħtieġa mogħtija lilha minn dawn l-istrumenti leġiżlattivi sabiex isseħħ din l-interoperabbiltà."

3. L-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) jiddaħħal il-punt (eea) li ġej:

"(eea) Tadotta r-rapporti dwar l-istat attwali tal-iżvilupp tal-komponenti ta' interoperabbiltà skont [l-Artikolu 68(2) tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà]."

(ii) il-punt (ff) jinbidel b'dan li ġej:

"(ff) tadotta r-rapporti dwar il-funzjonament tekniku tas-SIS II skont l-Artikolu 50(4) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 66(4) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI rispettivament [jew l-Artikolu 54(7) tar-Regolament 2018/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fil-fruntieri, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 71(7) tar-Regolament 2018/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE], tal-VIS skont l-Artikolu 50(3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-

Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI, tal-EES skont l-Artikolu 72(4) tar-Regolament (UE) 2017/2226, tal-ETIAS skont l-Artikolu 81(4) tar-Regolament (UE) 2018/XX dwar is-sistema ECRIS-TCN u l-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS skont l-Artikolu 34(4) tar-Regolament (UE) 2018/XX] u tal-komponenti ta' interoperabbiltà skont [l-Artikolu 68(4) tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà];"

(iii) il-punt (hh) jinbidel b'dan li ġej:

"(hh) tadotta kummenti formali dwar ir-rapporti tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar l-awditi skont l-Artikolu 45(2) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006, l-Artikolu 42(2) tar-Regolament (KE) Nru767/2008 u l-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013, l-Artikolu 56(2) tar-Regolament (UE) 2017/2226, u [l-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) 2018/XX (li jistabbilixxi l-ETIAS)] u [l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) 2018/XX (li jistabbilixxi s-sistema ECRIS-TCN)] u [l-Artikolu 50 tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà] u tiżgura li jsir segwitu xieraq ta' dawn l-awditi;"

4. Fl-Artikolu 19 il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'li ġej:

"4. L-Europol u l-Eurojust jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservaturi meta fuq l-aġenda jkun hemm kwistjoni li tikkonċerna s-SIS II, fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI. [L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tista' tattendi l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservatur meta fuq l-aġenda jkun hemm kwistjoni dwar is-SIS fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1624]. L-Europol jista' jattendi wkoll għal-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservatur meta fuq l-aġenda jkun hemm kwistjoni dwar il-VIS, fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI, jew jkun hemm kwistjoni li tikkonċerna l-Eurodac, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 603/2013. L-Europol jista' jattendi wkoll il-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija bħala osservatur meta fuq l-aġenda jkun hemm kwistjoni li tikkonċerna lill-EES fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2226 jew meta jkun hemm kwistjoni dwar l-ETIAS fir-rigward tar-Regolament 2018/XX (li jistabbilixxi l-ETIAS). L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tista' tattendi wkoll il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservatur meta fuq l-aġenda jkun hemm kwistjoni dwar l-ETIAS fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament 2018/XX (li jistabbilixxi l-ETIAS).] [L-EASO jista' jattendi wkoll il-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija bħala osservatur meta fuq l-aġenda jkun hemm kwistjoni dwar is-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna apolida (riformulazzjoni) COM(2016) 270 final 2016/0133(COD).] [Eurojust, Europol [l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew] jistgħu jattendu wkoll il-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija bħala osservaturi meta fuq l-aġenda jkun hemm kwistjoni li tirrigwarda r-Regolament 2018/XX (li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni tal-Istat Membru li jkollu informazzjoni dwar il-kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni apolidi (TCN), sabiex jiġu ssupplimentati u appoġġati s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS), u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (is-Sistema ECRIS-TCN)).] Europol, Eurojust u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jistgħu jattendu wkoll il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservaturi meta fuq l-aġenda jkun hemm kwistjoni li tirrigwarda [r-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà]. Il-Bord ta' Tmexxija jista' jistieden lil kwalunkwe persuna oħra, li l-

opinjoni tagħha tista' tkun ta' interess, sabiex tattendi l-laqgħat tiegħu bħala osservatur."

5. Fl-Artikolu 21(3), il-punt (o) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(o) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' kunfidenzjalità bl-għan li jkun hemm konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006, mal-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, mal-Artikolu 26(9) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013; L-Artikolu 37(4) tar-Regolament 2017/2226, [l-Artikolu 64(2) tar-Regolament 2018/XX (li jistabbilixxi l-ETIAS)], [l-Artikolu 11(16) tar-Regolament 2018/XX (li jistabbilixxi s-sistema ECRIS-TCN)] u [l-Artikolu 53(2) tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà];"

6. L-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, jiddaħħal il-punt (ea) li ġej:

"(ea) Grupp Konsultattiv dwar l-Interoperabbiltà;"

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Europol u l-Eurojust u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jistgħu jaħtru rappreżentant kull wieħed fil-Grupp Konsultattiv tas-SIS II. L-Europol jista' jaħtar ukoll rappreżentant fil-Gruppi Konsultattivi tal-VIS, tal-Eurodac u tal-EES-[ETIAS]. L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tista' taħtar ukoll rappreżentant fil-Grupp Konsultattiv tal-EES-[ETIAS]. [Eurojust, Europol, u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew] jistgħu jaħtru wkoll rappreżentant fil-Grupp Konsultattiv tas-Sistema ECRIS-TCN.] L-Europol, l-Eurojust u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jistgħu jaħtru rappreżentant kull wieħed fil-Grupp Konsultattiv dwar l-Interoperabbiltà."

KAPITOLU IX
Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 56
Rappurtar u statistiki

1. Il-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tal-eu-LISA għandu jkollu aċċess biex jikkonsulta d-*data* li ġejja relatata mal-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP), esklużivament għall-finijiet tar-rappurtar u tal-istatistiki mingħajr ma jkunu jistgħu jiġu identifikati individwi:

   (a) in-numru ta' tfittxijiet għal kull utent tal-profil tal-ESP;

   (b) – (mhux applikabbli).

2. Il-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tal-eu-LISA għandu jkollu aċċess biex jikkonsulta d-*data* li ġejja relatata mar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità, esklużivament għall-finijiet tar-rappurtar u tal-istatistiki mingħajr ma sseħħ l-identifikazzjoni individwali:

   (a) l-għadd ta' tfittxijiet għall-finijiet tal-Artikoli 20, 21 u 22;

   (b) in-nazzjonalità, is-sess u s-sena tat-twelid tal-persuna;

(c) it-tip ta' dokument tal-ivvjaġġar u l-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż emittenti;

(d) in-numru ta' tfittxijiet magħmula b'*data* bijometrika u mingħajrha.

3. Il-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tal-eu-LISA għandu jkollu aċċess biex jikkonsulta d-*data* li ġejja relatata mad-detettur ta' identitajiet multipli, esklużivament għall-finijiet tar-rappurtar u tal-istatistiki mingħajr ma sseħħ l-identifikazzjoni individwali:

(a) in-nazzjonalità, is-sess u s-sena tat-twelid tal-persuna;

(a) it-tip ta' dokument tal-ivvjaġġar u l-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż emittenti;

(b) l-għadd ta' tfittxijiet magħmula b'*data* bijometrika u mingħajrha;

(c) in-numru ta' kull tip ta' link.

4. Il-persunal debitament awtorizzat tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta stabbilit bir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65] għandu jkollu aċċess biex jikkonsulta d-*data* msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 għall-finijiet ta' twettiq ta' analiżi tar-riskju u ta' valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà kif imsemmija fl-Artikoli 11 u 13 ta' dan ir-Regolament.

5. Għall-fini tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-eu-LISA għandha taħżen id-*data* msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fir-repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistiki msemmija fil-Kapitolu VII ta' dan ir-Regolament. Id-*data* inkluża fir-repożitorju m'għandhiex tippermetti li jiġu identifikati individwi, iżda għandha tippermetti lill-awtoritajiet elenkati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jiksbu rapporti u statistiki personalizzabbli biex isaħħu l-effiċjenza tal-verifiki fil-fruntieri, biex jgħinu lill-awtoritajiet fl-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal viża u biex jappoġġaw it-tfassil tal-politiki fuq il-bażi tal-evidenza dwar il-migrazzjoni u s-sigurtà fl-Unjoni.

Artikolu 57

Perjodu tranżitorju għall-użu tal-portal Ewropew tat-tfittxija

Għal perjodu ta' sentejn mid-data li fiha jibda jopera l-ESP, l-obbligi msemmija fl-Artikolu 7(2) u (4) m'għandhomx japplikaw u l-użu tal-ESP għandu jkun fakultattiv.

Artikolu 58

Perjodu tranżitorju applikabbli għad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi

L-Artikolu 22 għandu japplika mid-data tal-bidu tal-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 62(1).

Artikolu 59

Perjodu tranżitorju għad-detezzjoni ta' identitajiet multipli

1. Għal perjodu ta' sena wara n-notifika mill-eu-LISA tat-tlestija tat-test imsemmi fl-Artikolu 62(1)(b) rigward id-detettur ta' identitajiet multipli (MID) u qabel ma jibda jopera l-MID, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS kif imsemmija fl-[Artikolu 33(a) tar-Regolament (UE) 2016/1624] għandha tkun responsabbli għat-twettiq ta' detezzjoni

[65] Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

ta' identitajiet multipli bejn id-*data* maħżuna fil-VIS, fil-Eurodac u fis-SIS. Id-detezzjonijiet ta' identitajiet multipli għandhom jitwettqu billi tintuża biss *data* bijometrika f'konformità mal-Artikolu 27(2) ta' dan ir-Regolament.

2. Meta t-tfittxija tirrapporta hit waħda jew aktar u d-*data* tal-identità tal-fajls illinkjati tkun identika jew simili, għandha tinħoloq link bajda f'konformità mal-Artikolu 33.

Meta t-tfittxija tirrapporta hit waħda jew aktar u d-*data* tal-identità tal-fajls illinkjati ma tkunx tista' titqies bħala simili, għandha tinħoloq link safra f'konformità mal-Artikolu 30 u għandha tkun tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 29.

Meta jiġu rrapportati diversi hits, għandha tinħoloq link għal kull *data* li twassal għall-hit.

3. Meta tinħoloq link safra f'konformità mal-paragrafu 3, l-MID għandu jagħti aċċess għad-*data* tal-identità preżenti fis-sistemi ta' informazzjoni differenti lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS.

4. Meta tinħoloq link għal twissija fis-SIS, għajr twissija ta' rifjut ta' dħul jew twissija fuq dokument tal-ivvjaġġar irrapportat mitluf, misruq jew invalidat f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-verifiki fil-fruntieri u mal-Artikolu 38 tar-Regolament dwar is-SIS fil-qasam tal-infurzar tal-liġi rispettivament, l-MID għandu jagħti aċċess għad-*data* tal-identità preżenti fis-sistemi ta' informazzjoni differenti lill-Uffiċċju SIRENE tal-Istat Membru li ħoloq it-twissija.

5. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS jew l-Uffiċċju SIRENE tal-Istat Membru li ħolqu t-twissija għandu jkollhom aċċess għad-*data* li tinsab fil-fajl ta' konferma tal-identità u għandhom jivvalutaw l-identitajiet differenti u għandhom jaġġornaw il-link f'konformità mal-Artikoli 31, 32 u 33 u jżiduha mal-fajl ta' konferma tal-identità.

6. L-eu-LISA għandha tassisti fejn ikun hemm bżonn lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS fit-twettiq tad-detezzjoni ta' identitajiet multipli msemmija f'dan l-Artikolu.

Artikolu 60
Kostijiet

1. Il-kostijiet imġarrba b'rabta mal-istabbiliment u mat-tħaddim tal-ESP, tas-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku, tar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) u tal-MID għandhom jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

2. Il-kostijiet imġarrba b'rabta mal-integrazzjoni tal-infrastrutturi nazzjonali eżistenti u mal-konnessjoni tagħhom mal-interfaċċi uniformi nazzjonali kif ukoll b'rabta mall-ospitar tal-interfaċċi uniformi nazzjonali għandhom jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Il-kostijiet li ġejjin għandhom ikunu esklużi:

(a) l-uffiċċju tal-Istati Membri għall-ġestjoni tal-proġetti (laqgħat, missjonijiet, uffiċċji);

(b) l-ospitar ta' sistemi tal-IT nazzjonali (spazju, implimentazzjoni, elettriku, tkessiħ);

(c) l-operazzjoni ta' sistemi tal-IT nazzjonali (kuntratti tal-operaturi u ta' appoġġ);

(d) id-disinn, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, it-tħaddim u l-manutenzjoni ta' netwerks nazzjonali ta' komunikazzjoni.

3. Il-kostijiet imġarrba mill-awtoritajiet maħtura kif imsemmija fl-Artikolu 4(24) għandhom jiġġarrbu, rispettivament, minn kull Stat Membru u mill-Europol, rispettivament. Il-kostijiet għall-konnessjoni tal-awtoritajiet maħtura mas-CIR għandhom jiġġarrbu minn kull Stat Membru u mill-Europol, rispettivament.

Artikolu 61

Notifiki

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-eu-LISA dwar l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikoli 7, 20, 21 u 26 li jistgħu jużaw jew ikollhom aċċess għall-ESP, għas-CIR u għall-MID rispettivament.

Lista konsolidata ta' dawn l-awtoritajiet għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fi żmien tliet xhur mid-data li fiha kull komponent tal-interoperabbiltà jkun beda bl-operat tiegħu f'konformità mal-Artikolu 62. Jekk ikun hemm emendi għal-lista, l-eu-LISA għandha tippubblika lista konsolidata aġġornata darba fis-sena.

2. L-eu-LISA għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar it-tlestija b'suċċess tat-test imsemmi fl-Artikolu 62(1)(b).

3. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar it-tlestija b'suċċess tal-miżura tranżitorja msemmija fl-Artikolu 59.

4. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri u tal-pubbliku, billi taġġorna b'mod kostanti s-sit web pubbliku, l-informazzjoni nnotifikata skont il-paragrafu 1.

Artikolu 62

Bidu tal-operazzjonijiet

1. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi d-data minn meta kull komponent tal-interoperabbiltà għandu jibda jitħaddem, wara li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu ġew adottati l-miżuri msemmija fl-Artikoli 8(2), 9(7), 28(5) u (6), 37(4), 38(4), 39(5) u 44(5);

(b) l-eu-LISA tkun iddikjarat it-tlestija b'suċċess ta' test komprensiv tal-komponenti tal-interoperabbiltà rilevanti, li għandu jsir mill-eu-LISA f'kooperazzjoni mal-Istati Membri;

(c) l-eu-LISA tkun ivvalidat l-arranġamenti tekniċi u legali biex tiġbor u tibgħat id-*data* msemmija fl-Artikoli 8(1), 13, 19, 34 u 39 u tkun innotifikathom lill-Kummissjoni;

(d) l-Istati Membri jkunu nnotifikaw lill-Kummissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 61(1);

(e) għad-detettur ta' identitajiet multipli, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS tkun innotifikat lill-Kummissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 61(3).

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-riżultati tat-test imwettaq skont il-paragrafu 1(b).

3. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

4. L-Istati Membri u l-Europol għandhom jibdew jużaw il-komponenti tal-interoperabbiltà mid-data ddeterminata mill-Kummissjoni f’konformità mal-paragrafu 1.

Artikolu 63
Eżerċitar tad-delega

1. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l- Artikolu.

2. Is-setgħa għall-adozzjoni ta’ atti delegati msemmija fl-Artikoli 8(2) u 9(7) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ żmien indeterminat mid-[*data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament*].

3. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 8(2) u 9(7) tista’ tiġi rrevokata f’kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f’data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti magħżula minn kull Stat Membru f’konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta’ April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 8(2) u 9(7) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien [xahrejn] min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b’ [xahrejn] fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 64
Proċedura ta’ kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn kumitat. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 65
Grupp konsultattiv

Għandu jiġi stabbilit Grupp Konsultattiv mill-eu-LISA biex jipprovdilha l-għarfien espert relatat mal-interoperabbiltà b’mod partikolari fil-kuntest tat-tħejjija tal-programm ta’ ħidma annwali tagħha u tar-rapport annwali tal-attività tagħha. Matul il-fażi tad-disinn u tal-iżvilupp tal-istrumenti tal-interoperabbiltà, għandu jkun japplika l-Artikolu 52 minn (4) sa (6).

Artikolu 66
Taħriġ

L-eu-LISA għandha twettaq il-kompiti relatati mal-provvista ta' taħriġ dwar l-użu tekniku tal-komponenti tal-interoperabbiltà f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1077/2011.

Artikolu 67
Manwal prattiku

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, mal-eu-LISA u ma' aġenziji rilevanti oħra, għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni manwal prattiku għall-implimentazzjoni u għall-ġestjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà. Il-manwal prattiku għandu jipprovdi linji gwida tekniċi u operazzjonali, rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-manwal prattiku fil-forma ta' rakkomandazzjoni.

Artikolu 68
Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

1. L-eu-LISA għandha tiżgura li jkun hemm proċeduri fis-seħħ biex jiġi ssorveljat l-iżvilupp tal-komponenti tal-interoperabbiltà fid-dawl tal-għanijiet relatati mal-ippjanar u mal-ispejjeż u li jiġi ssorveljat il-funzjonament tal-komponenti tal-interoperabbiltà fid-dawl tal-għanijiet relatati mar-rendiment tekniku, mal-kosteffettività, mas-sigurtà u mal-kwalità tas-servizz.

2. Sa [*Sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament* — OPOCE, jekk jogħġbok issostitwixxi bid-*data* reali] u kull sitt xhur wara dan matul il-fażi tal-iżvilupp tal-komponenti tal-interoperabbiltà, l-eu-LISA għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tal-iżvilupp tal-komponenti ta' interoperabbiltà. Ladarba jiġi finalizzat l-iżvilupp, għandu jiġi ppreżentat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jispjega fid-dettall kif ikunu intlaħqu l-għanijiet, b'mod partikolari dawk marbuta mal-ippjanar u mal-ispejjeż, kif ukoll ġustifikazzjoni għal kull diverġenza.

3. Għall-finijiet tal-manutenzjoni teknika, l-eu-LISA għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni neċessarja relatata mal-operazzjonijiet ta' proċessar ta' *data* mwettqa fil-komponenti tal-interoperabbiltà.

4. Erba' snin wara li kull komponent tal-interoperabbiltà jkun beda jopera u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem, l-eu-LISA għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport dwar il-funzjonament tekniku tal-komponenti tal-interoperabbiltà, inkluża s-sigurtà tagħhom.

5. Barra minn hekk, sena wara kull rapport mill-eu-LISA, il-Kummissjoni għandha tipproduċi evalwazzjoni ġenerali tal-komponenti, inklużi:

   (a) valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

   (b) eżami tar-riżultati miksuba meta mqabbla mal-għanijiet u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali;

   (c) valutazzjoni tal-validità kontinwa tar-raġunament li fuqu huma msejsa l-komponenti tal-interoperabbiltà;

   (d) valutazzjoni tas-sigurtà tal-komponenti tal-interoperabbiltà;

   (e) valutazzjoni ta' kull implikazzjoni, inkluż kull impatt sproporzjonat fuq il-fluss tat-traffiku f'punti ta' qsim tal-fruntieri u dawk l-implikazzjonijiet b'impatt

baġitarju fuq il-baġit tal-Unjoni.

L-evalwazzjonijiet għandhom jinkludu kwalunkwe rakkomandazzjoni meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali stabbilita permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007[66].

6. L-Istati Membri u l-Europol għandhom jipprovdu lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni neċessarja biex jabbozzaw ir-rapporti msemmijin fil-paragrafi 4 u 5. Din l-informazzjoni ma għandhiex tipperikola l-metodi ta' ħidma u lanqas ma għandha tinkludi informazzjoni li tiżvela s-sorsi, il-membri tal-persunal jew l-investigazzjonijiet tal-awtoritajiet maħtura.

7. L-eu-LISA għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex tipproduċi l-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5.

8. Filwaqt li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni sensittiva, kull Stat Membru u l-Europol għandhom iħejju rapporti annwali dwar l-effettività tal-aċċess għad-*data* maħżuna fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, li jkun fiha informazzjoni u statistiki dwar:

(a) l-iskop preċiż tal-konsultazzjoni inkluż it-tip ta' reat terroristiku jew ta' reat kriminali serju;

(b) il-motivazzjonijiet raġonevoli mogħtija għas-suspett sostanzjat li l-persuna suspettata, l-awtur jew il-vittma jkunu koperti mir-Regolament Eurodac;

(c) l-għadd ta' talbiet għall-aċċess għar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi;

(d) l-għadd u t-tip ta' każijiet li rriżultaw f'identifikazzjonijiet pożittivi;

(e) il-ħtieġa u l-użu magħmul mill-każ eċċezzjonali ta' urġenza inklużi dawk il-każijiet li fihom dik l-urġenza ma ġietx aċċettata mill-verifika *ex post* magħmula mill-punt ta' aċċess ċentrali.

Ir-rapporti annwali tal-Istati Membri u tal-Europol għandhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

Artikolu 69
Id-dħul fis-seħħ u l-applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

66 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1).

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva

1.2. Qasam / oqsma ta' politika kkonċernat/i

1.3. Natura tal-proposta / tal-inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva

1.6. Durata u impatt finanzjarju

1.7. Mod/i ta' ġestjoni ppjanat/i

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwati

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni.

1.2. Qasam / oqsma ta' politika kkonċernat/i

Affarijiet Interni (titolu 18)

1.3. Natura tal-proposta / tal-inizjattiva

X Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta / l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota / azzjoni preparatorja**[67]

☐ Il-proposta / l-inizjattiva hija dwar **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar**azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/iċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta / tal-inizjattiva

Il-ġestjoni tal-fruntieri – is-salvataġġ ta' persuni u s-sigurtà fil-fruntieri esterni

Il-komponenti tal-interoperabbiltà joħolqu l-opportunità għal użu aħjar tal-informazzjoni li tinsab fis-sistemi eżistenti tal-UE għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni. Dawn il-miżuri primarjament jevitaw li l-istess persuna tiġi rreġistrata f'sistemi differenti b'identitajiet differenti. Bħalissa, l-identifikazzjoni unika ta' persuna hi possibbli fi ħdan sistema partikolari iżda mhux bejn sistemi differenti. Din tista' twassal għal deċiżjonijiet żbaljati mill-awtoritajiet jew, inkella, tintuża minn vjaġġaturi *male fide* biex jaħbu l-identità vera tagħhom.

Skambju aħjar ta' informazzjoni

Il-miżuri proposti jipprovdu wkoll aċċess issimplifikat iżda xorta waħda delimitat tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi għal din id-*data*. Iżda, għall-kuntrarju tal-lum, fihom hemm sett uniku wieħed ta' kundizzjonijiet minflok sett differenti għall-aċċessar ta' kull ġabra ta' *data*.

1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi u Għan speċifiku Nru [ ]

L-istabbiliment tal-komponenti tal-interoperabbiltà għandu l-għanijiet ġenerali li ġejjin:

(f) li jtejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni;

(g) li jikkontribwixxi għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari; kif ukoll

[67] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

(h) li jikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà fi ħdan l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-Unjoni inklużi ż-żamma tas-sigurtà pubblika u tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà fit-territorji tal-Istati Membri.

L-għanijiet ta' żgurar tal-interoperabbiltà għandhom jintlaħqu billi:

(a) tiġi żgurata l-identifikazzjoni korretta tal-persuni;

(b) jingħata kkontribut għall-ġlieda kontra l-frodi tal-identità;

(c) jittejbu u jiġu armonizzati r-rekwiżiti relatati mal-kwalità tad-*data* tas-sistemi ta' informazzjoni rispettivi tal-UE;

(d) tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni teknika u operazzjonali mill-Istati Membri tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti u futuri tal-UE;

(e) jissaħħu u jiġu ssimplifikati u jiġu allinjati aħjar il-kundizzjonijiet relatati mas-sigurtà tad-*data* u mal-protezzjoni tad-*data* li jirregolaw is-sistemi ta' informazzjoni rispettivi tal-UE;

(f) isiru aktar sempliċi u uniformi l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-EES, għall-VIS, għall-ETIAS u għall-Eurodac;

(g) jingħata appoġġ għall-finijiet tal-EES, tal-VIS, tal-ETIAS, tal-Eurodac, tas-SIS u tas-Sistema ECRIS-TCN

Attività/Attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

Kapitolu Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet: Sigurtà Interna

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta / l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji / il-gruppi fil-mira.

L-għanijiet ġenerali ta' din l-inizjattiva jirriżultaw miż-żewġ għanijiet ibbażati fuq it-Trattat:

1. Li ttejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni ta' Schengen, filwaqt li tibni fuq l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-komunikazzjonijiet sussegwenti, inkluża l-Komunikazzjoni dwar il-preservazzjoni u t-tisħiħ taż-żona Schengen.

2. Li tikkontribwixxi għas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li tibni fuq l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà u l-ħidma tal-Kummissjoni biex titwitta t-triq lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina.

L-għanijiet speċifiċi tal-politika ta' din l-inizjattiva ta' interoperabbiltà huma:

L-għanijiet speċifiċi tal-inizjattiva huma li:

1. tiżgura li l-utenti finali, b'mod partikolari l-gwardji tal-fruntiera, l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, l-uffiċjali tal-immigrazzjoni u l-awtoritajiet ġudizzjarji jkollhom aċċess veloċi, mingħajr intoppi, sistematiku u kkontrollat għall-informazzjoni li jeħtieġu biex iwettqu l-kompiti tagħhom;

2. tipprovdi soluzzjoni għad-detezzjoni ta' identitajiet multipli marbuta mal-istess sett ta' *data* bijometrika, bl-iskop doppju ta' żgurar tal-identifikazzjoni korretta ta' persuni *bona fide* u tal-ġlieda kontra l-frodi tal-identità;

3. tiffaċilita l-kontrolli tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, fit-territorju ta' Stat Membru, mill-awtoritajiet tal-pulizija; kif ukoll

4. l-iffaċilitar u l-issimplifikar tal-aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għas-sistemi ta' informazzjoni li mhumiex tal-infurzar tal-liġi fil-livell tal-UE, fejn dan ikun meħtieġ, għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' delitti serji u terroriżmu.

Biex jintlaħaq l-għan speċifiku 1, se jiġi żviluppat il-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP).

Biex jintlaħaq l-għan speċifiku 2, se jiġi implimentat id-detettur ta' identitajiet multipli (MID), sostnut mir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) u mis-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS kondiviż).

Biex jintlaħaq l-għan speċifiku 3, l-uffiċjali awtorizzati se jingħataw aċċess għas-CIR għall-fini ta' identifikazzjoni.

Biex jintlaħaq l-għan 4, is-CIR se jkun fih funzjonalità ta' indikatur hit/ no-hit li se jippermetti li jitħaddem approċċ maqsum fuq żewġ stadji għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi għas-sistemi ta' ġestjoni tal-fruntieri.

Minbarra dawn l-erba' komponenti tal-interoperabbiltà, l-għanijiet deskritti fit-taqsima 1.4.2 se jiġu sostnuti wkoll bl-istabbiliment u bil-governanza tal-Format Universali ta' Messaġġ (UMF) bħala standard tal-UE għall-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, u bl-istabbiliment ta' repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistiki (CRRS).

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

Kull waħda mill-miżuri proposti teħtieġ l-iżvilupp, segwit mill-manutenzjoni u mill-operazzjonijiet, ta' dak il-komponent.

Matul l-iżvilupp

L-iżvilupp ta' kull komponent se jsir ladarba jiġu ssodisfati l-prerekwiżiti, jiġifieri l-proposta legali tiġi adottata mill-koleġiżlaturi u l-prerekwiżiti tekniċi jiġu ssodisfati, peress li wħud mill-komponenti jistgħu jinbnew biss ladarba jkun hemm ieħor disponibbli.

Għan speċifiku: lest għall-operazzjonijiet sad-data ta' maturità fil-mira

Sa tmiem l-2017, il-proposta tintbagħat lill-koleġiżlaturi għall-adozzjoni minnhom. Qed issir is-suppożizzjoni li l-proċess ta' adozzjoni se jitlesta sal-2018 b'analoġija għaż-żmien meħud għal proposti oħra.

Skont din is-suppożizzjoni, il-bidu tal-perjodu ta' żvilupp hu stabbilit għall-bidu tal-2019 (= T0) biex ikun hemm punt ta' referenza li minnu jingħaddu d-durati u mhux dati assoluti. Jekk l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi ssir f'data aktar tard, l-iskeda sħiħa timxi magħha. Min-naħa l-oħra, il-BMS kondiviż irid ikun disponibbli qabel ma jkunu jistgħu jitlestew is-CIR u l-MID. Id-durati tal-iżvilupp huma indikati fuq iċ-ċart hawn taħt:



(Il-blokka bl-isfar hi relatata ma' kompitu speċifiku relatat mal-Eurodac.)

- Repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistika (CRRS): data ta' maturità: T0 + 12-il xahar (2019-2020)

- il-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP): data ta' maturità: T0+36 xahar (2019-2021)

- Is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS kondiviż) jinħoloq għall-ewwel biex titlesta s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES). Meta jintlaħaq dan l-istadju importanti, l-applikazzjonijiet li se jużaw il-BMS kondiviż iridu jiġu aġġornati u d-*data* li tinsab fis-sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' (AFIS) tas-SIS, fl-AFIS tal-Eurodac u d-*data* tal-ECRIS-TCN iridu jiġu migrati fil-BMS kondiviż. Id-data ta' maturità għat-tlestija hi tmiem l-2023.

- Ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) għall-ewwel jinħoloq matul l-implimentazzjoni tal-EES. Meta titlesta l-EES, id-*data* mill-Eurodac u mill-ECRIS tiġi inkorporata fis-CIR. Id-data ta' maturità għat-tlestija hi tmiem l-2022 (disponibbiltà tal-BMS kondiviż + 12-il xahar).

- Id-detettur ta' identitajiet multipli (MID) jinħoloq wara li jibda jopera s-CIR. Id-data ta' maturità għat-tlestija hi tmiem l-2022 (disponibbiltà tal-BMS kondiviż + 24 xahar) iżda hemm perjodu li jirrekjedi ħafna riżorsi li fih issir il-validazzjoni tal-links bejn l-identitajiet li huma proposti mill-MID. Kull waħda mil-links stmati trid tiġi vvalidata manwalment. Din se tieħu sa tmiem l-2023.

Il-perjodu tal-operazzjonijiet jibda ladarba jitlesta l-perjodu ta' żvilupp indikat hawn fuq.

Operazzjonijiet

L-indikaturi relatati ma' kull għan speċifiku msemmi taħt 1.4.3 huma kif ġej:

1. Għan speċifiku: Aċċess veloċi, mingħajr intoppi u sistematiku għal sorsi tad-*data* awtorizzati

- L-għadd ta' każijiet ta' użu eżegwiti (= l-għadd ta' tfittxijiet li jistgħu jiġu mmaniġġjati mill-ESP) għal kull perjodu ta' żmien.

- L-għadd ta' tfittxijiet ġestiti mill-ESP imqabbel mal-għadd totali ta' tfittxijiet (permezz tal-ESP u tas-sistemi direttament) għal kull perjodu ta' żmien.

2. Għan speċifiku: Detezzjoni ta' identitajiet multipli

- L-għadd ta' identitajiet illinkjati mal-istess sett ta' *data* bijometrika meta mqabbel man-numru ta' identitajiet b'informazzjoni bijografika għal kull perjodu ta' żmien.

- L-għadd ta' każijiet individwati ta' frodi tal-identità meta mqabbel man-numru ta' identitajiet illinkjati u man-numru totali ta' identitajiet għal kull perjodu ta' żmien.

3. Għan speċifiku: Iffaċilitar tal-identifikazzjonijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi

- In-numru ta' verifiki tal-identifikazzjoni mwettqa meta mqabbel mal-għadd totali ta' tranżazzjonijiet għal kull perjodu ta' żmien.

4. Għan speċifiku: Simplifikazzjoni tal-aċċess għal sorsi tad-*data* awtorizzati għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi

- L-għadd ta' aċċessi tal-"pass 1" (= verifika tal-preżenza ta' *data*) għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi għal kull perjodu ta' żmien.

- L-għadd ta' aċċessi tal-"pass 2" (= il-konsultazzjoni proprja tad-*data* mis-sistemi tal-UE fil-kamp ta' applikazzjoni) għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi għal kull perjodu ta' żmien.

5. Għan trażversali, addizzjonali: It-titjib tal-kwalità tad-*data* u l-użu tad-*data* għat-tfassil aħjar tal-politiki

- Il-ħruġ regolari tar-rapporti ta' monitoraġġ dwar il-kwalità tad-*data*.

- L-għadd ta' talbiet *ad hoc* għal informazzjoni statistika għal kull perjodu ta' żmien.

1.5. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li għandu/hom jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil

Kif muri fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta legali, il-komponenti proposti rispettivi huma neċessarji biex tinkiseb l-interoperabbiltà:

• Biex jintlaħaq l-għan ta' forniment lill-utenti awtorizzati ta' aċċess veloċi, mingħajr xkiel, sistematiku u kkontrollat għas-sistemi ta' informazzjoni rilevanti, jenħtieġ li jinħoloq portal Ewropew tat-tfittxija (ESP), mibni fuq BMS kondiviż biex jindirizza l-bażijiet ta' *data* kollha.

• Biex jintlaħaq l-għan ta' ffaċilitar tal-kontrolli tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, fit-territorju ta' Stat Membru, minn uffiċjali awtorizzati, jenħtieġ li

jinħoloq repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR), li jkun fih is-sett minimu ta' *data* tal-identifikazzjoni, u mibni fuq l-istess BMS kondiviż.

• Biex jintlaħaq l-għan ta' detezzjoni ta' identitajiet multipli marbuta mal-istess sett ta' *data* bijometrika, bl-iskop doppju ta' ffaċilitar tal-kontrolli tal-identità għal vjaġġatur *bona fide* u ta' ġlieda kontra l-frodi tal-identità, jenħtieġ li jinbena detettur ta' identitajiet multipli (MID), li jkun fih links bejn diversi identitajiet fost is-sistemi kollha.

• Biex jintlaħaq l-għan ta' ffaċilitar u ta' simplifikazzjoni tal-aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għal sistemi ta' informazzjoni mhux tal-infurzar tal-liġi, għall-fini ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' detezzjoni jew ta' prosekuzzjoni ta' reati serji u ta' terroriżmu, jenħtieġ li fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) tiġi inkluża funzjonalità ta' "indikatur hit/ no-hit".

Peress li jridu jintlaħqu l-għanijiet kollha, is-soluzzjoni kompluta hi t-taħlita tal-ESP, tas-CIR (bl-indikatur hit/ no-hit) u tal-MID, ilkoll imsejsa fuq il-BMS kondiviż.

1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-kumplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" hu l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li hu addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

L-azzjoni hi meħtieġa ssir fil-livell Ewropew għaliex is-sistemi li huma proposti biex isiru interoperabbli huma sistemi użati minn diversi Stati Membri: jew l-Istati Membri kollha (fil-każ tal-Eurodac) jew l-Istati Membri kollha li huma parti miż-żona Schengen (għall-EES, għall-VIS, għall-ETIAS u għas-SIS). Skont id-definizzjoni tagħha, azzjoni sempliċiment ma tistax tittieħed f'livell ieħor.

Il-valur miżjud ewlieni mistenni hu li jiġu eliminati l-każijiet ta' frodi tal-identità, jiġu mmappjati l-każijiet li fihom persuna tkun użat identitajiet differenti biex tidħol fl-UE, u jiġi evitat li persuni *bona fide* jiġu konfużi ma' persuni in *mala fide* bl-istess isem. Valur miżjud addizzjonali hu li l-interoperabbiltà proposta hawn tippermetti li jsiru implimentazzjoni u manutenzjoni aktar faċli tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE. Għas-servizzi tal-infurzar tal-liġi, jenħtieġ li l-miżuri proposti jirriżultaw f'aċċess aktar frekwenti u b'aktar suċċess għal *data* speċifika fi ħdan is-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE. F'livell operazzjonali, il-kwalità tad-*data* tista' tinżamm u tittejjeb biss jekk tiġi mmonitorjata. Barra minn hekk, għat-tfassil tal-politiki u għat-teħid ta' deċiżjonijiet, hemm bżonn li jkun possibbli li jsiru tfittxijiet *ad hoc* ta' *data* anonimizzata.

Analiżi tal-kostbenefiċċji hi parti mill-valutazzjoni tal-impatt u jekk jitqiesu biss dawk il-benefiċċji li jistgħu jiġu kkwantifikati, il-benefiċċji mistennija jistgħu jiġu stmati b'mod raġonevoli għal madwar EUR 77,5 miljun fis-sena u fil-parti l-kbira jinkisbu mill-Istati Membri. Dawn il-benefiċċji essenzjalment jirriżultaw minn:

- Spiża imnaqqsa fuq it-tibdiliet tal-applikazzjonijiet nazzjonali meta s-sistema ċentrali ssir operazzjonali (stmati għal EUR 6m fis-sena għad-dipartimenti tal-IT tal-Istati Membri);

- L-iffrankar tal-ispejjeż għaliex ikun hemm BMS kondiviż ċentrali wieħed minflok BMS wieħed għal kull sistema ċentrali li fiha bijometrija (stmati għal EUR 1,5m fis-sena u ffrankar ta' darba ta' EUR 8m fi spejjeż għall-eu-LISA.

- L-iffrankar tal-ispejjeż tal-identifikazzjoni ta' identitajiet multipli meta mqabbla mas-sitwazzjoni li fiha jinkiseb l-istess riżultat mingħajr il-mezzi proposti. Dan ikun jirrappreżenta ffrankar ta' mill-anqas EUR 50m fis-sena fi spejjeż għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri għall-ġestjoni tal-fruntieri, għall-migrazzjoni u għall-infurzar tal-liġi.

- L-iffrankar tal-ispejjeż tat-taħriġ għal grupp kbir ta' utenti finali meta mqabbla ma' sitwazzjoni li fiha t-taħriġ ikun meħtieġ fuq bażi rikorrenti, stmat għal EUR 20m fis-sena għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri għall-ġestjoni tal-fruntieri, għall-migrazzjoni u għall-infurzar tal-liġi.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-esperjenza bl-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) u tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) wasslet għat-tagħlimiet li ġejjin:

1. Bħala salvagwardja possibbli kontra spejjeż akbar milli ppjanati u dewmien li jirriżultaw minn tibdil fir-rekwiżiti, jenħtieġ li kull sistema ta' informazzjoni ġdida fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, partikolarment jekk tkun tinvolvi sistema tal-IT fuq skala kbira, ma tiġix żviluppata qabel ma l-istrumenti legali li jistabbilixxu l-iskop, l-ambitu, il-funzjonijiet u d-dettalji tekniċi tagħha jkunu ġew adottati b'mod definittiv.

2. Għas-SIS II u għall-VIS, l-iżvilupp nazzjonali fl-Istati Membri jista' jiġi kofinanzjat taħt il-Fond għall-Fruntieri Esterni (FFE) iżda dan ma kienx obbligatorju. Għalhekk ma kienx possibbli li tingħata ħarsa ġenerali lejn il-livell ta' progress f'dawk l-Istati Membri li ma kinux jipprevedu l-attivitajiet rispettivi fil-programmazzjoni pluriennali tagħhom jew li kienu neqsin mill-preċiżjoni fil-programmazzjoni tagħhom. Għalhekk, issa qed jiġi propost li l-Kummissjoni tirrimborża l-ispejjeż tal-integrazzjoni kollha mġarrba mill-Istati Membri, biex tkun tista' timmonitorja l-progress ta' dawn l-iżviluppi.

3. Bl-għan li tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni ġenerali tal-implimentazzjoni, l-iskambji ta' messaġġi proposti kollha bejn is-sistemi nazzjonali u ċentrali se jerġgħu jużaw in-netwerks eżistenti u l-interfaċċa uniformi nazzjonali.

1.5.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-kompatibbiltà mal-QFP kurrenti

Ir-Regolament tal-Fruntieri tal-ISF hu l-istrument finanzjarju fejn ġie inkluż il-baġit għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva dwar l-interoperabbiltà.

Fl-Artikolu 5(b) huwa previst li EUR 791 miljun għandhom jiġu implimentati permezz ta' programm għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq il-bażi ta' sistemi tal-IT eżistenti u/jew ġodda, b'appoġġ tal-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni soġġetti għall-adozzjoni tal-atti leġiżlattivi rilevanti tal-Unjoni u bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15. Minn dawn is-EUR 791 miljun, EUR 480,2 miljun huma rriżervati għall-iżvilupp tal-EES, EUR 210 miljun għall-ETIAS u EUR 67,9 miljun għar-reviżjoni tas-SIS II. Il-bqija (EUR 32,9 miljun) għandhom jerġgħu jiġu allokati billi jintużaw mekkaniżmi tal-ISF-B. Il-proposta attwali teħtieġ EUR 32,1 miljun għall-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti li jaqbel mal-baġit li jifdal.

Il-proposta attwali tirrikjedi baġit totali ta' EUR ~~424.7~~ **461,0** miljun (bl-intestatura ~~5~~ **7** inkluża) tul il-perjodu bejn l-2019 u l-2027. Il-QFP kurrenti jkopri biss il-perjodu ta' sentejn tal-2019 u l-2020. L-ispejjeż ~~madankollu~~ġew stmati **wkoll** sa inkluż l-2027. ~~biex tingħata ħarsa informata lejn il-konsegwezi finanzjarji ta' din il-proposta u mingħajr ħsara f'konformità~~ **Dan huwa kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss tat-2 ta' Mejju 2018.**

Il-baġit mitlub tul disa' snin jammonta għal **EUR** ~~424,7~~ **461,0** miljun peress li anki l-partiti li ġejjin huma koperti:

(1) EUR 136,3 miljun għall-Istati Membri biex ikopru t-tibdiliet fis-sistemi nazzjonali tagħhom biex dawn jużaw il-komponenti tal-interoperabbiltà, l-NUI fornita mill-eu-LISA u baġit għat-taħriġ tal-komunità sostanzjali ta' utenti finali. Ma hemm ebda impatt fuq il-QFP kurrenti peress li l-finanzjament hu pprovdut mill-2021 'il quddiem.

(2) EUR 4,8 miljun għall-Aġenzija EBCG biex tospita tim ta' speċjalisti li matul sena (2023) se jivvalida l-links bejn l-identitajiet fil-mument li fih jiġi attivat l-MID. L-attivitajiet tat-tim jistgħu jiġu assoċjati mad-diżambigwazzjoni tal-identità kif attribwita lill-Aġenzija EBCG skont il-proposta tal-ETIAS. Ma hemm ebda impatt fuq il-QFP kurrenti peress li l-finanzjament hu pprovdut mill-2021 'il quddiem.

(3) EUR 48,9 miljun għall-Europol biex ikopru l-aġġornament tas-sistemi tal-IT tal-Europol għall-volum ta' messaġġi li għandhom jiġu mmaniġġjati u l-livelli akbar ta' prestazzjoni. Il-komponenti tal-interoperabbiltà se jintużaw mill-ETIAS biex tiġi kkonsultata d-*data* tal-Europol. Madankollu, il-kapaċità kurrenti tal-Europol ta' mmaniġġjar tal-informazzjoni mhix konformi mal-volumi sostanzjali (medja ta' 100,000 tfittxija kull jum) u mal-ħin imqassar tar-rispons. Qed jintefqu EUR 9,1 miljun fuq il-QFP kurrenti.

(4) EUR 2,0 miljun għas-CEPOL biex ikopru t-tħejjija u l-għoti ta' taħriġ lill-persunal operazzjonali. Huma skedati EUR 0,1 miljun fl-2020.

(5) EUR ~~225,0~~ **261,3** miljun għall-eu-LISA li jkopru l-kost totali għall-iżvilupp tal-programm li jforni l-ħames komponenti tal-interoperabbiltà (EUR 68,3 miljun), il-kost tal-manutenzjoni mill-mument li fih il-komponenti jiġu pprovduti sal-2027 (EUR 56,1 miljun), baġit speċifiku ta' EUR 25,0 miljun għall-migrazzjoni tad-*data* mis-sistemi eżistenti għall-BMS kondiviż u l-ispejjeż addizzjonali għall-aġġornament tal-NUI, għan-netwerk, għat-taħriġ u għal-laqgħat. Baġit speċifiku ta' EUR 18,7 miljun ikopri l-kost tal-aġġornament u tal-operar tal-ECRIS-TCN f'modalità ta' disponibbiltà kbira mill-2022. **Baġit speċifiku ta' EUR 36,3 miljun jkopri l-ispiża biex in-netwerk u s-SIS ċentrali (Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen) jiġu aġġornati għal żieda stmata ta' tiftix li x'aktarx li sseħħ bħala riżultat ta' interoperabbiltà. Dan l-ammont addizzjonali huwa wkoll** ~~kopert minn~~ **kompatibbli mal-QFP propost għall-perjodu 2021-2027 (ara l-intestatura 4 Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri f'COM(2018) 321 tat-2 ta' Mejju 2018).**

Mill-ammont totali, EUR 23,0 miljun qed jintefqu matul il-QFP kurrenti.

(6) EUR 7,7 miljun għad-DĠ HOME biex ikopru żieda limitata ta' spejjeż tal-persunal u relatati matul il-perjodu ta' żvilupp tal-komponenti differenti, peress li l-Kummissjoni se jkollha tieħu r-responsabbiltà għall-kumitat li jaħdem fuq il-UMF (Format Uniformi ta' Messaġġ). Dan il-baġit li jaqa' taħt l-intestatura 5

(Amministrazzjoni) ma għandux jiġi kopert mill-baġit tal-ISF. Bħala informazzjoni, EUR 2,0 miljun huma dovuti matul il-perjodu 2019-2020.

Il-kompatibbiltà ma' inizjattivi preċedenti

Din l-inizjattiva hi kompatibbli ma' dawn li ġejjin:

F'April 2016, il-Kummissjoni ppreżentat **il-Komunikazzjoni *Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà*** biex tindirizza għadd ta' nuqqasijiet strutturali relatati mas-sistemi ta' informazzjoni. Minn din tnisslu tliet azzjonijiet:

L-ewwel nett, il-Kummissjoni ħadet **azzjoni biex issaħħaħ u timmassimizza l-benefiċċji tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti**. F'Diċembru 2016, il-Kummissjoni adottat proposti għat-tisħiħ ulterjuri tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS). Sadanittant, wara l-proposta tal-Kummissjoni ta' Mejju 2016, in-negozjati ġew aċċellerati fuq il-bażi ġuridika riveduta għall-Eurodac — il-bażi ta' *data* tal-UE tal-marki tas-swaba' għall-ażil. Qed titħejja wkoll bażi ġuridika ġdida għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), u din se tiġi sottomessa fit-tieni trimestru tal-2018.

It-tieni, il-Kummissjoni pproponiet **sistemi ta' informazzjoni addizzjonali biex tindirizza l-lakuni identifikati** fl-arkitettura tal-UE ta' ġestjoni tad-*data*. In-negozjati dwar il-proposta ta' April 2016 tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)[68] — biex jitjiebu l-proċeduri ta' verifika fil-fruntieri għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jivvjaġġaw lejn l-UE — ġew konklużi kmieni f'Lulju 2017, meta l-koleġiżlaturi laħqu ftehim politiku, ikkonfermat mill-Parlament Ewropew f'Ottubru 2017 u formalment adottat mill-Kunsill f'Novembru 2017. F'Novembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat ukoll proposta għall-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)[69]. Din il-proposta għandha l-għan li ssaħħaħ il-kontrolli ta' sigurtà fuq il-vjaġġaturi mingħajr viża billi tippermetti li jsiru kontrolli fuq il-migrazzjoni irregolari u ta' sigurtà minn qabel. Bħalissa qed tiġi nnegozjata mill-koleġiżlaturi. F'Ġunju 2017, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (sistema ECRIS-TCN)[70] ġiet proposta wkoll biex tiġi indirizzata l-lakuna identifikata fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi kkundannati

It-tielet, il-Kummissjoni ħadmet **fuq l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni**, billi ffukat fuq l-erba' għażliet ippreżentati fil-Komunikazzjoni[71] ta' April 2016 biex tikseb l-interoperabbiltà. Tlieta mill-erba' għażliet huma preċiżament l-ESP, is-CIR u l-BMS kondiviż. Wara beda jidher ċar li kellha ssir distinzjoni bejn is-CIR bħala l-bażi ta' *data* tal-identitajiet u komponent ġdid li jidentifika identitajiet multipli llinkjati mal-istess identifikatur bijometriku (MID). B'hekk issa l-erba' komponenti huma: l-ESP, is-CIR, l-MID u l-BMS kondiviż.

Sinerġija

Hawn is-sinerġija hi mifhuma bħala l-benefiċċju miksub billi jerġgħu jintużaw is-soluzzjonijiet eżistenti u jiġu evitati investimenti ġodda b'mod ġenerali.

68 COM(2016)194 tas-6 ta' April 2016.
69 COM(2016)731 tas-16 ta' Novembru 2016.
70 COM(2017)344 tad-29 ta' Ġunju 2017.
71 COM(2016)205 tas-6 ta' April 2016.

Teżisti sinerġija kbira bejn dawn l-inizjattivi u l-iżvilupp tal-EES u tal-ETIAS.

Għall-funzjonament tal-EES, jinħoloq fajl individwali għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kollha li jidħlu fiż-żona Schengen għal żmien qasir. Għal dan l-għan, is-sistema kurrenti ta' tqabbil bijometriku użata għall-VIS, li fiha l-mudelli tal-marki tas-swaba' għall-vjaġġaturi kollha li jeħtieġu viża, se tiġi estiża biex tinkludi wkoll il-bijometrija minn vjaġġaturi eżentati mill-viża. B'hekk, kunċettwalment, il-BMS kondiviż hu ġeneralizzazzjoni ulterjuri tal-funzjoni ta' sejbien ta' pariġġi bijometriċi li se jinbena bħala parti mill-EES. Imbagħad il-mudelli bijometriċi li jinsabu fil-funzjoni ta' sejbien ta' pariġġi bijometriċi tas-SIS u tal-Eurodac jiġu migrati (dan hu t-terminu tekniku li jintuża meta d-data titmexxa minn sistema għal oħra) għal dak il-BMS kondiviż. Skont id-*data* tal-fornitur, il-ħżin f'bażijiet ta' *data* separati jiswa medja ta' euro għal kull sett bijometriku (hemm potenzjalment 200 miljun sett ta' *data* b'kollox) filwaqt li l-kost medju jonqos għal EUR 0,35 għal kull sett bijometriku meta tinħoloq soluzzjoni ta' BMS kondiviż. L-ispejjeż ogħla għall-ħardwer meħtieġ għal volum kbir ta' *data* jpaċu b'mod parzjali dawn il-benefiċċji iżda fl-aħħar mill-aħħar il-kost ta' BMS kondiviż hu stmat li hu 30 % anqas minn meta l-istess *data* tinħażen f'diversi sistemi iżgħar tal-BMS.

Għall-funzjonament tal-ETIAS, komponent irid ikun disponibbli għat-tfittxija f'sett ta' sistemi tal-UE. Jew jintuża l-ESP jew inkella jinbena komponent speċifiku bħala parti mill-proposta tal-ESP. Il-proposta dwar l-interoperabbiltà tippermetti li jinbena komponent wieħed minflok tnejn.

Hemm ukoll sinerġija miksuba bl-użu mill-ġdid tal-istess interfaċċa uniformi nazzjonali (NUI) li tintuża għall-EES u għall-ETIAS. L-NUI se jkollha bżonn tiġi aġġornata iżda se tibqa' tintuża.

1.6. Durata u impatt finanzjarju

☐ Proposta/l-inizjattiva ta' **durata limitata**

– ☐ Proposta/l-inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☒ Proposta/l-inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

– Il-perjodu ta' żvilupp mill-2019 sal-2023, b'din is-sena inkluża, segwit minn operazzjonijiet fuq skala sħiħa.

– Għalhekk, id-durata tal-impatt finanzjarju hi pprovduta għall-2019 sal-2027.

1.7. Mod/i ta' ġestjoni ppjanat/i[72]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– X mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☒ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi maħtura minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (li għandhom jiġu speċifikati);

– ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☒ il-korpi li jissemmew fl-Artikolu 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ il-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ il-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ il-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ il-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Blokki	Fażi tal-iżvilupp	Fażi tal-operazzjonijiet	Mod ta' ġestjoni	Attur
Żvilupp u manutenzjoni (tal-komponenti tal-interoperabbiltà għas-sistemi	X	X	Indiretta	eu-LISA Europol CEPOL

[72] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx.

Blokki	Fażi tal-iżvilupp	Fażi tal-operazzjonijiet	Mod ta' ġestjoni	Attur
ċentrali, taħriġ fis-sistemi)				
Migrazzjoni tad-*data* (migrazzjoni ta' mudelli bijometriċi għal BMS kondiviż), spejjeż tan-netwerk, aġġornament tal-NUI, laqgħat u taħriġ**,** **filwaqt li tiġi estiża l-kapaċità tas-SIS**	X	X	Indiretta	eu-LISA
Validazzjoni tal-links meta jinħoloq l-MID	X	-	Indiretta	EBCG
Personalizzazzjoni tal-NUI, integrazzjoni tas-sistemi nazzjonali u tat-taħriġ tal-utenti finali	X	X	Kondiviża (jew diretta) (1)	COM + L-Istati Membri

(1) Ma hemm l-ebda ammont għall-fażi tal-operazzjonijiet inkluż f'dan l-istrument.

Il-perjodu ta' żvilupp jibda mill-2019 u jdum sat-tlestija ta' kull komponent, mill-2019 sal-2023 (ara t-Taqsima 1.4.4).

1. Ġestjoni diretta mid-DĠ HOME: Matul il-perjodu ta' żvilupp, jekk dan ikun meħtieġ, l-azzjonijiet jistgħu jiġu implimentati mill-Kummissjoni b'mod dirett ukoll. Dan jista' jinkludi, b'mod partikolari, l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni għal attivitajiet fil-forma ta' għotjiet (inkluż lil awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri), għal kuntratti ta' akkwist pubbliku u/jew għal rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn esperti esterni.

2. Ġestjoni kondiviża: Matul il-fażi ta' żvilupp, l-Istati Membri se jkunu meħtieġa jadattaw is-sistemi nazzjonali tagħhom biex jaċċessaw l-ESP minflok is-sistemi individwali (dan għall-messaġġ li jintbagħtu mill-Istati Membri) u għat-tibdiliet fit-tweġibiet tat-talbiet ta' tfittxija tagħhom (il-messaġġi li jirċievu l-Istati Membri). Se jsir ukoll aġġornament tal-NUI eżistenti implimentata għall-EES u għall-ETIAS.

3. Ġestjoni indiretta: L-eu-LISA se tkopri l-parti tal-iżvilupp tal-oqsma kollha tal-proġett relatati mal-IT, jiġifieri l-komponenti tal-interoperabbiltà, l-aġġornament tal-interfaċċa uniformi nazzjonali (NUI) f'kull Stat Membru, l-aġġornament tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni bejn is-sistemi ċentrali u l-interfaċċi uniformi nazzjonali, il-migrazzjoni ta' mudelli bijometriċi mis-sistemi eżistenti ta' tqabbil bijometriku tas-SIS u tal-Eurodac għall-BMS kondiviż ~~u~~ **bl-**attività ta' tindif tad-*data* li tmur ma' din, **kif ukoll it-titjib fil-kapaċità tas-SIS minħabba żieda fit-tfittxijiet mill-Istati Membri fis-sistema ċentrali**.

Matul il-perjodu tal-operazzjonijiet, l-eu-LISA se teżegwixxi l-attivitajiet tekniċi kollha llinkjati mal-manutenzjoni tal-komponenti.

L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCG) se tinkorpora tim addizzjonali ddedikat għall-validazzjoni tal-links ladarba jibda jopera l-MID. Dan hu kompitu b'durata limitata.

Il-Europol se tkopri l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi tagħha biex tiżgura l-interoperabbiltà mal-ESP u mal-ETIAS.

Is-CEPOL tħejji u tagħti t-taħriġ lis-servizzi operazzjonali billi ssegwi approċċ ta' ħarreġ lil min iħarreġ.

2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

2.1. Regoli ta’ monitoraġġ u ta’ rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar għall-iżvilupp u għall-manutenzjoni ta’ sistemi oħra:

1. L-eu-LISA għandha tiżgura li jkun hemm proċeduri fis-seħħ biex jiġi mmonitorjat l-iżvilupp tal-komponenti tal-interoperabbiltà fid-dawl tal-għanijiet relatati mal-ippjanar u mal-ispejjeż u li jiġi ssorveljat il-funzjonament tal-komponenti fid-dawl tal-għanijiet relatati mar-rendiment tekniku, mal-kosteffettività, mas-sigurtà u mal-kwalità tas-servizz.

2. Fi żmien sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament u kull sitt xhur wara dan matul il-fażi tal-iżvilupp tal-komponenti, l-eu-LISA għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tal-iżvilupp ta’ kull komponent. Ladarba jiġi finalizzat l-iżvilupp, għandu jiġi ppreżentat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jispjega fid-dettall kif ikunu intlaħqu l-għanijiet, b’mod partikolari dawk marbuta mal-ippjanar u mal-ispejjeż, kif ukoll ġustifikazzjoni għal kull diverġenza.

3. Għall-finijiet tal-manutenzjoni teknika, l-eu-LISA għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni neċessarja relatata mal-operazzjonijiet ta’ proċessar ta’ *data* mwettqa fil-komponenti.

4. Erba’ snin wara li l-aħħar komponent tal-interoperabbiltà implimentat ikun beda jopera u kull erba’ snin minn hemm ’il quddiem, l-eu-LISA għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport dwar il-funzjonament tekniku tal-komponenti.

5. Ħames snin wara li l-aħħar komponent implimentat ikun beda jopera u kull erba’ snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tipproduċi evalwazzjoni ġenerali u tagħmel kull rakkomandazzjoni meħtieġa. Din l-evalwazzjoni ġenerali għandha tinkludi: ir-riżultati miksuba mill-komponenti b’kunsiderazzjoni tal-għanijiet ta’ interoperabbiltà tagħhom, tal-kapaċità ta’ manutenzjoni, tal-prestazzjoni u tal-implikazzjonijiet finanzjarji u tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta’ evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. L-Istati Membri u l-Europol għandhom jipprovdu lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni neċessarja għall-abbozzar tar-rapporti msemmija fil-paragrafi 4 u 5 skont l-indikaturi kwantitattivi definiti minn qabel mill-Kummissjoni u/jew mill-eu-LISA. Din l-informazzjoni ma għandhiex tipperikola l-metodi ta’ ħidma u lanqas ma għandha tinkludi informazzjoni li tiżvela s-sorsi, l-identitajiet tal-membri tal-persunal jew l-investigazzjonijiet tal-awtoritajiet maħtura.

7. L-eu-LISA għandha tipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa biex tipproduċi l-evalwazzjonijiet ġenerali msemmija fil-paragrafu 5.

8. Filwaqt li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali dwar il-pubblikazzjoni ta’ informazzjoni sensittiva, kull Stat Membru u l-Europol għandhom iħejju rapporti annwali dwar l-effettività tal-aċċess għas-sistemi tal-UE għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi li jkun fihom informazzjoni u statistiki dwar:

- l-iskop preċiż tal-konsultazzjoni inkluż it-tip ta' reat terroristiku jew ta' reat kriminali serju;

- il-motivazzjonijiet raġonevoli mogħtija għas-suspett sostanzjat li l-persuna suspettata, l-awtur jew il-vittma jkunu koperti b'dan ir-Regolament;

- l-għadd ta' talbiet għall-aċċess għall-komponenti għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi;

- l-għadd u t-tip ta' każijiet li rriżultaw f'identifikazzjonijiet pożittivi;

- il-ħtieġa u l-użu magħmul mill-każ eċċezzjonali ta' urġenza inklużi dawk il-każijiet li fihom dik l-urġenza ma ġietx aċċettata mill-verifika *ex post* magħmula mill-punt ta' aċċess ċentrali.

Ir-rapporti annwali tal-Istati Membri u tal-Europol għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Ir-riskji huma dawk relatati ma' żvilupp tal-IT tal-ħames komponenti minn kuntrattur estern ġestit mill-eu-LISA. Dawn huma riskji tipiċi tal-proġetti:

1. Ir-riskju li l-proġett ma jitlestiex fil-ħin;

2. Ir-riskju li l-proġett ma jitlestiex fil-limitu tal-baġit;

3. Ir-riskju li ma jintlaħaqx l-ambitu sħiħ tal-proġett.

L-ewwel riskju hu l-aktar importanti peress li data ta' skadenza maqbuża twassal għal spejjeż akbar peress li ħafna mill-ispejjeż huma relatati mad-durata: spejjeż tal-persunal, spejjeż tal-liċenzja mħallsa ta' kull sena, eċċ.

Dawn ir-riskji jistgħu jiġu mmitigati billi jiġu applikati tekniki ta' ġestjoni tal-proġetti, inkluża kontinġenza fi proġetti ta' żvilupp u ammont ta' persunal suffiċjenti biex ikunu jistgħu jiġu assorbiti l-eqqel perjodi ta' xogħol. Tabilħaqq l-istima tal-isforzi normalment issir billi jiġi supponut tqassim regolari tal-volum ta' xogħol maż-żmien, filwaqt li r-realtà tal-proġetti hi ta' volumi irregolari ta' proġetti li jiġu assorbiti minn allokazzjonijiet ogħla ta' riżorsi.

Hemm diversi riskji relatati mal-użu ta' kuntrattur estern għal dan ix-xogħol ta' żvilupp:

1. b'mod partikolari, ir-riskju li l-kuntrattur jonqos milli jalloka biżżejjed riżorsi għall-proġett jew li jfassal u jiżviluppa sistema li mhijiex l-aktar avvanzata;

2. ir-riskju li t-tekniki u l-metodi amministrattivi għall-immaniġġjar tal-proġetti tal-IT fuq skala kbira ma jiġux rispettati bis-sħiħ bħala mezz ta' tnaqqis tal-ispejjeż mill-kuntrattur;

3. fl-aħħar nett, ir-riskju li l-kuntrattur jaffaċċja diffikultajiet finanzjarji għal raġunijiet esterni għal dan il-proġett ma jistax jiġi eskluż kompletament.

Dawn ir-riskji huma mitigati billi jingħataw kuntratti fuq il-bażi ta' kriteri b'saħħithom tal-kwalità, bil-verifika tar-referenzi tal-kuntratturi u biż-żamma ta' relazzjoni b'saħħitha magħhom. Finalment, bħala l-aħħar istanza, jistgħu jiġu inklużi u applikati penali b'saħħithom u klawżoli ta' terminazzjoni meta jkunu meħtieġa.

2.2.2. Tagħrif dwar is-sistema ta' kontroll intern li ġiet stabbilita

L-eu-LISA hi maħsuba li tkun ċentru ta' eċċellenza fil-qasam tal-iżvilupp u tal-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. Din għandha teżegwixxi l-attivitajiet marbuta mal-iżvilupp u mal-operazzjonijiet tal-komponenti differenti tal-interoperabbiltà inkluża l-manutenzjoni tal-interfaċċa uniformi nazzjonali fl-Istati Membri.

Matul il-fażi ta' żvilupp, l-attivitajiet kollha ta' żvilupp se jiġu eżegwiti mill-eu-LISA. Dan se jkopri l-parti tal-iżvilupp tal-oqsma kollha tal-proġett. L-ispejjeż relatati mal-integrazzjoni tas-sistemi fl-Istati Membri matul l-iżvilupp se jiġu ġestiti mill-Kummissjoni permezz ta' ġestjoni kondiviża jew permezz ta' għotjiet.

Matul il-fażi operazzjonali, l-eu-LISA se tkun responsabbli għall-ġestjoni teknika u finanzjarja tal-komponenti użati ċentralment, b'mod partikolari l-għoti u l-ġestjoni tal-kuntratti. Il-Kummissjoni se timmaniġġja l-fondi għall-Istati Membri għall-ispejjeż tal-unitajiet nazzjonali permezz tal-ISF/Fruntieri (programmi nazzjonali).

Biex jiġi evitat id-dewmien fil-livell nazzjonali, hi ppjanata governanza effiċjenti bejn il-partijiet ikkonċernati kollha qabel il-bidu tal-iżvilupp. Il-Kummissjoni tassumi arkitettura interoperabbli li għandha tiġi definita fil-bidu tal-proġett biex tiġi applikata fil-proġetti tal-EES u tal-ETIAS, peress li dawn il-proġetti jfornu u jużaw il-BMS kondiviż, ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità u l-portal Ewropew tat-tfittxija. Jenħtieġ li membru tat-tim tal-ġestjoni tal-proġetti tal-proġett tal-interoperabbiltà jkun parti mill-istruttura ta' governanza tal-proġetti tal-EES u tal-ETIAS.

2.2.3. Stima tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli u l-valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball

Ma hi pprovduta ebda stima, peress li l-kontroll u l-mitigazzjoni tar-riskji huma kompitu inerenti tal-istruttura tal-governanza tal-proġetti.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.

Il-miżuri previsti għall-ġlieda kontra l-frodi huma stipulati fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 1077/2011 li jipprevedi kif ġej:

1. Biex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, għandu japplika r-Regolament (KE) Nru 1073/1999.

2. L-Aġenziji għandhom ikunu parti mill-Ftehim Interistituzzjonali dwar investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u mingħajr dewmien, joħorġu d-dispożizzjonijiet adatti applikabbli għall-impjegati kollha tal-Aġenziji.

3. Id-deċiżjonijiet dwar il-finanzjament u l-ftehimiet ta' implimentazzjoni u l-istrumenti li jirriżultaw minnhom għandhom jistipulaw espliċitament li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu jwettqu, jekk meħtieġ, kontrolli fuq il-post fost ir-riċevituri tal-finanzjament mill-Aġenziji u l-aġenti responsabbli għall-allokazzjoni tiegħu.

Skont din id-dispożizzjoni, id-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li tikkonċerna t-termini u l-kundizzjonijiet għall-investigazzjonijiet interni relatati mal-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kull

attività illegali detrimentali għall-interessi tal-Unjoni kienet adottata fit-28 ta' Ġunju 2012.

Se tapplika l-istrateġija għall-prevenzjoni u l-kxif ta' frodi tad-DĠ HOME.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

~~L-IMPATT STMAT FUQ IN-NEFQA U FUQ IL-PERSUNAL GĦAS-SNIN 2021 U LIL HINN F'DIN ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA HU MIŻJUD BĦALA EŻEMPJU U MA JIPPREĠUDIKAX IL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI LI JMISS~~

Din id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva ta' din il-proposta leġiżlattiva emendata tieħu post dik ta' qabel. Il-proposti leġiżlattivi COM(2017) 793 (fruntieri u viża) u COM(2017) 794 (kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija, l-ażil u l-migrazzjoni) kienet tinkludi l-istess dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva. Peress li l-ammonti fil-baġit ma jistgħux jinqasmu fuq iż-żewġ proposti, l-ammonti huma validi għaż-żewġ proposti flimkien. L-ammonti kollha għandhom għalhekk jingħaddu darba biss. L-istess japplika għal proposti emendati.

L-impatt stmat fuq in-nefqa u l-persunal għas-snin 2021 u dawk sussegwenti f'din id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva hu ~~kopert minn~~ **kompatibbli mal-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss tat-2 ta' Mejju 2018.**

~~Il-proposti leġiżlattivi COM(2017) 793 (fruntieri u viża) u COM(2017) 794 (kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija, l-ażil u l-migrazzjoni) kienet tinkludi l-istess dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva. Peress li l-ammonti fil-baġit ma jistagħux jinqasmu fuq iż-żewġ proposti, l-ammonti huma validi għaż-żewġ proposti flimkien. L-ammonti kollha għandhom għalhekk jingħaddu darba biss. L-istess japplika għal proposti emendati.~~

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

L-intestatura 3 fil-QFP attwali ssir l-intestatura 4 fil-QFP l-ġdid (mill-2021 'il quddiem).

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura…………………………...………… …]	Diff/Mhux diff.[73].	mingħand il-pajjiżi tal-EFTA[74]	mill-pajjiżi kandidati[75]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
3	18.02.01.03 – Fruntieri Intelliġenti	Diff.	Le	Le	Iva	Le
3	18.02.03 – Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)	Diff.	Le	Le	Iva	Le

[73] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux-diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[74] L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[75] Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3	18.02.04 – EUROPOL	Diff.	Le	Le	Le	Le
3	18.02.05 - CEPOL	Mhux diff.	Le	Le	Le	Le
3	18.02.07 – Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA)	Diff.	Le	Le	Iva	Le

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

~~[Jenħtieġ li din it-taqsima timtela billi tintuża l-ispreadsheet dwar id-dejta baġitarja ta' natura amministrattiva (it-tieni dokument fl-anness ta' din id-dikjarazzjoni finanzjarja) u tittella' fid-DECIDE għal finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.]~~

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	3	Sigurtà u Ċittadinanza

L-intestatura 3 fil-QFP attwali ssir l-intestatura 4 fil-QFP l-ġdid (mill-2021 'il quddiem).

DĠ Home			Sena **2019**	Sena **2020**	Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**Sena 2028**	**TO TAL**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali													
18.02.01.03 – Fruntieri Intelliġenti	Impenji	(1)	0	0	43,150	48,150	45,000	0	**0**	**0**	**0**	**0**	**136,300**
	Pagamenti	(2.	0	0	34,520	47,150	45,630	9,000	**0**	**0**	**0**	**0**	136,300
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[76]													
Numru tal-linja baġitarja		(3)											
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għal DĠ Home	Impenji	=1+1a +3)	0	0	43,150	48,150	45,000	0	**0**	**0**	**0**	**0**	**136,300**
	Pagamenti	=2+2a +3	0	0	34,520	47,150	45,630	9,000	**0**	**0**	**0**	**0**	136,300

In-nefqiet se jkopru l-ispejjeż relatati ma':

[76] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

– Il-kost għall-adattament tal-NUI (interfaċċa uniformi nazzjonali) li l-iżvilupp tagħha hu ffinanzjat mill-proposta dwar l-EES, ammont ibbaġitjat għat-tibdiliet fis-sistemi fl-Istati Membri biex jiġu kkunsidrati l-modifiki tas-sistemi ċentrali u ammont ibbaġitjat għat-taħriġ tal-utenti finali.

18.0203 – EBCG			Sena **2019**	Sena **2020**	Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL**
Titolu 1: L-infiq għall-persunal	Impenji	(1)	0	0	0	~~0,488~~ **0,350**	~~2,154~~ **1,400**	~~0,337~~ **0,233**	0	0	0	~~2,979~~ **1,983**
	Pagamenti	(2)	0	0	0	~~0,488~~ **0,350**	~~2,154~~ **1,400**	~~0,337~~ **0,233**	0	0	0	~~2,979~~ **1,983**
Titolu 2: Nefqa Infrastrutturali u Operazzjonali	Impenji	(1a)	0	0	0	~~0,105~~ **0,075**	~~0,390~~ **0,300**	~~0,065~~ **0,050**	0	0	0	~~0,560~~ **0,425**
	Pagamenti	(2a)	0	0	0	~~0,105~~ **0,075**	~~0,390~~ **0,300**	~~0,065~~ **0,050**	0	0	0	~~0,560~~ **0,425**
Titolu 3: Nefqa operazzjonali	Impenji	(3a)	0	0	0	0,183	2,200		0	0	0	2,383
	Pagamenti	(3b)	0	0	0	0,183	2,200		0	0	0	2,383
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għal ~~Europol~~ EBCG	(Impenji totali = Pagamenti totali)	=1+1a +3a	**0**	**0**	**0**	~~0,776~~ **0,608**	~~4,744~~ **3,900**	~~0,402~~ **0,283**	**0**	**0**	**0**	~~5,923~~ **4,792**

– Il-baġit għall-EBCG ikopri l-infiq ta’ tim iddedikat għall-validazzjoni tal-links iġġenerati mill-MID (detettur ta’ identitajiet multipli) fuq id-*data* legata (madwar 14-il miljun rekord). Il-volum ta’ links li għandhom jiġu vvalidati manwalment hu stmat għal madwar 550,000. It-tim iddedikat imwaqqaf għal dan l-għan qed jiżdied mat-tim tal-EBCG imwaqqaf għall-ETIAS minħabba li dan hu funzjonalment qrib u jevita l-ispejjeż tat-twaqqif ta’ tim ġdid. Il-ħidma hi mistennija ssir fl-2023. Għaldaqstant, l-aġenti kuntrattwali jinħatru sa tliet xhur minn qabel u l-kuntratt tagħhom jitwaqqaf sa xahrejn wara t-tmiem tal-attività tal-migrazzjoni. Parti oħra mir-riżorsi meħtieġa mhix mistennija li se jiġu rreklutati bħala aġenti kuntrattwali u se jiġu impjegati bħala konsulenti. Din tispjega l-ispejjeż taħt it-Titolu 3 għall-2023. Hu mistenni li jiġu impjegati xahar qabel. Dettalji oħra dwar il-livelli ta’ persunal jingħataw aktar tard.

– Għaldaqstant, it-Titolu 1 jinkludi l-kost ta’ 20 membru tal-persunal intern, u id-dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tal-maniġment u tal-persunal ta’ assistenza.

– It-Titolu 2 jinkludi l-kost addizzjonali għall-ospitar tal-10 membri addizzjonali tal-persunal tal-kuntrattur.

– It-Titolu 3 jinkludi t-tariffa għall-10 membri tal-persunal addizzjonali tal-kuntrattur. Ma hemm l-ebda tip ieħor ta’ kost inkluż.

18.0204 - Europol			Sena **2019**	Sena **2020**	Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL**
Titolu 1: L-infiq tal-persunal	Impenji	(1)	0,690	2,002	2,002	1,181	1,181	0,974	0,974	0,974	0,974	10,952
	Pagamenti	(2)	0,690	2,002	2,002	1,181	1,181	0,974	0,974	0,974	0,974	10,952
Titolu 2: Nefqa Infrastrutturali u Operazzjonali	Impenji	(1 a)	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0
	Pagamenti	(2a)	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0
Titolu 3: Nefqa operazzjonali	Impenji	(3 a)	0	6,380	6,380	2,408	2,408	~~7,758~~ **2,408**	7,758	7,758	2,408	37,908
	Pagamenti	(3b)	0	6,380	6,380	2,408	2,408	~~7,758~~ **2,408**	7,758	7,758	2,408	37,908
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-Europol	(Impenji totali = Pagamenti totali)	=1+1a +3a	**0,690**	**8,382**	**8,382**	**3,589**	**3,589**	**3,382**	**8,732**	**8,732**	**3,382**	**48,860**

In-nefqiet tal-Europol se jkopru l-aġġornament tal-kapaċitajiet tas-sistemi tal-ICT tal-Europol biex ilaħħqu mal-volum ta’ messaġġi li jridu jiġu mmaniġġjati, u l-livelli akbar meħtieġa ta’ prestazzjoni (ħin ta’ rispons).

In-nefqa fuq il-Persunal tat-Titolu 1 tkopri l-ispejjeż relatati mal-persunal addizzjonali tal-ICT li għandu jinħatar biex jissaħħu s-sistemi ta’ informazzjoni tal-Europol għar-raġunijiet deskritti aktar ’il fuq. Dettalji oħra rigward id-diviżjoni tal-pożizzjonijiet bejn il-persunal temporanju u l-aġenti kuntrattwali, u l-kompetenzi tagħhom, huma pprovduti aktar ’il quddiem.

It-Titolu 3 jinkludi spejjeż għall-ħardwer u għas-softwer meħtieġa biex jissaħħu s-sistemi ta’ informazzjoni tal-Europol. Bħalissa, is-sistemi tal-IT tal-Europol iservu lil komunità ddeżinjata limitata tal-Europol, tal-Uffiċjali ta’ Kollegament tal-Europol u ta’ investigaturi fl-Istati Membri li

jużaw dawn is-sistemi għal skopijiet analitiċi u investigattivi. Bl-implimentazzjoni tal-QUEST (l-interfaċċa tas-sistema li se tippermetti lill-ESP ifittex *data* tal-Europol) f'livell ta' protezzjoni bażika (bħalissa s-sistemi ta' informazzjoni tal-Europol huma akkreditati sal-livell ristrett tal-UE u kunfidenzjali tal-UE), is-sistemi ta' informazzjoni tal-Europol se jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' komunità awtorizzata tal-infurzar tal-liġi li hi ferm akbar. Minbarra dawn iż-żidiet, l-ESP se jintuża mill-ETIAS biex tfittex b'mod awtomatiku *data* tal-Europol għall-ipproċessar ta' awtorizzazzjonijiet tal-ivvjaġġar. Dan se jżid il-volum ta' tfittxijiet fid-*data* tal-Europol minn madwar 107 000 tfittxija fix-xahar li jsiru bħalissa, għal aktar minn 100 000 tfittxija kull jum, u se jeħtieġ ukoll id-disponibbiltà lejl u nhar tas-sistemi ta' informazzjoni tal-Europol u ħinijiet ta' rispons qosra ħafna biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti imposti mir-Regolament dwar l-ETIAS. Il-maġġoranza tal-ispejjeż huma limitati għall-perjodu ta' qabel dak li fih il-komponenti tal-interoperabbiltà jibdew joperaw, iżda huma meħtieġa xi impenji kurrenti biex tiġi żgurata disponibbiltà kbira u kontinwa tas-sistemi ta' informazzjoni tal-Europol. Barra minn hekk, huma meħtieġa jsiru xi xogħlijiet ta' żvilupp biex jiġu implimentati l-komponenti tal-interoperabbiltà mill-Europol bħala utent.

18.0205 - CEPOL			Sena **2019**	Sena **2020**	Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL**
Titolu 1: L-infiq tal-persunal	Impenji	(1)	0	0,104	0,208	0,208	0,138	0,138	0,138	0,138	0,138	1,210
	Pagamenti	(2)	0	0,104	0,208	0,208	0,138	0,138	0,138	0,138	0,138	1,210
Titolu 2: Nefqa Infrastrutturali u Operazzjonali	Impenji	(1 a)	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0
	Pagamenti	(2a)	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0
Titolu 3: Nefqa operazzjonali	Impenji	(3 a)	0	0,040	0,176	0,274	0,070	0,070	0,070	0,070	0,070	0,840
	Pagamenti	(3b)	0	0,040	0,176	0,274	0,070	0,070	0,070	0,070	0,070	0,840
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għas-CEPOL	(Impenji totali = Pagamenti totali)	=1+1a +3a	0	0,144	0,384,	0,482	0,208	0,208	0,208	0,208	0,208	2,050

Taħriġ ikkoordinat ċentralment fil-livell tal-UE jtejjeb l-implimentazzjoni koerenti tal-korsijiet ta' taħriġ fil-livell nazzjonali u, konsegwentement, jiżgura l-implimentazzjoni u l-użu korretti u b'suċċess tal-komponenti tal-interoperabbiltà. Is-CEPOL — bħala l-Aġenzija tal-UE għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi — tinsab f'pożizzjoni tajba biex tforni t-taħriġ ċentrali fil-livell tal-UE. Dawn in-nefqiet ikopru t-tħejjija tat-"taħriġ għal min iħarreġ fl-Istati Membri" li huma meħtieġa jużaw is-sistemi ċentrali ladarba jsiru interoperabbli. L-ispejjeż jinkludu dawk relatati ma' żieda żgħira fil-membri tal-persunal għas-CEPOL biex jikkoordinaw, jimmaniġġjaw, jorganizzaw u jaġġornaw il-korsijiet u l-kost għall-forniment ta' numru ta' sessjonijiet ta' taħriġ fis-sena u għat-tħejjija tal-kors online. Id-dettalji ta' dawn l-ispejjeż huma spjegati hawn taħt. L-isforz ta' taħriġ hu ffukat fuq il-perjodi li jiġu eżatt qabel l-attivazzjoni uffiċjali. Għadu meħtieġ li jsir sforz kontinwu lil hinn mill-attivazzjoni

uffiċjali peress li l-komponenti tal-interoperabbiltà jinżammu u l-ħarrieġa ma jibqgħux l-istess persuni għal dejjem, fuq il-bażi tal-esperjenza tal-għoti tat-taħriġ eżistenti dwar is-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen.

18.0207 - eu-LISA			Sena **2019**	Sena **2020**	Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL**
Titolu 1: L-infiq tal-persunal	Impenji	(1)	2,876	4,850	6,202	6,902	6,624	5,482	5,136	5,136	5,136	48,344
	Pagamenti	(2)	2,876	4,850	6,202	6,902	6,624	5,482	5,136	5,136	5,136	48,344
Titolu 2: Nefqa Infrastrutturali u Operazzjonali	Impenji	(1 a)	0,136	0,227	0,292	0,343	0,328	0,277	0,262	0,262	0,262	2,389
	Pagamenti	(2a)	0,136	0,227	0,292	0,343	0,328	0,277	0,262	0,262	0,262	2,389
Titolu 3: Nefqa operazzjonali	Impenji	(3 a)	2,818	11,954	45,249	~~37,504~~ **57,880**	~~22,701~~ **28,977**	~~14,611~~ **17,011**	~~13,211~~ **15,611**	~~13,131~~ **15,531**	~~13,131~~ **15,531**	~~174,309~~ **210,561**
	Pagamenti	(3b)	2,818	11,954	45,249	~~37,504~~ **57,880**	~~22,701~~ **28,977**	~~14,611~~ **17,011**	~~13,211~~ **15,611**	~~13,131~~ **15,531**	~~13,131~~ **15,531**	~~174,309~~ **210,561**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-eu-LISA	(Impenji totali = Pagamenti totali)	=1+1a +3a	**5,830**	**17,031**	**51,743**	~~44,749~~ **65,125**	~~29,653~~ **35,929**	~~20,370~~ **22,770**	~~18,609~~ **21,009**	~~18,529~~ **20,929**	~~18,529~~ **20,929**	~~225,041~~ **261,293**

L-ammont ta' EUR 261,293 miljun huwa kopert mill-QFP attwali għall-perjodu 2019-2020 u ~~minn~~ **kompatibbli mal-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP ġdid għall-perjodu 2021-2027 (ara l-intestatura 4 Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri f'COM(2018) 321 tat-2 ta' Mejju 2018).**

Dawn in-nefqiet se jkopru:

– L-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-erba' komponenti tal-interoperabbiltà (il-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP), is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (BMS kondiviż), ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR), u d-detettur ta' identitajiet multipli (MID) inklużi fil-proposta legali flimkien mar-repożitorju komuni għar-rappurtar u għall-istatistiki (CRRS). L-eu-LISA se taġixxi bħala r-rappreżentant tas-

sid tal-proġett u tuża l-persunal tagħha stess għall-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet, għall-għażla tal-kuntratturi, għat-tmexxija tal-ħidma tagħha, għas-sottomissjoni tar-riżultati għal sett ta' testijiet u għall-aċċettazzjoni tax-xogħol li jkun sar.

– Il-kostijiet involuti fil-migrazzjoni ta' *data* tas-sistemi ta' legat għall-komponenti l-ġodda. Madankollu, l-eu-LISA m'għandha ebda rwol dirett fit-tagħbija inizjali tad-*data* għall-MID (il-validazzjoni tal-links) għaliex din hi azzjoni fuq il-kontenut tad-*data* nnifsu. Il-migrazzjoni ta' *data* bijometrika ta' sistemi ta' legat tikkonċerna l-format u t-tikketta tad-*data* u mhux il-kontenut tad-*data*.

– Il-kostijiet għall-aġġornar u għall-funzjonament tal-ECRIS-TCN għal sistema b'disponibbiltà kbira mill-2022 'il quddiem. L-ECRIS-TCN hi s-sistema ċentrali li fiha r-rekords kriminali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Is-sistema hi ppjanata li ssir disponibbli sal-2020. Il-komponenti tal-interoperabbiltà huma mistennija li wkoll jaċċessaw is-sistema li, għalhekk, jenħtieġ li ssir ukoll sistema b'disponibbiltà kbira. In-nefqiet operazzjonali jinkludu l-ispiża addizzjonali għall-kisba ta' dik id-disponibbiltà kbira. Hemm kost sinifikanti tal-iżvilupp fl-2021 segwit minn kost kurrenti għall-manutenzjoni u għall-operazzjonijiet. Dawn il-kostijiet mhumiex inklużi fl-Iskeda Finanzjarja Leġiżlattiva tar-reviżjoni tar-regolament li stabbilixxa l-eu-LISA[77] li jinkludi biss baġits mill-2018 sal-2020 u, għalhekk, ma jidħolx f'din it-talba tal-baġit.

– Il-mudell tan-nefqa hu r-riżultat tas-sekwenzjar tal-proġett. Peress li l-komponenti differenti mhumiex indipendenti minn xulxin, il-perjodu ta' żvilupp hu mifrux bejn l-2019 u l-2023. Madankollu, mill-2020 diġà jkunu bdew il-manutenzjoni u l-operazzjonijiet fuq l-ewwel komponenti disponibbli. Dan jispjega għaliex in-nefqiet jibdew bil-mod, jiżdiedu u mbagħad jonqsu għal valur kostanti.

– In-nefqiet taħt it-titolu 1 (nefqa fuq il-persunal) isegwu s-sekwenzjar tal-proġett: hu meħtieġ aktar persunal biex jitlesta l-proġett mal-kuntrattur (li l-ispejjeż tiegħu jinsabu taħt it-titolu 3). Meta jitlesta l-proġett, parti mit-tim li jaħdem biex ilestih jiġi assenjat għal xogħol ta' evoluzzjoni u ta' manutenzjoni. Fl-istess ħin, jiżdied il-persunal għat-tħaddim tas-sistemi li jkunu għadhom kif tlestew.

– In-nefqa taħt it-titolu 2 (nefqa fuq l-infrastruttura u amministrattiva) tkopri l-ispazju addizzjonali tal-uffiċċju għall-ospitar temporanju tat-timijiet tal-kuntrattur inkarigati mill-kompiti relatati mal-iżvilupp, mal-manutenzjoni u mal-operazzjonijiet. Għaldaqstant, ix-xejra maż-żmien tan-nefqa wkoll issegwi l-evoluzzjoni tal-livelli tal-persunal. Il-kostijiet għall-ospitar ta' tagħmir addizzjonali diġà ġew inklużi fil-baġit tal-eu-LISA. Lanqas ma hemm kostijiet addizzjonali għall-ospitar tal-persunal tal-eu-LISA peress li dawn huma inklużi fil-kostijiet standard tal-persunal.

– In-nefqa taħt it-titolu 3 (nefqa operazzjonali) tinkludi l-kost biex il-kuntrattur jiżviluppa u jmantni s-sistema, u l-akkwiżizzjoni ta' ħardwer u ta' softwer speċifiċi.
Għall-ewwel l-ispejjeż tal-kuntrattur jibdew bl-istudji għall-ispeċifikazzjoni tal-komponenti u l-iżvilupp jibda għal komponent wieħed biss (is-CRRS). Imbagħad, matul il-perjodu 2020-2022, l-ispejjeż jiżdiedu hekk kif jibdew jiġu żviluppati aktar komponenti b'mod parallel. Il-kostijiet ma jonqsux wara li jilħqu l-quċċata għaliex il-kompiti ta' migrazzjoni tad-*data* huma partikolarment tqal f'dan il-portafoll tal-proġett.

[77] COM 2017/0145 (COD) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u li jemenda r-Regolament (KE) 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u jħassar ir-Regolament (UE) 1077/2011.

Imbagħad il-kostijiet tal-kuntrattur jonqsu hekk kif il-komponenti jitlestew u tibda l-modalità tal-operazzjonijiet tagħhom, li teħtieġ xejra stabbli tar-riżorsi.

Fl-istess ħin mal-ispejjeż taħt it-titolu 3, in-nefqa fl-2020 tiżdied bis-saħħa meta mqabbla mas-sena ta' qabel minħabba l-investiment totali għall-ħardwer u għas-softwer li hu neċessarju matul l-iżvilupp. L-ispejjeż taħt it-titolu 3 (spejjeż operazzjonali) jitilgħu f'daqqa fl-2021 u fl-2022 għaliex l-ispejjeż tal-investiment fuq il-ħardwer u s-softwer għall-ambjenti operazzjonali tal-IT (il-produzzjoni u l-preproduzzjoni kemm għall-unità ċentrali kif ukoll għall-unità ċentrali ta' riżerva) jiġġarrbu fis-sena ta' qabel l-attivazzjoni uffiċjali, b'mod rispettiv għall-komponenti tal-interoperabbiltà (is-CIR u l-MID) b'rekwiżiti għoljin fuq is-softwer u l-ħardwer. Ladarba jibdew joperaw, l-ispejjeż għall-ħardwer u għas-softwer isiru essenzjalment spejjeż tal-manutenzjoni.

– Hawn taħt jingħataw aktar dettalji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**5**	"Nefqa amministrattiva"

L-intestatura 5 fil-QFP attwali ssir l-intestatura 7 fil-QFP l-ġdid (mill-2021 'il quddiem).

f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzonijiet deċimali)

		Sena **2019**	Sena **2020**	Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL**
DĠ HOME											
• Riżorsi umani Numru tal-linja baġitarja 18.01		0,690	0,690	0,690	0,690	0,690	0,690	0,276	0,276	0,276	4,968
Spejjeż amministrattivi oħra (laqgħat, eċċ.)		0,323	0,323	0,323	0,323	0,323	0,323	0,263	0,263	0,263	2,727
TOTAL DĠ HOME	Approprjazzjonijiet	1,013	1,013	1,013	1,013	1,013	1,013	0,539	0,539	0,539	7,695

TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-Intestatura ~~7~~5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	**1,013**	**1,013**	**1,013**	**1,013**	**1,013**	**1,013**	**0,539**	**0,539**	**0,539**	**7,695**

f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzonijiet deċimali)

		Sena **2019**	Sena **2020**	Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	Sena 2028	**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI MINN 1 sa ~~7~~5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	7,533	26,569	104,672	~~98,591~~ **118,967**	~~83,363~~ **89,639**	~~25,256~~ **27,656**	~~28,088~~ **30,488**	~~28,088~~ **30,408**	~~22,658~~ **25,058**	0	~~424,738~~ **460,990**
	Pagamenti	7,533	26,569	96,042	~~97,591~~ **117,967**	~~83,993~~ **90,269**	~~34,256~~ **36,656**	~~28,088~~ **30,488**	~~28,088~~ **30,408**	~~22,658~~ **25,058**	0	~~424,738~~ **460,990**

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.2.1. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-Aġenzija EBCG

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-għanijiet u r-riżultati **EBCG Aġenzija** ⇩			Sena **2019**		Sena **2020**		Sena **2021**		Sena **2022**		Sena **2023**		Sena **2024**		Sena **2025**		Sena **2026**		Sena **2027**		**TOTAL**	
	Tip[78]	Kost medju	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Nru totali	Kost totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[79] Validazzjoni tal-links																						
Nru ta’ membri tal-persunal reklutati bħala esperti biex	Kostijiet tal-kuntrattur		0	0	0	0	0	0	0.8	0,183	10	2,200	0	0	0	0	0	0	0	0		2,383
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1			**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0.8**	**0,183**	**10**	**2,200**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**		**2,383**

Dawn in-nefqiet se jkopru:

– Ir-reklutaġġ ta’ biżżejjed manodopera addizzjonali (stima ta’ madwar 10 esperti) għall-persunal intern eżistenti (stima ta’ madwar 20 persuna) li se jiġu ospitati fl-EBCG biex jivvalidaw il-links. Hemm biss xahar ta’ reklutaġġ qabel id-data tal-bidu ppjanata biex jintlaħqu l-livelli meħtieġa ta’ persunal.

[78] Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li jridu jiġu pprovduti (pereż.: l-għadd ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, l-għadd ta’ kilometri ta’ toroq mibnija, eċċ.).

[79] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi…”.

– Ma huma stmati ebda kostijiet oħra tal-kuntrattur. Is-softwer meħtieġ hu parti mill-ispejjeż tal-liċenzja tal-BMS kondiviż. Ma hemm ebda kapaċità speċifika ta' proċessar tal-ħardwer. Hu mistenni li l-persunal tal-kuntrattur se jiġi ospitat mill-EBCG. Għaldaqstant, taħt l-ispejjeż tat-Titolu 2, għal kull persuna jiżdied il-kost annwali medju ta' 12-il metru kwadru.

3.2.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-Europol

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-għanijiet u r-riżultati **Europol** ⇩			Sena **2019**		Sena **2020**		Sena **2021**		Sena **2022**		Sena **2023**		Sena **2024**		Sena **2025**		Sena **2026**		Sena **2027**		**TOTAL**	
	Tip[80]	Kost medju	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Nru totali	Kost totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[81] Żvilupp u Manutenzjoni tas-sistemi tal-(Europol)																						
Ambjent tal-IT	Infrastruttura					1,840		1,840		0,736		0,736		0,736		0,736		0,736		0,736		8,096
Ambjent tal-IT	Ħardwer					3,510		3,510		1,404		1,404		1,404		5,754		5,754		1,404		26,144
Ambjent tal-IT	Softwer					0,670		0,670		0,268		0,268		0,268		0,268		0,268		0,268		2,948

[80] Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li jridu jiġu pprovduti (pereż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

[81] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi…".

Xogħlijiet ta' żvilupp	Kuntrattur				0,360		0,360												0,720
Subtotal			**0**		**6,380**		**6,380**		**2,408**		**2,408**		**2,408**		**7,758**		**7,758**		**2,408**		**37,908**

Dawn in-nefqiet se jkopru l-bżonn li jissaħħu s-sistemi ta' informazzjoni tal-Europol u l-infrastruttura biex tiġi akkomodata ż-żieda tat-tfittxijiet. Dawn il-kostijiet jinkludu:

– l-aġġornar tas-sigurtà u tal-infrastruttura tan-netwerk, il-ħardwer (servers, ħżin) u s-softwer (liċenzji). Dawn l-aġġornamenti se jkollhom jiġu ffinalizzati qabel ma l-portal Ewropew tat-tfittxija u l-ETIAS jibdew joperaw fl-2021, u l-ispejjeż tqassmu b'mod indaqs bejn l-2020 u l-2021. Mill-2022, bħala bażi biex jiġu kkalkolati l-ispejjeż tal-manutenzjoni ttieħdet ir-rata ta' manutenzjoni annwali ta' 20 %. Barra minn hekk, kien ikkunsidrat iċ-ċiklu standard ta' ħames snin biex jinbidlu ħardwer u infrastruttura antikwati.

– Il-kostijiet tal-kuntrattur għax-xogħlijiet ta' żvilupp biex jimplimenta l-QUEST b'livell bażiku ta' protezzjoni.

3.2.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tas-CEPOL

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-għanijiet u r-riżultati **CEPOL** ⇩			Sena **2019**		Sena **2020**		Sena **2021**		Sena **2022**		Sena **2023**		Sena **2024**		Sena **2025**		Sena **2026**		Sena **2027**		**TOTAL**	
	Tip[82]	Kost medju	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Nru totali	Kost totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[83] L-iżvilupp u l-għoti ta' korsijiet ta' taħriġ																						
L-għadd ta' korsijiet residenzjali	0,34 għal kull kors		0		1	0,040	4	0,136	8	0,272	2	0,068	2	0,068	2	0,068	2	0,068	2	0,068		0,788
Taħriġ online	0,02			0				0,040		0,002		0,002		0,002		0,002		0,002		0,002		0,052
Subtotal				**0**		**0,040**		**0,176**		**0,274**		**0,070**		**0,070**		**0,070**		**0,070**		**0,070**		**0,840**

[82] Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li jridu jiġu pprovduti (pereż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

[83] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi…".

Biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-użu uniformi tas-soluzzjonijiet tal-interoperabbiltà, it-taħriġ se jiġi organizzat kemm b'mod ċentrali fil-livell tal-UE mis-CEPOL kif ukoll mill-Istati Membri. In-nefqa għat-taħriġ fil-livell tal-UE tinkludi:

– l-iżvilupp ta' kurrikulu komuni li għandu jintuża mill-Istati Membri meta jimplimentaw it-taħriġ nazzjonali;

– attivitajiet residenzjali għat-taħriġ ta' min iħarreġ. Fis-sentejn li jiġu eżatt wara li jibdew joperaw is-soluzzjonijiet tal-interoperabbiltà, it-taħriġ hu mistenni jiġi implimentat fuq skala akbar u aktar tard jibqa' jingħata permezz ta' żewġ korsijiet ta' taħriġ residenzjali fis-sena.

– kors online biex jiġu kkomplimentati l-attivitajiet residenzjali fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri.

3.2.2.4. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-eu-LISA

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-għanijiet u r-riżultati **Eu-LISA** ⇩			Sena **2019**		Sena **2020**		Sena **2021**		Sena **2022**		Sena **2023**		Sena **2024**		Sena **2025**		Sena **2026**		Sena **2027**		**TOTAL**	
	Tip[84]	Kost medju	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Nru totali	Kost totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[85] Żvilupp tal-Komponenti tal-Interoperabbiltà																						
Sistemi mibnija	Kuntrattur			1,800		4,930		8,324		4,340		1,073		1,000		0,100		0,020		0,020		21,607
Prodotti tas-softwer	Softwer			0,320		3,868		15,029		8,857		3,068		0,265		0,265		0,265		0,265		32,202
Prodotti tal-ħardwer	Ħardwer			0,250		2,324		5,496		2,904		2,660		0,500		0		0		0		14,133
Taħriġ fl-IT	Taħriġ u oħrajn			0,020		0,030		0,030		0,030		0,030		0,050		0,050		0,050		0,050		0,340
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1				**2,390**		**11,151**		**28,879**		**16,131**		**6,830**		**1,815**		**0,415**		**0,335**		**0,335**		**68,281**

84 Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li jridu jiġu pprovduti (pereż.: l-għadd ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, l-għadd ta’ kilometri ta’ toroq mibnija, eċċ.).
85 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi…”.

– Dan l-għan jinkludi biss l-ispejjeż għat-tlestija tal-erba' komponenti tal-interoperabbiltà u tas-CRRS.

– Il-kostijiet għall-BMS kondiviż ġew stmati filwaqt li ttieħdet inkonsiderazzjoni s-suppożizzjoni li l-EES li se tiġi żviluppata se sservi bħala s-sistema ċentrali għall-iżvilupp. Għaldaqstant, hu ppjanat li jerġgħu jintużaw il-liċenzji tas-softwer bijometriku (EUR 36 miljun) inklużi għall-EES.

